

# L-IMQABBA
# 400 sena Parroċċa taħt il-Patroċinju ta' Santa Marija
# 1598-1998

**The Quality in People Award** was awarded to Elbros Construction Ltd. in October last year.

The Award confirms the Company's commitment to its human resources and has consolidated further its impressive achievements.

**Elbros Construction Ltd.** - *the Company which puts people FIRST.*

# EBCON GROUP OF COMPANIES

*(the leading Companies: Elbros Construction Ltd., Elbros Concrete Ltd., PPB Malta Ltd. and Malta Fishfarming Ltd.)*




Awarded the 1995 Euromarket Award by the European Market Research Centre in Brussels for being outstanding in management, quality, technical innovation, service, business level and prestige in the European market




EBCON Group of Companies

Triq l-Industrija
Kirkop ZRQ 10

Tel: (356) 249999
Fax: (356) 685075

SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V
MQABBA
EST. 1910

Palazz Santa Marija
Pjazza tal-Parroċċa, Mqabba, Malta
Tel: 683020
Email: marju@orbit.net.mt
www.orbit.net.mt/public/users/marju_1129/

# WERREJ


| | |
|---|---|
| Kumitat Eżekuttiv 1998 | 3 |
| Messaġġ mill-President | 5 |
| L-Awgurju tas-Sindku | 9 |
| Il-Kelma tal-Kappillan | 11 |
| Mill-Pinna tas-Segretarju | 13 |
| Appell mill-Kaxxier | 17 |
| Minn Fomm id-Direttur Spiritwali | 19 |
| Kelmtejn mis-Surmast tal-Banda | 21 |
| Profil - Ġużeppi Galea | 23 |
| Messaġġi Internazzjonali lis-Soċjetà | 29 |
| Preżenza Kristjana - 1600 sena ilu | 35 |
| Rapport - Kummissjoni Banda | 43 |
| Messaġġ mill-Kumitat Nisa | 47 |
| L-Imqabba kif naraha | 49 |
| Il-Banda Leipzig Jugend Blasorchester | 51 |
| L-Assunzjoni tal-Madonna | 53 |
| **PROGRAMM FESTI ESTERNI** | 54 |
| **PROGRAMM FESTI INTERNI** | 57 |
| 50 Sena Banda | 59 |
| Sezzjoni Żgħażagħ | 63 |
| Programm Strumentali 10.08.98 - Servizzi | 65 |
| Informazzjoni fuq il-Mużika | 67 |
| Niltaqgħu ma' ħames Bandisti Ġodda | 69 |
| Minn fejn se jgħaddi l-Marċ? | 73 |
| L-Istatwa ta' Santa Marija ġewwa l-Pjazza | 77 |
| Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar | 81 |
| **PROGRAMM TAN-NAR** | 85 |
| Ġemellaġġ | 87 |
| Tirraporta l-Kummissjoni Armar | 99 |
| Rapport mid-Direttur tal-Każin | 101 |
| L-Altari Laterali fil-Knisja Parrokkjali | 103 |
| Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija | 107 |
| Restawr tal-Pedestall tal-Fidda | 113 |
| Poeżija - "Lir-Raħal ta' l-Imqabba" | 117 |
| Ringrazzjamenti/Rendikont | 120 |


**Bord Editorjali**
Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Chris Spiteri

**Artikolisti**
Carmel Zahra
Emmanuel Buttigieg
Dun Joe Bartolo
Carmel Ellul
Carmel Briffa
Patri J.M. Ghigo
Carmel Bianchi
David Agius
Joseph Farrugia
Francesco Mancini
Valeriano Pettinelli
Alfred Galea
Patrick Mallia
Joe Chetcuti
Carmen Lia
Ġorġ Bianchi
Victor Galea
Tony Terribile



**Ritratt tal-Qoxra**
*Quddiem:* Pittura tal-Madonna mtellgħa s-sema, xogħol ta' Chev. P. Camilleri Cauchi fuq sfond tar-raħal ta' l-Imqabba.
*Wara:* Dehra tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba armata għall-festa titulari ta' Santa Marija.

**Ritratti**
Zammit Photo Studio • Arkivji tas-Soċjetà
Carmen Lia • Joseph Farrugia • Michael Zammit

**Proof Reading** • Elvin Sciberras

**Disinn u Stampar**
Bestprint Ltd, Żurrieq Road, Qrendi
Tel/Fax: 680789 jew 09499084

© 1998 Drittijiet Riservati • Soċjetà Santa Marija, Mqabba

# Magic Kiosk



## Magic at it's Best

Put some magic into soft seaside evenings.
Magic Kiosk invites you to enjoy the best of cafe' society every evening after 7.00pm, it's delightful range of suppers, snacks and beverages. Simply come, then sit back and savour the service, sights and sounds of another of Sliema 's best loved institutions.

**Magic Kiosk , The Ferries, Sliema.**

# SOĊJETÀ SANTA MARIJA BANDA RE ĠORĠ V MQABBA

EST. 1910



## KUMITAT 1998

**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr Louis Galea B.A.,LL.D.,M.P.
Onor. Joseph Farrugia M.P.

**Membru Onorarju**
L-E.T. s-Sur Graham Archer
Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Joseph Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Francis Vella

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Chris Spiteri

**Direttur tal-Każin**
Victor Galea

**Delegat għall-Armar**
Paul Gauci

**Delegat għan-Nar**
Anthony Farrugia

**Membru**
Anthony Farrugia

**Membru**
Joseph Camilleri

**Direttur Spiritwali**
Patri Joseph M. Ghigo S.J.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro David Agius A.Mus. V.C.M.(Hons), L.C.M.

**Kummissjoni għall-Banda**
Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra,
Joseph Zammit, Mark Zammit

**Rappreżentant fl-Għaqda**
Każini tal-Baned Maltin
Carmel Briffa

**Reviżuri**
Andrew Ellul
Mario Sciberras


"Il-Festa t-Tajba"
RED LEAF
PALE ALE
BEER BIRRA

# Messaġġ mill-President

Carmel Zahra

***Għeżież Soċi u Partitarji,***

Meta tkunu qegħdin taqraw dan il-messaġġ tiegħi, jekk il-Bambin irid, ikun għad fadal biss ftit ġranet qabel niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina f'ġieħ il-patruna ta' raħalna, Ommna Marija Assunta. Din is-sena, aktar minn snin oħrajn, inħoss li l-festa għandha sinifikat speċjali doppju. Kif tafu din is-sena jaħbat għeluq l-400 mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna. 400 sena ilu missirijietna għażlu li jpoġġu lil raħalna taħt il-patroċinju ta' Santa Marija. Għalhekk taqblu magħna li din is-sena għandna għalfejn niċċelebraw bil-kbir din il-festa għażiża tagħna. Aspett importanti ieħor li nħoss għandu jagħti sinifikat speċjali lill-festa ta' din is-sena huma s-sensiela ta' laqgħat li saru matul din is-sena bejn il-kumitati taż-żewġ każini ewlenin tar-raħal tagħna. Flimkien mal-Kappillan tal-parroċċa tagħna, W.R. Dun Joe Bartolo, kellna għadd ta' laqgħat mal-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju li fil-fehma tagħna għandhom jiswew ta' ġid kbir għar-raħal tagħna. Bħala President tal-Każin ta' naħa minnhom, inħoss li meta bejn żewġ partijiet ikun hemm forma ta' ftehim, tonqos dik it-tensjoni bla bżonn li toħloq anke ċertu firda bejnietna. Inħoss li l-ewwel pass, anke jekk forsi jidher ftit tqil, sar. Għalhekk nagħmlu kuraġġ ħalli jekk Alla jrid, aktar 'il quddiem inkunu nistgħu nħossu s-sodisfazzjon li fl-aħħar mill-aħħar wasalna għal xi ħaġa. Nappella lil kulħadd (partitarji taż-żewġ festi tar-raħal tagħna) biex jifhem u japprezza dak li qegħdin nippruvaw nagħmlu aħna. Tafu li jeħtieġ issa li intom tagħmlu l-parti tagħkom. Jekk ma jkunx hekk taqblu li l-isforzi li għamilna ma jiswew għal xejn. J'Alla dak li nixtiequ aħna jseħħ. Naf li s-soltu l-appelli jsiru fl-aħħar, però ħassejt li dan il-fatt għandi nagħtih importanza assoluta.

Kif kulħadd naħseb li jaqbel miegħi, is-sena li għaddiet kellna festa kbira li ftit tista' tintesa. Is-suċċess inkiseb minn kull lat. Kienet festa li fakkret b'mod xieraq u oriġinali għeluq il-50 sena minn meta fi ħdan is-Soċjetà tagħna twieldet il-Banda Re Ġorġ V. Wara ħidma kbira tas-Sur Alfred Galea flimkien magħna l-kumitat, kellna ż-żjara fostna tal-Banda Taljana minn Santa Vittoria in Matenano, provinċja ta' Ascoli Piceno. Dan l-aspett żgur li kien fattur li ta spinta kbira lill-festa. Apparti li l-banda kisbet l-ammirazzjoni u s-suċċess permezz tal-marċi u kunċerti li tat kemm ġewwa raħalna għall-festa, ġewwa l-gżira ta' Għawdex, kif ukoll ġewwa l-Belt Valletta qabel ma saret laqgħa kordjali mal-President ta' Malta, l-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici, kellna sodisfazzjoni kbir naraw li din l-inizjattiva rnexxiet mija fil-mija.



*Il-President, is-Sur Carmelo Zahra, jagħti messaġġ ta' l-okkazjoni nhar l-10 t' Awissu, 1997.*

Aspett ieħor li żgur kellu parti mportanti ferm mis-suċċess tal-festa tas-sena li għaddiet, kien bla dubju l-ispettaklu piroteknku li offriet l-Għaqda tan-nar Santa Marija matul il-ġranet tal-festa b'mod speċjali lejlet u nhar il-festa. Bla dubju wara l-festa tas-sena l-oħra, l-Għaqda tan-nar tagħna laħqet il-quċċata fejn jidħol rispett u ammirazzjoni minn kull parti ta' Malta u Għawdex. U dan mhux jien qiegħed ngħidu. Jistgħu jixhduh l-għadd ta' ittri li deħru fuq il-gazzetti wara l-festa kif ukoll l-ammont kbir ta' nies li segwew l-ispettaklu. Jien personali, li kelli x-xorti nsegwi ftit mill-ispettaklu ta' lejlet il-festa, għadni ma nistax ninsa l-ispettaklu oriġinali li ġie ppreżentat bil-ħruq sinkronizzat mal-mużika. Verament ħaqqhom prosit id-dilettanti tan-nar li ħadmu u għadhom jaħdmu. U nħossni nkun qiegħed nonqos bil-kbir jekk ma

# Now Middle Sea has a better way to protect your assets *and* you get a 10% discount into the bargain.

You may already have separate motor and home policies.

But if you take out both our new Motor and Home insurance policies, you'll be entitled to a 10% discount on the Motor insurance premium.

That's good news.

After all, protecting your two most important assets must make good sense.

Protecting them both under one Middle Sea roof makes sense too.

Freephone us on 0800 772277 now or call any of our authorised intermediaries and ask for a quote.

*Freephone*

*0800 772277*

**MiddleSea***motor*

nirringrazzjax lil kull min, anke jekk b'sagrifiċċju u sogru personali kbir, jagħmel sena sħiħa xogħol. U waqt li qiegħed insemmi lil tan-nar ma nistax ma niftakarx fil-ħabib tagħna Nicholas Cassar li sfortunatament ħalliena wara inċident fatali bin-nar. Kienet traġedja li ħalliet lil kulħadd issummat. Kulħadd kien jaf lil Kola l-aktar aħna li għamilna snin naħdmu flimkien. Kola għamel ħafna snin magħna li matulhom ħadem ħafna fi ħdan is-Soċjetà. U bil-ħsieb ta' Kola ġewwa moħħi, inħossni fid-dmir li nappella lil kull min għandu x'jaqsam mal-ħidma tan-nar, mhux biss dawk fi ħdan is-Soċjetà tagħna iżda d-dilettanti kollha ta' raħalna u Malta kollha, biex joqogħdu dejjem aktar attenti waqt ħidmiethom. Nitolbu lill-Madonna biex iżżomm idejHa fuqhom.

Wara li semmejt ftit il-festa tas-sena l-oħra, naħseb ikun xieraq indur lejn il-festa ta' din is-sena. Biex inħallu tifkira sabiħa ta' għeluq l-400 sena ta' l-Imqabba bħala parroċċa awtonoma, il-kumitat ħaseb li jżanżan opra artistika oħra kbira ġewwa l-Każin tagħna. Fil-fatt ġewwa s-sala ewlenija, faċċata tal-pittura tal-Konvoj li żżanżnet fl-1992, ser issir pittura oħra, opra oħra artistika tal-bravu artist Għawdxi Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Din l-opra kienet possibbli li ssir wara l-inizjattiva tal-Kumitat tan-Nisa fi ħdan is-Soċjetà tagħna li permezz ta' għadd ta' attivitajiet li organizzaw kif ukoll permezz tal-ġbir li jagħmlu matul is-sena, irnexxielhom jiġbru l-fondi meħtieġa biex jiffinanzjaw din l-opra li ser tkompli ssebbaħ il-Każin tagħna. Tassew ħaqqhom prosit li appena sena u nofs wara li taw spinta qawwija biex sar l-arkivju, issa ser jirregalaw opra hekk sabiħa. J'Alla nkomplu dejjem sejrin hekk.

Wara n-nisa issa ndur fuq iż-żgħażagħ. Bħal dejjem huma taw kontribut qawwi b'risq il-Festa. Fuq inizjattiva tagħhom din is-sena ser jiżdied l-armar matul Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kif ukoll xi toroq oħrajn madwar ir-raħal. Filwaqt li nirringrazzjahom għall-isforzi tagħhom li jagħmlu matul is-sena kollha, nappella lil żgħażagħ oħrajn li jiffrekwentaw il-Każin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-festa, biex ikunu aktar attivi matul il-kumplament tas-sena. Ftakru li intom il-mera tal-futur. Il-frott tal-ħidma tagħkom huwa bla dubju l-akbar investiment li s-Soċjetà tagħna jista' jkollha.

Il-Banda tagħna, li hija bla dubju l-ħajja ewlenija tas-Soċjetà tagħna, din is-sena, wara li s-sena l-oħra paxxietna permezz tas-servizzi li tat, ukoll ħadmet bla waqfien biex tippreżentalna programm ta' mużika li tolqot il-gosti ta' kulħadd kif ukoll biex tirregala numru ta' bandisti ġodda lis-Soċjetà tagħna. Nirringrazzja b'mod speċjali lis-Surmast tagħna Mro David Agius li flimkien mal-Kummissjoni Banda u l-bandisti tal-post għamlu sena sħiħa jaħdmu flimkien biex dan kollu seta' jkun possibbli.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazza lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv, lill-membri tas-Sotto Kumitati fi ħdan is-Soċjetà u lil min ta l-għajnuna tiegħu sabiex naslu għal festa oħra kbira f'ġieh il-Patruna tar-raħal tagħna Santa Marija. Tislima oħra tmur għall-emigranti Mqabbin kollha b'mod speċjali lil dawk li ser ikunu preżenti magħna għall-ġranet tal-Festa. Nixtieq ngħaqqad il-konklużjoni ta' dan il-messaġġ b'xi mod ma' l-introduzzjoni billi nappella lill-partitarji tagħna biex iġibu ruħhom sewwa waqt il-marċi. Nemmen li nistgħu, u ninsab ċert li kapaċi nifirħu flimkien mingħajr ma noffendu lil ħadd. Dan għandu jkun issa l-pass tagħkom biex dak li bdejna aħna l-kumitati flimkien tkomplu tagħmluh magħna intom.

***Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Poplu Mqabbi kollu.***

## Lill-Patruna ta' l-Imqabba

Nixtieq insellimlek
O sbejħa Marija
U nfaħħrek minn qalbi
F'din il-poeżija.

Mill-bidu ta' ħajtek
Imwielda bla tebgħa
U b'ruħek u b'ġismek
Ġejt imtellgħa s-sema.

Kont int O Marija
Li wassalt fil-ħin,
Qawwi u sħiħ il-konvoj
fil-gżejjer Maltin.

Kif nista' qatt nieqaf
Infaħħrek Marija
Int li tant jisthoqqlok
Kull qima w foħrija.

Min iżjed hu minnek
Hekk safi u pur?
Min kellu jkun bħalek
Tkun omm is-Sinjur?

Patruna magħżula
Minna l-Imqabbin
U bir-raġun kollu
Aħna bik kburin.

Marija Assunta
F'dan jumek berikna
U qatt le minn ibnek
Nitbiegħdu ħallina.

**Patrick Mallia**
Birkirkara

# GOLIATH DEVELOPMENT LTD

## Building and Civil Engineering Contractors



6, St. Benedict Street, Kirkop
Tel: 642143

# L-Awgurju tas-Sindku

Emanuel Buttigieg

***Għeżież Imqabbin, Insellmilkom u nagħtikom ilkoll il-festa t-tajba.***

Għaddiet sena oħra u l-festa ta' Santa Marija reġgħet magħna. Veru li ż-żmien itir u ma jistenna lil ħadd. Din hija l-ħames sena li jien ġejt mitlub biex nagħti il-messaġġ tiegħi bħala sindku ta' dan ir-raħal fil-programm tagħkom. Barra li nħossni onorat li nikteb f'dan il-programm, inħoss li hu dmir tiegħi li nagħti l-messaġġ f'din l-okkażjoni ta' ferħ lill-Imqabbin kollha.

Il-festa ta' din is-sena għalkemm hija festa bħal tas-snin l-oħra, m'għandhiex tiġi u tmur u ma tħallix il-frott mixtieq, qisu ma ġie xejn. Din is-sena l-festa għandha tfakkarna li r-raħal ta' l-Imqabba, erba' mitt sena ilu sar Parroċċa. Kien l-Isqof Gargallo li fil-15 ta' Settembru, 1598 qata' x-xewqa ta' missirijietna li kien ilhom jitolbu lill-awtoritajiet tal-Knisja biex l-Imqabba ssir Parroċċa taħt it-titlu ta' Ommna Marija mtellgħa s-sema. Għalhekk għal kull wieħed u waħda minna għandu jkollha s-sinifikat speċjali. Ferħu l-Imqabbin għal din l-aħbar u għamlu festi kbar dakinhar u baqgħu jiffesteġġjaw din il-festa bl-akbar solennità kull sena sal-ġurnata ta' llum.

Il-parroċċa tgħaqqad lin-nies ta' dak ir-raħal jew belt flimkien. Il-poplu kollu għandu jkun kburi bil-Parroċċa tiegħu u jaħdem u jistinka biex il-komunità ta'dak ir-raħal jew belt tkun magħquda, b'hekk jimxi 'l quddiem u jkun verament jista' jifraħ flimkien fil-festa tiegħu. Dan huwa l-iskop tal-festi u min jaħseb li hemm xi skop ieħor barra minn dan ikun sejjer imqarraq.

Il-festi jiġu biex iferrħu u jgħaqqdu flimkien il-komunità kollha. Għalhekk huwa d-dmir tagħna lkoll kemm aħna li naħdmu biex ikollna festa sabiħa. Festa li minbarra li tkun festa materjali kif jixraq, ma ninsewx dak li huwa l-aktar importanti, jiġifieri dak spiritwali, bħal qrara tajba, tqarbina ġenwina, u billi nieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja li tipprepara b'tant solennità għal din il-festa hekk kbira.

L-Imqabbin huma kburin bil-festa tagħhom u taqta' xi żewġ irjus sħan li ma jafux la x'inhi l-festa u lanqas jikkontrollaw lilhom infushom mill-passjonijiet partiġġjani, dejjem kellna festi sbieħ u li jagħmlu unur lir-raħal tagħna. Għalhekk ejjew nifirħu fil-festa tagħna lkoll filwaqt li nieħdu pjaċir aħna nagħtu wkoll pjaċir lil eluf ta' barranin li jiġu jżuruna fil-jiem tal-festa, billi nagħtuhom eżempju tajjeb kemm bi kliemna u anke b'għemilna.



*Is-Sur Emmanuel Buttigieg (lemin) flimkien mal-President tal-Provinċja ta' Ascoli Piceno, Dott Pietro Colmnella.*

Fl-Imqabba jsiru festi kbar kemm fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju kif ukoll fil-festa Titulari, dik ta' Santa Marija. In-nies jattendu bi ħġarhom u jkun hawn verament biex wieħed jieħu pjaċir kemm bil-knisja armata u l-funzjonijet tagħha, bil-marċi brijużi, bl-armar u t-tiżjin fit-toroq u anke bin-nar kemm dak ta' l-art kif ukoll dak ta' l-ajru. L-Imqabbin huma magħrufa biżżejjed għall-festi kbar li jagħmlu. Din hija ħaġa sabiħa u ta' min jieħu gost biha. Ma nħallux lil min jipprova jħammġilna l-festi tagħna, jew jinqeda bl-festi tagħna għall-iskopijiet ta' moħħu u li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' festa ġenwina kif tassew nixtiequ li jkollna.

Nagħlaq billi nixtieq il-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, kemm dawk li joqogħdu fl-Imqabba jew barra minnha kif ukoll lill-morda u lill-anzjani tagħna. J'Alla l-festa ta' din is-sena speċjali, fl-okkazjoni ta' l-erba' mitt sena Parroċċa, tkun il-bidu ta' aktar koordinament u ftehim li jirriżulta f'għaqda dejjiema għall-ġid ta' l-Imqabbin kollha.

# Ristorante Cosmana Navarra

For exquisite
a' la carte cuisine...

Served by a young team of professionally trained staff, experience the authentic feeling of being at home in a house of character, set in a historic area in the middle of Rabat.





The quality of the food and excellent service are proof of the high standards reached at Ristorante Cosmana Navarra.

Business Lunches

For Reservations
Telephone:

(0356) 450638
(0356) 452415

28 St. Paul Street
Rabat RBT 12.

# Il-Kelma tal-Kappillan

Fr Joe Bartolo

***Għeżież Imqabbin,***

Is-sena ċentinarja tinsab miexja sew. Il-kelma 'mixja' hija kelma adattata għal dan l-avveniment. Il-festi ċentinarji m'humiex skop fihom infushom, imma huma parti mill-mixja - mixja wara Kristu. Il-parroċċa tagħna issa ilha 400 sena miexja fit-triq ta' Kristu bħala komunità parrokkjali indipendenti. Meta ngħidu indipendenti hawnhekk ma rridux nifhmu maqtugħin għal rasna, għax aħna xorta niffurmaw parti mid-djoċesi u d-djoċesi tifforma parti mill-Knisja Universali. Nużaw il-kelma indipendenti biex nifhmu biss li din il-komunità hija limitata mill-konfini parrokkjali, indipendenti minn konfini ta' parroċċa oħra, għal dik li hija organizzazzjoni.



*Il-Kappillan, W.R. Dun Joe Bartolo jirċievi rigal mingħand Sig. Valeriano Pettinelli President tal-Banda minn Santa Vittoria in Matenano.*

Kull komunità parrokkjali (parroċċa) hija fl-obbligu li timxi fedelment fuq it-tagħlim ta' Kristu, kif imwassal lilna permezz tal-Knisja. Iżda fil-mixi kulħadd jgħejja. Min jibda jnaqqas il-pass u min jieqaf kważi għal kollox. U proprju għalhekk iservu l-festi ċentinarji, il-ġublewijiet, l-*Anno Santo* eċċ, biex jagħtu mbuttatura 'l quddiem lil dak li jkun, u jagħtuh tama ġdida, li l-mixja għad tispiċċa b'rebħa ma' Kristu: "Agħmlu l-qalb, jiena rbaħtha d-dinja".

Kien proprju għalhekk li f'din is-sena ċentinarja li qed niċċelebraw fil-parroċċa tagħna, l-aktar affarijiet li saru, u għad iridu jsiru fl-għeluq ta' dawn il-festi, kienu ta' natura spiritwali. Saru diversi sejħat għal aktar għaqda u mħabba bejnietna bħala komunità u dan fuq l-istess tagħlim ta' Kristu, li tant kienet importanti għalih din il-ħaġa: "Minn dan jagħrfukom li intom dixxipli tiegħi, jekk intom tħobbu lil xulxin". U f'din il-linja bejn rappreżentanti taż-żewġ partiti tal-festa flimkien miegħi, rajna ħafna rieda tajba miż-żewġ naħat li wasslet mhux biss li nitkellmu fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi ċentinarji, imma wkoll tkellimna u qbilna fuq punti li jirrigwardjaw il-festi Titulari u dik sekondarja, għall-anqas għal matul din is-sena ċentinarja.

Ir-rieda tajba qiegħda hemm u min jaħdem għal iżjed għaqda hemm ukoll, tant illi ntweriet ix-xewqa miż-żewġ naħat li dawn il-laqgħat jitkomplew. Imma l-paċi vera ma sseħħx biss bir-rieda tajba ta' xi wħud, imma bil-koperazzjoni ta' kull wieħed u waħda minna. J'Alla din il-festa titulari, li hija okkażjoni oħra f'dawn il-festi ċentinarji, tkompli tgħin biex tissaħħaħ l-għaqda u r-rispett lejn xulxin. Jiena ċert li l-biċċa l-kbira ta' l-Imqabbin ma jaqblu xejn ma' dawk il-ħafna ġesti u diskors li jsiru fil-festi tagħna. Nemmen ukoll li aktar ma nimmaturaw f'din il-ħaġa, aktar nindunaw li dawn l-affarijiet ibaxxu lil min jagħmilhom u jwaqqgħu għar-redikolu l-festi li, fuq kollox, huma festi reliġjużi.

Jiena nitlob 'l Alla jbierek lil dawk kollha li b'mod ġenwin u sinċier qed jagħtu s-sehem tagħhom għal iżjed serjetà fi żmien il-festi u nheġġeġ lil kulħadd jikkopera biex dawn l-isforzi li qed isiru jħallu l-frott mixtieq. Jiena ċert li l-Imqabba tista' tkun minn ta' quddiem fir-riformi li hemm bżonn isiru biex il-festi tal-parroċċi jilħqu l-livell għoli li jixirqilhom.

***Il-Madonna tberikkom ilkoll.***

**Fil-Jiem tal-Festa nersqu aktar lejn il-knisja biex:**
**• Nieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet LiturġIċI kollha mifrux fuq tliet ġimgħat •**
**• Napprezzaw il-ġawhra ta' tempju li jkollna armat kif jixraw matul il-Festa •**



Andrexa

FURNITURE LTD

SHOWROOMS:

TRIQ IS-SEBH, QORMI. TEL: 443957 FAX: 443964

HIGH STREET, HAMRUN. TEL: 226293



# Mill-Pinna tas-Segretarju

Carmel Ellul

***Għeżież Soċi, Partitarji, Bandisti u Benefatturi,***

Iż-żmien itir u jgerrbu l-ġranet u reġa' wasal ix-xahar ta' Awissu, xahar li fih is-Soċjetà tagħna tiċċelebra bil-kbir il-festa ta' Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin kollha. Bħal ma tafu, dan huwa ktejjeb li kull wieħed u waħda minnkom tkun qed tistenna bil-ħerqa speċjalment dawk in-nies li joqogħdu barra mir-raħal u għalhekk ma jkunux jistgħu jiffrekwentaw l-Każin ta' spiss.

Is-Soċjetà tagħna hija maqsuma f'diversi fergħat. F'dawn il-fergħat li kollha jaqgħu taħt il-Kumitat Ċentrali, insibu ħafna nies attivi u ħabrieka li kollha jaħdmu b'għan wieħed, dak li jġibu isem is-Soċjetà 'l quddiem u jkabbru l-festa ta' Santa Marija sena aktar mill-oħra.

F'dan il-ktejjeb issibu kull ħidma u informazzjoni mwettqa minn dawn is-sotto kumitati f'paġni ddedikati għalihom.

Bħal ma tafu, wara l-festi u ċelebrazzjonijiet kbar li saru s-sena l-oħra fl-okkażjoni mill-50 sena mit-twaqqif tal-Banda fejn fost il-ħafna attivitajiet, kellna mistiedna Banda Taljana fejn minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil Alfred Galea tal-ħidma tiegħu biex din iż-żjara kienet suċċess. Eżatt kif għaddiet il-festa, il-Kumitat beda ħidma ta' preparazzjoni biex għal din is-sena speċjali f'għeluq l-400 sena Parroċċa, niċċelebraw kif jixraq dan l-anniversarju hekk importanti għar-raħal tagħna.

Tul din is-sena, għaddejna minn ħafna ġrajjiet sew sbieħ kif ukoll ta' swied il-qalb. Ma nistax ma nsemmix it-traġedja li laqtet lir-raħal tagħna f'Ottubru li għadda fejn fiha tilef ħajtu l-ex kollega u ħabib personali tiegħi Kola Cassar li għal żmien twil serva bħala membru fil-Kumitat miegħi u ħadem bis-sħiħ biex ikabbar il-festa ta' Santa Marija. Għalkemm dan l-aħħar ma kienx jagħmel parti mis-Soċjetà tagħna konna għadna nqisuh bħala wieħed minna. Hawn nixtieq nerġa nagħti l-kondoljanzi tiegħi lil martu Polly u lil bintu Alessia.



*Is-Sur Carmel Ellul (xellug) flimkien mas-Sur Silvio Coleiro waqt il-preżentazzjoni ta' Standard li huma rregalaw lill-Banda Re Ġorġ V (11/08/1997)*

Avveniment ieħor li din is-sena huwa ta' unur għall-Imqabba huma bla dubju l-laqgħat li saru u li qegħdin isiru bejn is-Soċjetà tagħna u l-għaqda l-oħra, jiġifieri s-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju. Dan seħħ wara l-istedina mill-Wisq Rispettabbli Kappillan ta' l-Imqabba Dun Joe Bartolo. Dawn il-laqgħat kienu strumentali biex iż-żewġ soċjetajiet ewlenin fl-Imqabba jersqu iżjed lejn xulxin, jikkoperaw iżjed fil-festi u li jieħdu sehem fil-festi li se jorganizza l-Kappillan fl-okkażjoni ta' l-400 sena minn meta l-Imqabba saret Parroċċa.

B'dan il-pass inqalbet paġna ġdida fl-istorja ta' l-Imqabba li għandu jawgura tant tajjeb għas-snin li ġejjin. Ħidma oħra li ħaseb għaliha l-Kumitat biex fil-Każin tagħna tibqa' mfakkra l-400 sena parroċċa ser tkun irħama ta' tifkira u

# PASS DEVELOPERS LTD

## Notre Dame Mansion
## Guzè Bonnici Street, Balzan
## Tel: 414118 Fax: 435536

## Building • Excavation
## Plastering • Tiling



## Demolition Works
## Turnkey Contractors

## Mobile 099 0242, 099 0043, 097 6496
## 640709, 640902 after 3.00 p.m.

din ser tinkixef wara programm li se taghti l-Banda Ġermaniża mis-Soċjetà tagħna.

Opra oħra li b'inizjattiva tal-Kumitat ħabrieki tan-nisa hija pittura kbira li se titpoġġa fis-sala ewlenija tal-Każin u li tinkixef wara li l-Banda tagħna tagħmel il-programm annwali nhar l-10 ta' Awissu. Din hija x-xogħol il-pittur Għawdxi l-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi.

Xogħol ieħor kbir li sar hija t-tkomplija tax-xogħol tas-sala l-ġdida li hemm fuq l-imħażen ta' l-armar tal-Każin. Ix-xogħol kien jinkludi l-konkos tal-kontrabejt, l-invjar tal-post, tikħil u tibjid u żebgħa ta' l-appoġġi u t-tpoġġija ta' l-arblu l-ġdid.

Dan ix-xogħol u xogħol ieħor li sar fil-Każin juri li s-Soċjetà tagħna hija attiva u ħajja s-sena kollha.

Ringrazzjament ieħor imur lejn l-Għaqda tan-nar li wara s-suċċess li kellhom is-sena l-oħra ħejjew spettaklu uniku ieħor għal din is-sena. Ringrazzjament ieħor imur lejn is-Surmast u l-Bandisti tal-post u l-Bandisti li ser joħorġu jdoqqu għall-ewwel darba din is-sena. Ringrazzjament ukoll lill-Kumitat tan-Nisa għall-ħidma li wettqu u l-fondi li ġabru biex setgħet saret il-pittura fil-Każin. Ringrazzjament ieħor imur lejn dawk in-nies li se jgħinu fl-armar u ż-żarmar fil-jiem tal-festa. Liż-Żgħażagħ ħabrieka għax-xogħol li jagħmlu fl-armar u fl-għotja ta' l-*isponsor* għall-marċ tat-tieni tridu. Ma nixtieqx nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi mingħajr ma nirringrazzja lill-ex-membri tal-kumitat, kif ukoll nagħti merħba lill-membri l-ġodda fi ħdan l-istess kumitat.

Filwaqt li nirringrazzja lilkom soċi, benefatturi u partitarji li bl-għajnuna ta' kulħadd f'daqqa tkompli tgħinuna bħal dejjem kemm finanzjarjament kif ukoll bl-għajnuna manwali.

Nagħlaq issa billi nirringrazzja lil kulħadd u nappellalkom biex f'din is-sena speċjali f'għeluq l-400 sena Parroċċa tattendu għall-funzjonijiet.

## *Ħajr u Tifħir*
## *Lil Marija Mtellgħa s-Sema*
### F'Jum il-Festa Tagħha fl-Imqabba.

Djarna nħallu, nissieħbu ferħana,
F'għaqda sħiħa, f'dal-jum tassew kbir,
Biex minn fommna ninsġulek din l-għanja
U nroddulek kull ħajr u tifħir.
F'dawn il-granet nirġabru kotrana,
Għadd mhux ċkejken ta' żgħażagħ u xjuħ,
Biex nifirħu kif jixraq fl-Għid tiegħek
Li kull sena, bil-kbir inqimuh.
Inti l-ġawhra ta' qalbna Marija,
Tafna tajjeb, għax taqra fil-qlub,
Bosta drabi, miċ-ċokon, minn fommna
Smajt jitlissen dak ismek maħbub.
Ismek ħlejju li jfewwaħ madwarna,
Ismek duwa w fejqan għall-marid,
Ifarragna fl-imrar u fin-niket,
B'hekk jitlissen bil-qalb, bla ma trid.
U bilfors lejk dil-ġibda li għandna
Għaliex b'Ommna w'Sultana nagħrfuk.
U tissokta mħabbitna tissaħħaħ
Tul ħajjtina w sa tmiemha, nwegħduk.
Int wisq isbaħ mix-xemx fit-tlugħ tagħha;
L-ebda warda ma tisbqek fil-ġmiel;
Dawk il-kwiekeb fis-sema jitgħajjeb;
Ħdejk jintilfu u kollox jidbiel.
Biex jurina kemm int waħdanija,
U l-imbierka fost kollha l-bnedmin,
Alla ħatrek, Sultana tas-sema
U żgur l-eqdes fost kemm qaddisin.
Kont fi ħsiebu mill-bidu tad-dinja;
Għażlek b'Ommu, is-Sid tal-ħolqien
Li sar bniedem biex lilna jifdina
U fil-Ġenna jarana flimkien.
Tana lilek, b'imħabba bla rażan,
Biex fuq tiegħek għemilna nfassluh;
Sabiex negħlbu kull għawġ li jxekkilna
Milli 'l Kristu f'dik l-art insibuh.
Dan ir-raħal, li fik ra kull setgħa,
Għażlek b'Sidtu biex tbierku w tmexxih
U ma' qalbu żied Lilek iżommok
Biex hem tibqa' għal dejjem tgħix fih.
Sliem għalik O Sultana Rebbieħa
Żommna dejjem flimkien magħqudin
Tħalli qatt li nitbiegħdu minn ħdanek
Biex noħorġu minn hawn rebbiħin.

Ħal Qormi — ***Ġorġ Bianchi*** *(14.04.98)*



# Spoil yourself for choice on your Dream Day.

## BIG BUN CATERERS...

**By Gerald Fenech**





The art of catering requires the utmost abilities to impress and satisfy all those who are to experience your product. Just off the centre of Zabbar you will find the aptly named 'Big Bun', which is slowly making its name as one of the best on the island. Two young and enthusiastic men who glow with positive enthusiasm run the setup. Kevin Camilleri and Victor Sant have thrown their heart into this business and their fruits are beginning to take shape. Obviously they are outside caterers and also deliver to various shops during the week; this makes a staple diet of cakes and gateaus constantly in evidence! A visit to the kitchen will prompt even the most pernicious of individuals to ask for a taste of all the products on offer which smell so good that they make the mouth water. However, the guys at Big Bun are geared to provide a wedding reception of the highest order. The endless list of products available make the mind (and the stomach) boggle! The usual array of aperitifs and starters are served with the utmost care and dedication. Dishes of stuffed artichokes, mushrooms, prawns and fish nuggets are just the tip of the iceberg. All these are designed to create an artistic effect. For Big Bun is not your normal tedious caterer. Kevin and Victor take a personal interest in their clients. This service includes the team viewing the wedding hall and providing sound advice for the best possible ideas. After all no one would like his/her special day to turn out sour! The variety of hot dishes is also quite amazing. The oriental flavor of spring rolls blends with the local delicious 'qassatat', both designed to please the eye (and all!). Sweet & Sour Pork goes together with Meat Balls which roll on in a never-ending stream of delicious aromas! In fact I was positively captivated by the various scents and tastes that beckoned before me. However, the real masterpiece must be the tables selection. Big Bun is truly first class in this respect. The normal Maltese table includes the usual 'bebbux', 'hobz biz-zejt' and other local traditions such as 'fazola' and most of all the tongue licking 'gbejniet tal bzar'. We moved on to the Meat and Fish Table, which was another masterpiece. The various qualities of beef, pork, chicken and salami were arranged to the highest order with delightful designs. The same could be said for the even more impressive marine selection. The mouth wateringly arrangement of king prawns, mussels, salmon roulettes, octopus and 'clamari' was indeed a sight for sore eyes! Other tables of note are the Chinese Table which has the finest dumplings on the island and the Fruit table which is impressive in the flesh and in the wide variety on offer. And there's much much more of these finely prepared products which you may want to see (and taste) for yourselves. I don't know if I'm getting married yet (hopefully!), but I'm definite that if I do, my catering will be in the hands of Kevin and Victor at Big Bun. We all deserve the best don't we!


**Shop:**
**Sir Ugo Mifsud Street, Luqa**
**Tel: 808493**
**Mobile: 097 3682**
**Dolceria:**
**Triq Id-Dukkar, Zabbar Tel: 803547**

Big BUN Caterers
CATERERS FOR ALL OCCASIONS




# L-Appell mill-Kaxxier

Carmel Briffa

***Għeżież Soċi,***
***Partitarji u Ammiraturi***
***ta' Santa Marija,***

Għal darba oħra nistedinkom sabiex taqsmu miegħi dawn il-jiem ta' ferħ u Festa ad unur il-Patruna tagħna l-Imqabbin. Wara li s-sena l-oħra ċċelebrajna bl-aktar mod dinjituż il-Ġublew tad-Deheb mit-trasformazzjoni ta' l-Orkestra Santa Marija għall-Banda Re Ġorġ V, din is-sena ninsabu impenjati sabiex niċċelebraw bil-kbir l-400 Sena ta' l-Imqabba bħala Parroċċa taħt il-Patroċinju ta' Santa Marija.

Bħal ma tafu, is-sena l-oħra kellna fostna l-Banda Taljana *Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano* li ġiet milqugħa b'entużjażmu kbir. Tant kien kbir is-suċċess ta' din il-banda kif ukoll il-Ġemellaġġ mas-Soċjetà tagħna li proprju fit-22 ta' Awissu 1997, deher artiklu fil-gazzetta Taljana *"Ascoli"* li faħħar ħafna l-ospitalità tal-Maltin kif ukoll il-kultura tagħna.

Għal din is-sena għall-ftuħ tal-festi, proprju fit-30 ta' Lulju, ser ikollna mistiedna ġewwa l-Imqabba Banda Ġermaniża li se tesegwixxi marċ u programm li fih se nfakkru l-400 Sena ta' l-Imqabba bħala Parroċċa. Barra din il-Banda, għall-festa għandna xejn inqas minn għaxar Baned li ser iżommuna mpenjati matul il-ġranet tal-Festa. Hawn ta' min isemmi l-Banda tagħna Re Ġorġ V li taħt it-tmexxija tas-Surmast David Agius ser tesegwixxi xejn inqas minn erba' servizzi matul il-ġranet tal-festa.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-bandisti tal-post għas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena, sabiex jippreparaw għall-programm tant mistenni ta' l-10 ta' Awissu. Nixtieq ukoll nifraħ lill-ħames bandisti ġodda li sejrin ikomplu jkabbru l-Banda tagħna.

Ma nistax ma nsemmix it-tliet friegħi l-oħra tas-Soċjetà li huma dawk taż-Żgħażagħ, tan-Nisa u d-Dilettanti tan-Nar. Iż-Żgħażagħ komplew jaħdmu sabiex ikabbru l-festa permezz ta' tiżjin



*Is-Sur Carmel Briffa (xellug) jirċievi rigal mingħand il-President tas-Soċjetà Santa Marija b'apprezzament għal-xogħol li ilu u għadu jwettaq fi ħdan il-Kumitat (10/08/97).*

ġdid, waqt li n-nisa komplew bl-attivitajiet tagħhom matul is-sena li permezz tal-qligħ li jibqgħalhom jagħmlu xi opra ġdida. Id-dilettanti tan-nar ma qagħdux lura għall-festa ta' din is-sena u ħejjew programm vast li ser jisbokka l-festa bħas-snin ta' qabel.

Kif qegħdin taraw dan kollu ma ġiex mix-xejn. Kulħadd ħadem flimkien b'direzzjoni waħda: dik li niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija fl-għeluq l-400 sena bl-aħjar mod li wieħed jista' jimmaġina. Ma nistax għalhekk ma nurix l-apprezzament u l-gratitudni tiegħi lil kull min b'xi mod jew ieħor ta sehmu sabiex jgħinna nilħqu l-għanijiet tagħna. L-appoġġ kontinwu tagħkom lilna jkompli jimliena bil-kuraġġ u d-determinazzjoni.

Mela ejjew ilkoll flimkien inkomplu naħdmu fit-triq li qbadna. Jiena ċert li bis-saħħa tal-ġenerożità, l-imħabba u d-devozzjoni kbira tagħkom lejn Marija Assunta ser ikollna Festa mill-isbaħ kif jixraq lill-Patruna Titulari ta' l-Imqabba. Għalhekk inħeġġeġ lill-Imqabbin kollha, speċjalment lis-Soċi u Partitarji kollha biex niċċelebraw din il-Festa billi nattendu għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja u l-marċi matul il-ġranet tal-festa. Nixtieq lil kulħadd il-Festa t-Tajba u nappella lill-partitarji sabiex nifirħu mingħajr ma noffendu lil ħadd.

***"Kulħadd ħadem flimkien b'direzzjoni waħda: dik li niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija fl-għeluq l-400 sena bl-aħjar mod li wieħed jista' jimmaġina."***


Suppliers of
Granite, Marble, Terrazzo, Ceramics
and Paving Blocks
FRANCESCO FENECH
Valletta Road, Mosta
Tel: 434555
Fax: 433517

# Minn fomm id-Direttur Spiritwali

Patri J.M. Ghigo SJ

# Għaddew 400 Sena!



Xahar eżatt fuq il-Festa ta' Santa Marija, sewwasew fil-15 ta' Settembru, l-Imqabba għandha biex tagħmel Festa kbira oħra għax dakinhar tagħlaq 400 sena mindu l-Isqof Tommaso Gargallo waqqafha bħala Parroċċa Indipendenti. Din hija ġrajja storika kbira li l-Kappillan u miegħu l-Poplu kollu ta' Alla fl-Imqabba ma setgħu b'ebda mod iħalluha għaddejja bħallikieku xejn, bla ebda tifkira.

Kull familja f'xi okkażjoni sabiħa ta' ħajjitha żgur taqbad u tqalleb **l-album tat-tifkiriet tagħha** għax dawn jgħinuha wisq sabiex iġġib quddiem għajnejha minn xiex għaddiet! Tassew li ħadd minna ma jaf sewwasew meta fl-Imqabba saret **l-Ewwel Quddiesa**, imma dik żgur tqaddset xi **1600 sena ilu** taħt l-art, fil-Katakombi tal-Mentna, għal xi erba' familji miġburin hemm madwar dik il-mejda tonda ta' l-**agape** maqtugħa fil-blat fejn missirijietna u ommijietna kellhom id-difna ta' xi ħadd mill-għeżież tagħhom.

Iż-żmien ma joqgħod jistenna 'l ħadd, is-snin għaddew, u gerrbu wkoll is-sekli minn fuq l-Imqabba, u n-nies ta' raħalna żdiedu sewwa. Bdew iħossuha aktar dik il-mixja twilja lejn Birmiftuħ u lura biex jissieħbu fil-Quddiesa u Sagramenti oħra. Fl-1575 fiż-żjara tal-Viżitatur Mons. Pietro Dusina, missirijietna ħatfu dik l-okkażjoni speċjali biex jagħtihom Parroċċa għalihom, imma qalbhom ma qatgħuha b'xejn! Meta fl-1592 taw **"biċċa Parroċċa"** imma l-Imqabba għaqqduha ma' Ħal Kirkop, missirijietna lemħu x-xoqqa f'moxtha għax talbu għat-tieni darba u dakinhar malajr ġabuha żewġ!

L-Imqabba ta' 400 sena ilu kellha biss 30 dar b'xi 150 ruħ fihom, imma dawn kienu lkoll verament magħqudin, u ftit aktar għaqlin minn qabel, għax din id-darba talbu l-Parroċċa f'isem il-poplu kollu u għar-raħal waħdu. Anzi t-talba tagħhom għamluha f'forma ta' kuntratt legali quddiem in-nutar li kien Dun Ġwann Debono, il-Kanċillier tal-Kurja. Għall-Imqabbin dehru **Baskal Spiteri** u sitt irġiel oħra li lkoll riedu Parroċċa li tkun imwaqqfa f'dik il-knisja żgħira li diġà kien hemm fil-qalba tar-raħal iddedikata lil Santa Marija. Id-digriet storiku mill-Isqof Gargallo ħareġ fil-**15 ta' Settembru 1598**.

Narah ferm interessanti li 400 sena ilu fl-Imqabba diġà kien hemm l-isem **"Baskal"**. Dan hu isem li ġej mil-Latin **"Pascha"**, jiġifieri **"Għid"**, għax din hi l-aqwa festa għall-Insara kollha f'kull żmien. Issa dan Baskal tagħna u sħabu, avolja kienu jafu sewwa li l-akbar knisja fl-Imqabba dak iż-żmien kienet dik ta' San Basilju - li fil-fatt serviet ta' Parroċċa għal bosta snin sakemm inbniet knisja akbar - safrattant l-Imqabbin riedu lkoll li l-Parroċċa ġdida tagħhom tkun dik iddedikata lil **Santa Marija**, kif għadha sal-ġurnata mqaddsa ta' llum, waħda mis-**Seba' Santa Marijiet ta' Malta**.

Illum għandna għax nizzuħajr 'l Alla l-Imbierek li għoġbu jgħammar fostna fit-Tempju mqaddes tiegħu biex iwennisna tul ħajjitna kollha, fil-ferħ u n-niket kollu li jasal fuqna. Nizzuħajr lil Sidna Ġesù Kristu li tana lil Ommu Marija stess sabiex tħarisna wkoll. Inwegħduhom min-naħa debboli tagħna li nagħmlu ħilitna kollha biex f'kollox u fuq kollox inħobbuhom mill-aħjar li nistgħu aħna lkoll, uliedna u ulied uliedna.

# Di Rocco Ltd

IMPORT EXPORT & DISTRIBUTORS




ALSO AVAILABLE: * TWINES FOR MEAT * KITCHEN GADGETS * DIFFERENT TYPES OF HOOKS * BANDSAW BLADES * P.V.C. APRONS ANY SIZE AND COLOUR * PALLET WRAPPING * WAX PAPER * CARTA AL FORNO * ICE-CUBE BAGS * FREEZER BAGS * GASKETS, VALVES, LOCKS & HINGES FOR REFRIGERATION DOORS * PACKING MACHINES * STACKABLE GASTRONOM SS * MEAT PADS * VACUUM BAGS * DISPOSABLE APRONS, BAGS & GLOVES * STRIP CURTAINS * JABLO CUPS * DISP. TABLE CLOTHS * BURGER SEPARATORS * DISP. COCKTAIL CUPS

Triq il-Konvoj Ta' Santa Maria, Mqabba ZRQ 08 Tel: 683222 Mob: 097 8222, 0947 8222 Fax: 640494

# *Fantasy Flowers*

*Arrangements for all occasions*
*Weddings, Engagements, Baptisms, etc.*



"Madonna ta Pinu"
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba, ZRQ 08.

Tel: 611032

# Kelmtejn mis-Surmast

David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus.V.C.M. (Hons.)

Nibda biex naghtikom merhba f'dan il-messaġġ tiegħi annwali fl-okkażjoni tal-festa tal-Patruna ta' l-Imqabba Santa Marija.

Wara li kellna sena ferm impenjattiva fl-1997 biex iċċelebrajna bil-kbir għeluq il-50 sena minn mindu twaqqfet il-Banda Re Ġorġ V, din is-sena kienet sena oħra ta' mpenn meta r-raħal ta' l-Imqabba qed jiċċelebra l-400 sena parroċċa taħt il-patroċinju ta' Santa Marija. Matul is-sena ħadna ħsieb il-preparamenti biex ikollna festa kif jixraq, b'livell għoli f'kull qasam. Dan l-impenn li għadni kemm semmejt jissarraf fil-ħmistax sħaħ ta' festa li niċċelebraw f'ġieh Santa Marija li jibda eżatt mit-30 ta' Lulju, Jum il-Kwindiċina.

Bħala surmast tal-banda, iktar nista' nikteb fuq l-impenn bandistiku, fejn nista' nikkonferma li bħala preparamenti ma waqafna xejn minn wara l-festa tas-sena l-oħra 'l hawn fejn jirrigwardjaw provi għall-mużika li l-Banda ser tesegwixxi fil-jiem tal-festa. L-ikbar konċentrazzjoni kienet il-kunċert mużikali li l-Banda s-soltu tesegwixxi fl-10 ta' Awissu, Jum is-Soċjetà. Hawnhekk il-Kummissjoni Banda flimkien miegħi, ħadna ħsieb biex ikollna mużika varjata għall-gosti ta' kulħadd.

Dan il-kunċert ta'l-10 ta' Awissu, li sar sinonimu fil-kalendarju ta' attivitajiet tal-Banda tagħna, dejjem ittieħed b'serjetà mill-Banda Re Ġorġ V. Bħalma baned oħra jorganizzaw kunċert fi żmien ix-xitwa f'ċertu swali madwar Malta, nistgħu ngħidu li aħna kull sena nbiddlu l-pjazza ta' quddiem il-każin f'teatru fejn il-Banda dejjem esegwiet b'reqqa l-kompożizzjonijiet ta' kompożituri prominenti li jibqgħu msemmija matul iż-żminijiet. L-akkustika li fiha l-pjazza ta' quddiem il-Każin hija ferm pjaċevoli u l-Banda tinstema' paxxuta u b'dettal kbir.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-bandisti kollha, l-aktar dawk tal-lokal għas-sagrifiċċji li jagħmlu matul is-sena biex attendew kemm setgħu għall-provi li saru kull ġimgħa mingħajr waqfien. Għalkemm nixtieq hawnhekk nirrimarka li ċertu bandisti jridu juru aktar interess jekk veru jħobbu l-mużika, u fl-aħħar mill-aħħar jekk iridu li l-Banda tagħna timxi 'l quddiem. Naf li ħafna drabi, l-istudju akkademiku jolqot ħażin id-delizzji ta' l-istudenti.

Madankollu, jiena mpressjonat ferm bil-livell u l-kwantità ta' allievi li ħa żvolta tul dawn l-aħħar xhur fil-Każin tagħna. Bil-paċenzja tal-



*Mro David Agius jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V waqt kunċert strumentali li sar fl-10 ta' Awissu 1997.*

ġenituri u ta' l-allievi għad ikollna frott sabiħ fil-futur u għad inkomplu nkabbru l-Banda. Appell wieħed nixtieq nagħmel lill-ġenituri, li ħafna mit-tfal jistudjaw u biex ikollna mużiċisti ta' livell, it-talent mużikali jrid jiġi żviluppat bil-mod għax aħna qed nagħmlu pressjoni fuq il-kwalità tal-bandist jew aħjar mużiċist mhux biss li qiegħed jagħmel parti mill-Banda. Jien ċert li bil-koperazzjoni tal-ġenituri u bis-serjetà u konsistenza li hemm fit-tagħlim bħalissa fil-Każin tagħna għad ikollna frott tajjeb. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri ta' l-attendenza numeruża tagħkom għal Jum il-Ġenituri li ġie organizzat għall-ewwel darba fis-Soċjetà tagħna. Dan żgur juri li mhux bil-kliem iżda bil-fatti t-tagħlim qiegħed jittieħed bis-serjetà. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nistieden lil dawk it-tfal 'il fuq minn seba' snin li jkunu mħajrin, biex javviċinaw lil xi ħadd mill-kumitat għax fi ħdan is-Soċjetà tagħna hemm serjetà kbira f'dan ir-rigward u l-ġenituri jistgħu jserrħu rashom mill-attenzjoni individwali fuq it-tfal.

Fl-aħħar mill-aħħar nixtieq nawgura lill-bandisti l-ġodda ta' din is-sena suċċessi mal-Banda tagħna u jqisu din is-sena bħala l-bidu ta' studju u mhux waqfien ta' l-istudju mużikali għax il-mużika ma fihiex tmiem.

Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha u nirringrazzja lill-Kumitat u fuq kollox il-Kummissjoni Banda għall-għajnuna li dejjem sibt mingħandhom.

J'Alla jkollna festa kbira, aktar mis-snin ta' qabel f'ġieh il-Patruna ta' l-Imqabba kollu Santa Marija u j'Alla s-sagrifiċċji li għamilna matul is-sena jissarfu f'suċċessi għal min għandu sehem f'din il-festa għażiża għall-Imqabbin kollha.

***Nawguralkom il-Festa t-Tajba***

# Royal Insurance

150 YEARS 1845 1995

POLOZ ġodda li joffru sigurtà aktar kompluta u vasta
għad-DJAR, UFFIĊINI, NEGOZJI, SAFAR U VETTURI

81, St. Catherine Street, Mqabba Tel: 683142



# G. CONSTRUCTION LTD

"Madonna ta' Pinu", Triq l-Aħwa Ghigo,
Mqabba - Malta
Tel: 611544 - 683263
Mobile: 097 3238

**XOGĦOL TA' KISI, TIKĦIL BIL-ĠIBS U ŻEBGĦA,
MANUTENZJONI U ALTERAZZJONIJIET FIL-BINI,
KIRI TA' SCAFFOLDING**

# Il-Karriera Mużikali ta' Ġużeppi Galea



*Ġużeppi Galea, li miet f'Mejju ta' l-1980*

## 1918 - 1980

minn Joseph Farrugia

Il-profil "Ġużeppi Galea" mgħoddi minni lis-Soċjetà Santa Marija u ppubblikat fil-programm Festa Marija Assunta 1995 fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-Orkestra Santa Marija kien maħsub biex iservi biss ta' tagħrif gwidanti għal riċerka fuqu.

Minħabba li din is-sena jaħbat it-tmenin anniversarju mit-twelid ta' l-istess Ġużeppi Galea u għax l-istess Ġużeppi hu l-fundatur, sew ta' l-Orkestra Santa Marija kif ukoll aktar tard tal-Banda Re Ġorġ V, xtaqt li nidħol fil-fond tal-karriera mużikali ta' dan il-kompajżan b'apprezzament tat-tagħlim li tani bħala alliev tiegħu, u aktar tard fil-ħajja, ħabib tal-qalb.

Ġużeppi Galea, iben Mikiel u Anna nèe Mallia, twieled l-Imqabba fl-10 ta' Novembru 1918, it-tieni wild minn sitta.



*Mro Ġużeppi Zammit*

L-ewwel taħriġ mużikali, Ġużeppi Galea ħadu mal-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa. Imma wieħed jistaqsi, għaliex din il-Banda u meta beda?

Fl-aħħar tas-snin tletin, Ġużeppi mill-Imqabba kien jilgħab il-futbol mat-tim ta' Ħal Luqa fil-pożizzjoni ta' *goalkeeper* u wara t-*training* jattendi għall-kunċert mal-Banda.[1] Minn dak li hu magħruf, dan seta' kien biss Ġużeppi Zammit (1918-1990), iben Ġanni u Ġuditta nèe Scicluna li ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tas-Salesjani "St. Patrick". L-istudji akkademiċi apparti, Ġużeppi Zammit ħalla l-iskola mħarreġ sew fil-manifattura ta' l-għamara, jilgħab *goalkeeper* fil-futbol u mużikalment idoqq il-Baxx $E^{b}$.

L-Imqabbin Ġużeppi Galea u Ġużeppi Zammit twieldu 23 ġurnata biss minn xulxin, joqogħdu fi Triq Valletta u t-tnejn b'simpatija lejn is-Soċjetà Santa Marija. Fl-aħħar nofs tas-snin tletin, dawn it-tnejn narawhom flimkien jieħdu sehem mal-Banda Sant'Andrija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anton Muscat Azzopardi A. Mus. L.C.M. (1903-1979), Galea bħala klarinettista waqt li Zammit żamm il-Baxx $E^{b}$. Din l-attività waqfet fil-gwerra fejn insibu lil Galea kapural fir-*Royal Army Medical Corps* u Zammit surġent fir-*Royal Malta Artillery*. Kmieni wara l-gwerra Galea għamel servizzi mal-Banda Sant'Andrija.



*Mro Anton Muscat Azzopardi*

Għalkemm ma sirtx naf iż-żmien eżatt meta Ġużeppi Galea beda l-karriera mużikali, hu żgur li fl-1936 kien diġà beda l-istudji tiegħu fuq il-klarinett u l-pjanu. Kont nisimgħu idoqq mid-dar tagħna fi Triq il-Lanġasa.

Ftit wara li Dun (illum Monsinjur) Lorenzo Spiteri DD. J.C.B. nħatar Kappillan tal-parroċċa tagħna, fl-4 ta' Mejju 1936, il-knisja sfat mingħajr is-servizz ta' l-organista residenti, l-Imqabbi Emanuel Ellul li allura beda jservi fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Għal perjodu



*Mro Ferdinando Falzon*

# *Aida Hall*

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

***For Receptions, Parties and all occasions***

**Tel: 683112 - 640083**



**COMPUTER SYSTEMS AND ACCESSORIES AT UNBEATABLE PRICES**

- Repairs
- Upgrades
- Educational software
- Computer games
- Computer courses



**PERFORMANCE PACK**

Intel Pentium 233MMX
Mini Tower Case
TXProII Motherboard MMX 266MHz
30Mb EDO Ram
2 MB Video Card
3.2GB Hard Disk
1.44Mb Floppy Drive
Win95 Natural Keyboard
32 Speed CD-Rom
10 CD's, Joystick, Mic.
200 W Amplified Speakers
16 Bit 3D PnP Stereo Sound Card
14" MPRII SVGA Digital Monitor
56.6 Internal Voice Fax Modem
WIN 95 CD Version

Lm545

24X CD ROM Lm 35
32X CD ROM Lm 45
300W Sub Woofer Lm 38

*Use your* T.V. *to* Access the Web!

WEB PAL
*Only* Lm 185
*Including wireless keyboard*



**Compuware Ltd.**
Computer Hardware & Software

Reg. Office: 'St. Michael' Cardinal Street, Vittoriosa CSP 08
Sales: Compuware Limited, Vivion Street, St. Venera
Tel: 678249, 585900, 490194 Fax: 678249 E-mail: compuware@orbit.net.mt

l-Knisja tagħna kienet tinqeda b'servizzi fuq l-orgni mis-Surmast Kav. Ferdinando (Dandu) Falzon (1894-1979). Fil-festi sekondarji kien jiġi l-organista Salvu Azzopardi bil-vuċijiet Ġann Patist Zarb, Salvu Cauchi u Amabile Mamo; kollha minn Ħal Luqa.



*Antonio Mallia, Sagristan*

Nista' ngħid li Ġużeppi Galea trabba l-knisja ma' saqajn zijuh Antonio Mallia (1886-1963), is-sagristan li qatta' għomru fis-servizz tal-parroċċa tagħna.

Il-Kappillan Spiteri kien jgħix waħdu u Ġużeppi Galea għamel żmien twil jorqod fid-dar tal-kappillan. Dan biex ikun ta' assistenza miegħu f'każ ta' vjatku matul il-lejl. Hu konvenjenti li jkollok organista residenti fir-raħal u la Ġużeppi Galea diġà kellu l-pedamenti mużikali kien naturali għall-Kappillan Spiteri li jirrakkomandah mas-Surmast Ferdinando Falzon għal taħriġ fuq l-orgni.[2]



*Monsinjur Lorenzo Spiteri D.D. J.C.B.*

Ġużeppi Galea għamel perjodu twil jattendi għal-lezzjonijiet għand is-Surmast Falzon.[3]

Għamel progress sostanzjali fid-daqq ta' l-orgni li seta' jagħti sehmu f'servizzi reliġjużi. Niftakru qabel il-gwerra jdoqq l-orgni waqt li aħna l-abbatini nkantaw il-quddiesa *'Rorate coeli de super'* fin-Novena tal-Milied.

L-istudent tal-vuċi Mqabbi Carmelo Farrugia (illum residenti Ħal Qormi) jiktibli hekk: "Qrib daż-żmien kien beda jdoqq l-orgni Ġużeppi Galea. Jien u Ġużeppi konna mmorru bil-*bicycles* għand l-organista Mqabbi Ġanni Caruana li kien joqgħod *Qormi Road*, il-Ħamrun biex nitgħallmu iżjed."

Imma l-attività ta' Ġużeppi Galea ma waqfitx hemm. Imqanqal mill-imħabba lejn il-kultura mużikali u msaħħaħ bit-tagħlim li kien akkwista, impenja ruħu biex jgħaddi t-talenti tiegħu lil ħutu Mqabbin. Wara l-festa Santa Marija ta' l-1939, Ġużeppi Galea beda jgħallem il-mużika fil-Każin Re Ġorġ V. Ħafna żgħażagħ mir-raħal interessaw ruħhom u bdew jattendu għat-tagħlim tiegħu. Ħasra li meta l-progress qabad ritmu tajjeb, faqqgħet il-gwerra li tista' tgħid ħarbtet il-ħajja Maltija. Il-Każin Re Ġorġ V beda jservi ta' uffiċċju governattiv. Iż-żgħażagħ inġabru suldati waqt li ħaddiema tal-barriera ġew impjegati jħaffru *air raid shelters* taħt l-art. Kif diġà semmejt qabel, Ġużeppi Galea issa nsibuh mar-*Royal Army Medical Corps.* Fi ħdan dan ir-riġment ħa t-taħriġ fin-*nursing* li servieh ta' esperjenza fil-professjoni futura tiegħu ta' *nurse* fi sptarijiet tal-gvern.

Fl-1943, il-ħidma ta' l-għadu kontra Malta naqset ħafna mill-qawwa tagħha hekk li s-Soċjetà Santa Marija ċċelebrat l-ewwel festa ta' l-Assunta mill-1939 għalkemm b'mod ridott ħafna. F'dan l-ambjent ta' kalma, Ġużeppi Galea reġa' impenja ruħu jgħallem il-mużika bil-ħsieb li titwaqqaf orkestra. It-tagħlim kien isir fil-ġranet li kien ikun bil-*leave.*

Meta l-istudenti laħqu bażi soda fil-qari tal-mużika, Ġużeppi Galea ħa ħsieb jalloka strument lil kull alliev. Donnu biex jinkoraġġixxi s-sezzjoni tal-korda waqt li l-orkestra jkollha l-kwartett tagħha, Ġużeppi għażel vjolinċell flok għamel użu mill-esperjenza tiegħu fuq il-klarinett.

F'laqgħa ta' l-allievi mmexxija minn Ġużeppi Galea, ġie approvat Mro Carmelo Schembri L.R.C.M. bħala Surmast ta' l-orkestra. Ġie magħżul vjolinista professjonali minħabba l-istudenti tal-korda. Fis-Soċjetà diġà kien hemm min jgħallem strumenti tan-nifs: Ġużeppi Galea għas-sezzjoni injam u Ġużeppi Zammit dik tar-ramm. Qabel setgħu jibdew il-lezzjonijiet kellha tiġi solvuta r-restrizzjoni fit-trasport pubbliku minħabba s-surmast, il-problema ta' nuqqas ta' dawl elettriku fl-Imqabba u li l-Każin Re Ġorġ V ma kienx jinfetaħ filgħodu għajr Ħdud u festi.

Għalhekk ġie deċiż li t-tagħlim tal-korda jsir nhar ta' Sibt filgħodu fid-dar ta' omm Ġużeppi Galea, ġentilment mislufa. Dan l-arranġament kien komdu għall-istudenti għax barra ċerta privatezza fl-ewwel taħriġ fuq l-istrument, gawdew minn pjanu għad-dispożizzjoni tagħhom. Il-lezzjonijiet bdew f'Mejju 1944. Mro

# Mallia Petrol Station

*Pjazza San Nikola, Siġġiewi Tel: 467764*

Għal kull bżonn fil-karrozza tiegħek, asal wasla s'għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

*Kif ukoll:*

Silencers għall-karrozzi kollha
Crash Helmets kbar u żgħar
Kull kwalità ta' żjut
Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
Għodod
Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
Aċċessorji u 'spare parts' ta' kull kwalità
Għandek issib ukoll muturi u karrozzi għall-bejgħ

**Self Service**

Mit-Tnejn sas-Sibt sa l-10.00p.m. — Ħdud u Festi sa 12.00p.m.

# TOPS 'N' TAILS

YOU DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.



*To look smart and elegantly dressed, why not visit us for wide selections of Tails, Dinner Jackets, Spencer and Morning Suits*

*Even Coloured Suits available at:*

***51, MARINA STREET, PIETÀ***
***TEL: 235666***

*Prop. Mr M. Cassar*

*No connection with any other shop*



*L-arti tal-mużika f'raħal imbiegħed. Orkestra, li tgħaqqdet bilkemm tmien xhur ilu taħt it-tmexxija tas-Sur Anthony Mamo L.R.S.M., megħjun mis-Sur Joseph Galea, il-President, fil-King George V Club, Mqabba, hi lesta biex tidher fil-pubbliku.*

Schembri rriżenja biex jemigra fl-Awstralja.

Xieraq hawn nagħmel apprezzament lill-President, is-Sur Giuseppe Bugeja, li flimkien mal-Kumitat kien sors qawwi ta' inkoraġġiment għat-tagħlim tal-mużika. Fuq proposta tas-Sur Bugeja nnfisu ttieħed ritratt ta' l-Orkestra Santa Marija u bl-inizjattiva personali tiegħu ma' l-editur, dak ir-ritratt ġie ppubblikat fil-ħarġa ta' "Il-Berqa" tas-16 ta' Frar 1945.

Il-ħidma ta' Ġużeppi Galea laħqet il-qofol tagħha nhar il-Ħadd 12 ta' Awissu 1945 meta l-Orkestra Santa Marija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Espedito Deguara A. Mus. L.C.M. esegwiet l-ewwel programm tagħha fost il-ferħ u s-sodisfazzjon tas-Soċjetà.

Meta fl-20 ta' Ottubru 1946, f'seduta Ġenerali tas-Soċjetà ġie deċiż li l-orkestra tinbidel f'banda, fuq Ġużeppi Galea reġa' ntefa' l-piż ta' aspettazzjoni. Issa nsibuh mill-ġdid jaddatta strumenti oħra lill-membri tal-korda b'mod li l-banda taħt l-isem Banda Re Ġorġ V kellha l-kwartett tagħha sa mill-bidu waqt li mas-surmast magħżul, Mro Jos. M. Barbara A.Mus. L.C.M. jagħti l-lezzjonijiet u jħarreġ allievi ġodda. Fi żmien tassew qasir tgawda l-ewwel programm tal-Banda Re Ġorġ V nhar il-Ħadd, 30 ta' Marzu 1947. Nixtieq insemmi lis-Segretarju Emanuel Zammit (1904-19) għall-ħidma tiegħu li kienet ta' għajnuna kbira fil-formazzjoni tal-banda.

Fl-1959, Ġużeppi Galea xtara mill-ġdid vjolinċell u beda jistudja t-teknika tiegħu għand is-Sur Arthur (Turu) Grech (1909-1976). Min kien Turu? Iben Ġużeppi u Doris nèe Cassar, Turu trabba f'ambjent mużikali. Ħuh Pawlu kien pjanista u vjolinista t-Teatru Rjal, Turu kien vjolinċellista u Ines (Mrs. Borg) pjanista li daqqet xi drabi fuq ir-*Rediffusion*. Turu kellu majestrija fuq l-istrument, widna tajba, arkatura soda b'ton ċar u vibranti. Ta' 18-il sena kien membru fl-orkestra tat-teatru. Wara l-gwerra ħalla t-teatru minħabba n-negozju tal-familja però baqa' jieħu sehem f'orkestrini bħala mistrieħ. Turu kien bniedem ta' qalb tajba u ġeneruża. Ta' min isemmi li r-rapport bejn l-għalliem u l-istudent laħaq livell eċċezzjonali fejn Turu rregala l-vjolinċell tiegħu lil Ġużeppi Galea.[4]



*Arthur (Turu) Grech*

Ġużeppi Galea ħalla wirt mużikali fil-familja: l-Onor. Dr Louis Galea B.A. LL.D., M.P., pjanista/organista u vjolin; Karmnu sive Charlie, pjanista/organista u vjolinċell waqt li Victor, Saxophone Alto u kitarra.

Ġużeppi Galea kien mogħni b'altruwiżmu sinċier u, għax imżejjen b'imħabba qawwija lejn il-mużika, kien pijunier li qanqal u għolla l-għarfien ta' dik l-arti f'raħal twelidu. Ma niddejjaqx inżid li Ġużeppi Galea kien ta' sentimenti reliġjużi għolja u l-familja kienet l-għożża tiegħu.

Ġużeppi Galea baqa' dejjem interessat fid-daqq ta' l-orgni u l-vjolinċell f'servizzi reliġjużi u l-klarinett mal-Banda li sawwar u ħabb: il-"Banda Re Ġorġ V".

**Riferenzi:**

1. Tagħrif mogħti lili mis-Surmat Carmelo Caruana (1927- ).
2. Tagħrif mogħti lili minn Mons. Lorenzo Spiteri D.D., J.C.B.
3. Tagħrif mogħti lili mis-Sinjura Maria (Mimi) Farrugia, bint is-Surmast Ferdinando Falzon.
4. Tagħrif mogħti lili minn Rev. Fr Joseph Caruso B. Mus. (Toronto), L.R.S.M., A. Mus. L.C.M.

24 ta' Ġunju, 1998

# Alessio's Old Cottage

Triq il-Parroċċa, Mqabba
Tel: 683292

*Ħinijiet tal-Ftuħ:*
Mit-Tnejn sas-Sibt: 6.30am - 12.00pm; 5.00pm - 8.00pm
Ħdud u Festi: 6.30am - 12.00pm

*Issibu dak kollu li teħtieġu:*
**Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali, żraben u ħwejjeġ għal kull età, kif ukoll videos, CDs, cassettes, films, affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli.**

*Għal tiġijiet, engagements, parties, eċċ., qegħdin nipprovdu servizz ta' disco:*
**STARLIGHT DISCO**

# KATIE'S BEST BUY

*90, St Basil Street, Mqabba*
*(wara l-Knisja)*

**IL-FESTA T-TAJBA**
**lill-klijenti kollha minn**
**RICK u KATIE**



CAR TECH LTD.

**CAR TECH** Loreto Cutajar Street,
Żebbug ŻBG 06
Tel: 467052, Mobile: 099 6865

***GENERAL CAR SERVICE***

**Tuning of Fuel Injection & Electronic Ignition Engines, Vehicles Safety Test & Wheel Alignment**

# Messaġġ mis-Sindku ta' Santa Vittoria in Matenano.

COMUNE DI SANTA VITTORIA IN MATENANO
Provincia di Ascoli Piceno

Al Comune di Mqabba
REPUBBLICA di MALTA
Al Corpo Bandistico RE GEORG V°
MQABBA

Mi sia consentito attraverso queste poche righe, porgere il più caloroso saluto a tutti i Colleghi e gli amici Maltesi che ho avuto modo di conoscere e che hanno partecipato al Gemellaggio tra Santa Vittoria in Matenano e Mqabba.

Quando, tempo fa, si presentò l'occasione di coinvolgere questo Paese in un'azione volta ad amalgamare due realtà per alcuni aspetti completamente diverse ma al contempo accomunate da ricche tradizioni storico-culturali, non ebbi dubbi di sorta, si doveva fare di tutto perché quell'iniziativa potesse divenire realtà.

Così è stato, e non posso che complimentarmene: perché il ricordo dell'incontro tra le nostre Comunità è sicuramente destinato a durare per gli interessi che ci uniscono; non da ultima la forte passione musicale.

A quasi un anno di distanza dalla nostra visita a Malta è viva ancora in tutti noi la grande ospitalità ed il calore umano dimostrati.

Ecco perché mi fa veramente piacere avere contribuito ad ospitare in Italia i rappresentanti più autentici di una terra, per alcuni versi ancora periferica rispetto all'Europa ma indubbiamente generosa e sensibile alla necessità di creare forme di amicizia e collaborazione sempre più ample in un'epoca caratterizzata dalla tendenza alla globalizzazione.

Il legame che ormai unisce S.Vittoria in Matenano alla Comunità Maltese dovrà, pertanto, mantenersi saldo attraverso il ripetersi di incontri e scambi di tal specie che accrescono sempre più il desiderio di approfondire i vincoli di solidarietà tra popoli.

Con questi sentimenti sono altresì ben lieto di rivolgere un beneaugurante auspicio a tutta la Comunità di Mqabba che quest'anno sta celebrando i 400 anni di fondazione della parrocchia.

Certo che anche questa manifestazione risponderà pienamente alle attese, formulo ancora un saluto in particolare al collega Emmanuel Buttigieg e all'amico Alfred Galea.

Santa Vittoria in Matenano, li 22 giugno 1998.

Il Sindaco
Francesco Mancini



*Valentiano Pettrinelli (xellug) jippreżenta rigal lis-Soċjetà f'isem il-Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano.*

## *Lill-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba, Repubbblika ta' Malta.*

Lill-Kumitat tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba.

Nixtieq nibda dan il-messaġġ billi nieħu l-opportunità sabiex insellem lil sħabna u ħbieb tagħna Maltin li kelli l-opportunità nsir naf permezz tal-ġemellaġġ bejn il-Baned ta' Santa Vittoria in Maternano u l-Imqabba.

Meta, daqsxejn żmien ilu, tqajmet l-idea biex lir-raħal tagħna nagħtuh ċans jieħu sehem f'inizjattiva bi skop li tgħaqqad żewġ realtajiet xi ftit differenti minn xulxin li pero kellhom żewġ affarijiet komuni bejniethom; tradizzjoni kbira fl-istorja u fil-mużika. Ma kelli l-ebda dubju. Kien hemm bżonn nagħmlu minn kollox sabiex din l-inizjattiva ssir realtà.

U nista' ngħid li rnexxielna bil-kif għax it-tifkira tal-laqgħat li saru bejn Iż-żewġ komunitajiet żgur ser tibqa' fl-imħuħ tagħna. U dan fl-interess ta' l-għaqda li nżergħet bejnietna speċjalment fejn tidħol l-arti mużikali. Illum, kważi sena wara ż-żjara tagħna ġewwa Malta, għadha ħajja ġewwa fina lkoll it-tifkira ta' l-ospitalità kbira offruta lilna u l-imħabba umana li ntweriet fil-konfront tagħna ġewwa Malta.

U proprju għalhekk inħossni ferm onorat li kont nagħmel parti mill-Komunita' li ospitat ġewwa l-Italja rappreżentanti ta' gżira, li għalkemm żgħira, għandha qalb kbira. Gżira li tħoss il-bżonn li tibni ħbiberiji ġodda, l-aktar illum meta resqin lejn era fejn ħafna qegħdin jaħdmu sabiex joħolqu għaqda globali.

L-għaqda li llum bla ebda dubju teżisti bejn iż-żewġ komunitajiet ta' Santa Vittoria u l-Imqabba hemm bżonn li tinżamm ħajja permezz ta' aktar laqgħat u skambi bejnietna. Dan ukoll fl-opinjoni tiegħi jista' jgħin sabiex nagħtu eżempju lill-oħrajn. X'hemm isbaħ milli tara popli magħqudin f'solidarjetà bejniethom.

U b'dawn is-sentimenti nixtieq minn qalbi nawgura lill-poplu kollu ta' l-Imqabba fl-

# KRISTIANNE

## STATIONERY

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ

☎ 647391, 649150

*Offers*



okkażjoni ta' egħluq l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Ninsab ċert li ċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin tħejju ser ikunu ta' suċċess għalikom. Nagħlaq billi nerġa nibgħat it-tislijiet tiegħi lill-poplu ta' l-Imqabba kollu speċjalment lil sieħbi Sindku ta' l-Imqabba Emanuel Buttigieg u lill-ħabib kbir tagħna Alfred Galea.

***Santa Vittoria in Matenano,***
***22 ta' Ġunju 1998.***
***Francesco Mancini***
***Sindku- S. Vittoria in Matenano.***



*Sig. Francesco Mancini (lemin) jippreżenta rigal ta' tifkira lis-Sindku ta' l-Imqabba (10 t'Awissu 1997).*

# Messaġġ mill-Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano

***Lis-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re ĠorĠ V, Mqabba, Malta.***

***Egħżież Ħbieb,***

Huwa pjaċir kbir tiegħi li f'isem il-Kumitat u Bandisti tal-Banda tagħna, nwassal dan il-messaġġ. Nixtieq u nħoss li għandi niftaħ billi għal darb'oħra nirringrazzjakom ilkoll għal ospitalità kbira tagħkom waqt Iż-żjara ġewwa Malta. L-esperjenza sabiħa li kellna fosthkom iġġagħalna naħdmu sabiex niżguraw li l-għaqda li nbniet bejn iż-żewġ baned tagħna tkompli.

L-esperjenza li kellna ġewwa Malta kienet okkażjoni li għaqqdet mhux biss żewġ baned iżda li laqgħet ukoll żewġ popli li skoprew u urew lil xulxin it-tradizzjonijiet u l-folklore diversi tagħhom. Meta żorna l-għadd ta' postijiet ġewwa Malta stajna naraw u niskopru tradizzjoni antika ferm li tmur lura għal eluf ta' snin ilu. Għalkemm gżira żgħira Malta hija mimlija b'postijiet li jixhdu ċivilitajiet differenti li bnew l-istorja kbira li għandha Malta.

Tradizzjoni komuni li skoprejna kienet imbagħad bla dubju dik fejn tidħol art mużikali. Iż-żewġ irħula tagħna huma mogħnija bi tradizzjoni mużikali Bandistika antika li fuq

COMUNE DI SANTA VITTORIA IN MATENANO
Provincia di Ascoli Piceno

Al Comune di Mqabba
REPUBBLICA di MALTA
Al Corpo Bandistico RE GEORG V°
MQABBA

Mi sia consentito attraverso queste poche righe, porgere il più caloroso saluto a tutti i Colleghi e gli amici Maltesi che ho avuto modo di conoscere e che hanno partecipato al Gemellaggio tra Santa Vittoria in Matenano e Mqabba.

Quando, tempo fa, si presentò l'occasione di coinvolgere questo Paese in un'azione volta ad amalgamare due realtà per alcuni aspetti completamente diverse ma al contempo accomunate da ricche tradizioni storico-culturali, non ebbi dubbi di sorta, si doveva fare di tutto perché quell'iniziativa potesse divenire realtà.

Così è stato, e non posso che complimentarmene: perché il ricordo dell'incontro tra le nostre Comunità è sicuramente destinato a durare per gli interessi che ci uniscono; non da ultima la forte passione musicale.

A quasi un anno di distanza dalla nostra visita a Malta è viva ancora in tutti noi la grande ospitalità ed il calore umano dimostrati.

Ecco perché mi fa veramente piacere avere contribuito ad ospitare in Italia i rappresentanti più autentici di una terra, per alcuni versi ancora periferica rispetto all'Europa ma indubbiamente generosa e sensibile alla necessità di creare forme di amicizia e collaborazione sempre più ampie in un'epoca caratterizzata dalla tendenza alla globalizzazione.

Il legame che ormai unisce S.Vittoria in Matenano alla Comunità Maltese dovrà, pertanto, mantenersi saldo attraverso il ripetersi di incontri e scambi di tal specie che accrescono sempre più il desiderio di approfondire i vincoli di solidarietà tra popoli.

Con questi sentimenti sono altresì ben lieto di rivolgere un beneaugurante auspicio a tutta la Comunità di Mqabba che quest'anno sta celebrando i 400 anni di fondazione della parrocchia.

Certo che anche questa manifestazione risponderà pienamente alle attese, formulo ancora un saluto in particolare al collega Emmanuel Buttigieg e all'amico Alfred Galea.

Santa Vittoria in Matenano, li 22 giugno 1998.

Il Sindaco
Francesco Mancini

*L-ittra oriġinali bit-Taljan*

Zneiber

Confectionery & Pastizzerija

*Orders accepted for*
*Weddings and All Occasion Parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 803999
Mobile: 097 8642

St. George's Street, Luqa
Tel: 677230

**PRIME LTD.**

PRIME

**HAM, BACON, MORTADELLA, SAUSAGES,**
**BURGERS, GROUNDBEEF, PIES**

Produced by **PRIME LTD**. Mgieret Road, Marsa Malta Tel: 222291/2



*Dott. Pietro Colonnella (lemin) jieħu b'idejn is-Sindku ta' l-Imqabba waqt żjara għand il-Kunsill Lokali Mqabba (10 t'Awissu, 1997)*



*Sig. Domenico Ciaffareni (it-tieni mil-lemin) jirċievi rigal ta' tifkira mingħand is-Sur Carmel Zahra (11 t'Awissu, 1997)*

kollox kien l-aspett ewlieni li kompla għaqqadna flimkien.

L-iskampju li sar bejn il-baned tagħna għandu skop li jħares 'il bogħod. Jista' joffri liż-żewġ komunitajiet nazzjonali tagħna sabiex jużaw kultura bħal ma hi dik ta' l-arti mużikali bħala mezz li jgħaqqad. U aħna żguri, mill-esperjenza tagħna, li dan jista' jkun skop għal għaqda li ċertament jagħti l-frott. Dan hu riżultat pożittiv li nistgħu ngħidu ħareġ minn dan il-ġemellaġġ li kien novità assoluta għall-provin`ja tagħna.

Nagħlaq billi f'isem il-Banda nerġa' nibgħat b'simpatija u affezzjoni kbira it-tislijiet lill-Banda Re Ġorġ V. J'Alla l-għaqda ta' bejnietna tkun fattur importanti sabiex iżżomm ħajja din it-tradizzjoni komuni taż-żewġ irħula tagħna.

Nieħdu l-okkażjoni sabiex nawguraw lilkom ilkoll fl-okkażjoni ta' egħluq l-400 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħkom.

***Nieħdu gost ħafna nerġgħu narawkom fostna.***
***Santa Vittoria in Matenano, 22 ta' Ġunju 1998.***

***Valeriano Pettinelli,***
***President,***
***Corpo Bandistico Citta' di S. Vittoria in Matenano.***

---


# Ġrajjiet is-Soċjetà
## issa miġbura fi ktieb ġdid.

**Ktieb utli għall-istudenti ta' l-Istorja.**
**Rigal uniku għal qrabatna Emigranti.**
**Jista' jinxtara mill-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għall-prezz ta' Lm4.**



# PET CARE

*Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba, sustanzi eċċ.*
*Għall-pets mediċini għall-annimali kollha.*
*Ġwies u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,*
*ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,*
*qasab, snanar u swivels u*
*kaxxa tal-plastic tas-sajd, eċċ.*
*Lanza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful, eċċ.*

Qrendi Road, Żurrieq        Tel: 649727

# INDURATURI!!

**Għall-materjal ta' l-induratura irrikorru għand:-**

**E. THEUMA & Co. Ltd**
**THEUMA HOUSE, 302, St Paul Street, Valletta**
**Tel: 234075/236605  Telefax: 244201**

# Caraboll Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 680760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

# *Preżenza Kristjana*

# B'Għeruqha 1600 Sena Ilu!

J.M. Ghigo SJ

Fil-15 ta' Settembru li ġej il-Parroċċa ta' l-Imqabba tagħlaq 400 mitt sena mindu l-Isqof Tommaso Gargallo waqqafha fl-1598. Dan l-Isqof, tul l-episkopat twil tiegħu (1578-1614), fost ħwejjeġ oħra ħoloq **disa' parroċċi ġodda**. Dan huwa fatt ferm rari f'dawk iż-żminijiet, li jispikka wisq iżjed l-aktar meta niftakru sewwa li sa meta sar Isqof Mons. Gargallo, il-Poplu ta' Alla f'Malta kollha kien moqdi biss minn xi tnax-il parroċċa li l-kotra tagħhom insibuhom fil-lista famuża tas-sena 1436. Għawdex stess kien jagħmel parti mid-djoċesi ta' Malta, imma kellu parroċċa waħda għalih waħdu.

Biex napprezzaw sewwa u kemm jixraqlu l-Isqof Gargallo bl-istatura pastorali tiegħu fi djoċesi antika wara l-Konċilju ta' Trento u riesqa għas-seklu 17, l-ewwelnett imissna niftakru li meta ħa f'idejh ir-riedni tal-Knisja f'Malta, hu kien diġà għadda xi snin bħala l-**Vigarju Ġenerali** ta' l-Isqof ta' qablu Mons. Martin Royas. Imbagħad imissna wkoll inżommu tajjeb f'moħħna li tliet snin biss qabel ma Gargallo laħaq Isqof, Malta kienet laqgħet il-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietro Dusina. B'hekk nifhmu li Mons. Gargallo kien midħla tar-**rapport dettaljat** ta' dik iż-żjara pastorali storika tant li f'dak ir-rapport sab ukoll għajnuna kbira biex jippjana tajjeb l-attività pastorali tiegħu. Minn dan kollu nieħdu indikazzjoni aktar ċara ta' kemm Gargallo kien jaf sewwa l-bżonnijiet kemm spiritwali, kemm soċjali, tal-poplu Nisrani fdat f'idejh f'Malta u Għawdex.

### *In-Nofsinhar ta' Malta*

L-ewwel żewġ parroċċi mwaqqfin mill-Isqof Gargallo kienu l-Isla fl-1581, u mbagħad Bormla fl-1586. Dan juri kif, waqt li kienet qed tikber il-Belt ġdida Valletta, bir-raġun kienu qed jiżviluppaw ukoll il-bliet tan-naħa l-oħra tal-Port il-Kbir. Inħarsu issa aktar mill-qrib lejn erba' parroċċi ġodda li Mons. Gargallo waqqaf ftit snin warajhom - li kienu kollha fin-Nofsinhar ta'




Malta! Kollox juri aktar u aħjar kemm f'dawk is-snin, u għal bosta raġunijiet, din ix-xaqliba kienet aktar integrata fl-ekonomija u fis-sigurtà ta' Malta min-naħa ta' fuq. Infatti **tliet parroċċi biss** mid-disgħa ta' Gargallo - Ħal Lija li saret parroċċa fl-1594, il-Mosta fl-1608 u fl-aħħar Ħal Għargur fl-1610, jinsabu f'dik in-naħa.

L-erba' parroċċi l-ġodda li se nsemmu aktar issa mhux biss huma fin-naħa ta' isfel ta' Malta, imma Mons. Gargallo ħariġhom kollha mill-parroċċa l-antika u ferm mifruxa ta' Birmiftuħ li l-knisja tagħha għadna narawha quddiem l-Ajruport. Birmiftuħ kienet parroċċa tħaddan 55 knisja mxerrdin fit-territorju tagħha u mqassmin f'seba' rħula. L-ewwel tnejn minnhom li fl-1592 saru parroċċi, kienu Ħal Tarxien u Ħal Kirkop. Din bla ebda dubju kienet deċiżjoni tassew għaqlija u f'waqtha, imma deher ċar ukoll kemm

*Everything you need for your home under one roof*

**SUPER S IRONMONGERY**

Dun Matteolo Saliba Street,
Żurrieq. Tel: 689256

**Opening Hours:** **Monday to Friday** **6.30a.m. - 7.00p.m.**
**Saturday** **6.30a.m. - 2.00p.m.**

Electrical & Water Fittings, Cement, Lime & Fuq il-Fil

A large selection of Power Tools & Hand Tools

Indoor & Outdoor Lightings Skirting, Metal & Wooden Curtain Poles

A large variety of household appliances and kitchen utensils

Fans, Dehumidifiers, Coolers, Heaters & Fan Heaters

Ruzuni, Garden furniture, Picnic Tables, Umbrellas, Resin Tables & Chairs

**FOR HIRE**
**JIGGERS, MIXERS, SCAFFOLDINGS.**

**KINGFISHER**

**Bar & Restaurant**



**Blue Grotto Wied iż-Żurrieq**
**Tel: 647908**

ma niżlet xejn tajjeb mal-poplu la fl-Imqabba u lanqas f'Ħal Safi! Għax dawn l-irħula spiċċaw imgħaqqdin ma' Ħal Kirkop! Madankollu, wara biss sitt snin oħra, dawn ukoll spiċċaw biex saru ż-żewġ parroċċi l-oħra mid-disgħa l-ġodda mwaqqfin minn Gargallo.

Għaliex il-poplu ta' l-Imqabba ħadha tant bi kbira li fl-1592 l-Isqof ma tahomx parroċċa maqtugħa għaliha minn Birmiftuħ? L-istorja ġġegħilna niftakru fit-**8 ta' Frar 1575**. Wara li l-Viżitatur Dusina żar tmien knejjes żgħar f'Ħal Luqa u tnejn oħra f'Ħal Farruġ, sa fl-aħħar wasal l-Imqabba biex iżur it-tmien knejjes tagħha. L-Imqabbin, flimkien man-nies ta' Ħal Farruġ u ta'Ħal Kirkop, ħatfu dik l-okkażjoni unika, avolja għal ftit sigħat biss, biex bagħtu delegazzjoni għand Mons. Dusina. Riedu juruh ċar il-qagħda spiritwali mwiegħra tagħhom għax kellhom jimxu xi tliet mili għall-parroċċa f'Birmiftuħ. Għalhekk talbuh *"rettur"* għalihom biss u huma jaħsbulu għall-għixien, u fil-każ li l-Viżitatur deherlu li ż-żmien għall-parroċċa kien għadu ma wasalx, xtaqu għall-anqas li jkollhom *"viċi-parroku"* u lil dan ukoll jaħsbulu biex jgħix! Imma ż-żjara ta' Dusina fl-1575 uriet ċar lill-Imqabbin mhux biss kif l-ewwel talba għall-parroċċa ma wasslithom imkien, biex imbagħad fl-1592 sabu rwieħhom "imgħaqqdin" ma' Ħal Kirkop.

## *Is-Sabar Jagħti L-Frott*

Madankollu, l-Imqabbin qalbhom ma qatgħuhiex, għax missirijiethom u ommijiethom ma kinux imdorrijin jieħdu dak li ħaqqhom *"hawn u issa"* bħal bosta nies ta' żmienna! Kienu nies ma jafux jilqgħu "le" bħala risposta, għax kienu jafu wisq aktar jistennew u ilhom li tgħallmu l-lezzjoni: *"min jistenna, jithenna."* Tant hu hekk li sentejn biss wara ż-żjara ta' Dusina, miet l-Isqof, malajr laħaq Isqof ġdid, u dan kellu jħalli l-marka tiegħu fuq il-Knisja f'Malta, kif diġà semmejna fil-qosor. Fost l-oħrajn waqqaf parroċċa f'Ħal Kirkop u ħoloq konsegwenzi interessanti ferm għall-irħula ġirien, l-Imqabba u Ħal Safi.

La tmorrux taħsbu li diġà dak iż-żmien, 400 sena ilu, l-Imqabbin kellhom għall-Koppin, jew kien hemm xi pika bejniethom... Xejn minn dan! Ir-raġuni għax ma ħadux gost li l-Isqof poġġihom ma' Ħal Kirkop kienet wisq aktar sempliċi. L-ewwelnett kienu jħossu sewwa kemm fil-faqar li kienu jgħixu fih - kienu biss xi 150 ruħ fi 30 dar - ma kellhomx jitgħabbew bil-piż ta' *"knisja ġdida"* ġo Ħal Kirkop, meta dan ir-raħal ukoll jinsab mal-mil u nofs bogħod minn tagħhom! Ħassew għalhekk li piż bħal dak aħjar jitgħabbew bih f'raħalhom stess għax **"xammew"** li l-parroċċa ma kinitx wisq bogħod.

Infatti l-ewwel kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Karlu Taljana, b'digriet fl-**24 ta' Jannar 1593** ġieh l-ordni biex jaqdi l-parroċċani tiegħu minn Birmiftuħ, u sa mill-ewwel reġistru parrokkjali jżomm distinzjoni ċara bejn in-nies ta' Ħal Kirkop u dawk mill-Imqabba u Ħal Safi. Dan kien ifisser li għalkemm l-Isqof ma reġġax lura d-digriet ta' tmien xhur qabel fid-29 ta' Mejju 1592, li bih ħoloq parroċċa f'Ħal Kirkop, ħalla **"tama qawwija"** u wisq aktar **"bieb imbexxaq"** għall-Imqabba u Ħal Safi li jsiru parroċċi fi żmien qasir!

## *L-Imqabbin Iġibuha Żewġ!*

Għalkemm l-Imqabbin xejn ma ħadu gost bil-mod kif saru xi affarijiet tant li ppreferew jibqgħu kif kienu, ma damux hekk snin twal! Moħħhom baqa' jħammem, u 20 sena wara l-petizzjoni lil



*L-altar tal-kor iddedikat lil Marija mtellgħa s-Sema.*

# TA' BALAL
# PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 809351**

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 683129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu
**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# Strawberry Blonde

## *Unisex Hair Salon*

**For latest Cuts, Tinting, Perms, etc.**

**32, Republic Square, Żurrieq**
**Tel: 683796**

Mons. Dusina, fis-**16 ta' Settembru 1595** ressqu t-tieni talba għal parroċċa. Din id-darba, però, in-nies tar-raħal urew għaqal wisq akbar minn qabel għax ħassew "ir-riħ tal-bidla" jonfoħ lejhom, ressqu t-talba f'isem il-poplu kollu għar-raħal waħdu, u għamluha f'forma ta' kuntratt legali biex il-ftehim ikun mibni fuq is-sod u magħmul quddiem nutar li kien Dun Ġwann Debono, il-Kanċillier tal-Kurja ta' l-Isqof. Għall-Imqabba dehru Baskal Spiteri u sitt irġiel oħra li lkoll riedu li l-Imqabba malajr issir parroċċa, imwaqqfa f'dik il-knisja fil-qalba tar-raħal iddedikata lil Santa Marija.

Hekk ġara tassew fi tliet snin biss, bid-digriet storiku tal-**15 ta' Settembru 1598**. Billi malajr inħatar l-ewwel kappillan għall-Imqabba, Dun Ġwann Mizzi, dan beda minnufih ħidmietu pastorali fl-akbar knisja tar-raħal, San Basilju. Din kienet il-knisja parrokkjali għal xi snin, sakemm inbniet u tlestiet il-ġdida, iddedikata lil Santa Marija, imtellgħa fl-istess post fejn diġà kien hemm l-ewwel knisja, u issa nsibu l-knisja parrokkjali attwali.

Għal dan kollu l-Imqabbin, il-Poplu ta' Alla fl-Imqabba - il-kappillan, is-saċerdoti u l-lajċi - għandhom tassew għax jiżżu ħajr fuq kollox lil Alla l-imbierek li minnu ġejja kull barka, u lil Marija, Omm Alla u Omm il-Knisja. Hekk jagħmlu miljuni ta' ħuthom Insara f'tant parroċċi oħra f'Malta u Għawdex, u fil-Knisja kollha mferrxa mad-dinja. Veru li din il-Parroċċa fl-Imqabba tagħlaq 400 sena ħajja ħabrieka, imma das-snin kollha b'ebda mod ma jagħmluha xiħa! Parroċċa ta' raħal b'150 abitant illum saret tgħodd madwar 2,780 irġiel, nisa u tfal. B'tant familji Nsara fi ħdanha l-Parroċċa fl-Imqabba żgur ma tixjieħ qatt, anzi tagħraf dejjem tiġġedded b'ulied ġodda jfaħħru lil Alla fi ħdan il-Knisja Kattolika. Dan kollu għandu fih l-aqwa valur spiritwali, soċjali u storiku, imma jiena nħobb inħares wisq iżjed lil hinn mill-400 sena li tagħlaq il-Parroċċa ta' l-Imqabba.

## *Teżor Imprezzabbli*

Hawn irrid noħroġ fil-beraħ ħaġa li ilni naħseb fuqha s-snin twal... xi 40 sena! Il-**preżenza Kristjana fl-Imqabba** tmur wisq àktar 'l hinn mill-400 sena li għaddew, anke meta l-Imqabba kienet għadha lanqas biss ma ħolmot li ssir parroċċa għaliha. Hawn m'għandix f'rasi l-knisja qadima Sikulo-Normanna ta' San Basilju, għax għalkemm jaf kulħadd li din hi l-eqdem knisja ġo l-Imqabba, imma din żgur li ma twassalniex lil hinn aktar minn xi 150 sena oħra qabel ma twaqqfet il-Parroċċa fl-1598, l-aktar l-aktar!

Għalhekk fid-dawl ta' l-esperjenza personali, meta fl-1957 fil-Belġju hadt kors fuq l-arkeoloġija Kristjana mogħti mill-Prof. A. Ghequière SJ, inħobb nistaqsi ħaġa waħda lin-nies, l-aktar lill-Imqabbin. Għax forsi din il-ħaġa qatt ma tkun għadditilhom minn ġo rashom... *"Qatt ħsibtu b'ċerta serjetà x'teżor imprezzabbli għandkom fl-Imqabba?"* Dan it-teżor tassew prezzjuż - li ebda kemmxa flus ma tista' tixtrih - jinsab fil-veru sens tal-kelma taħt saqajn in-nies, fit-tliet Katakombi tal-Mintna li hemm f'tarf l-Imqabba!

Dawn il-Katakombi żgħar - jew ipoġej - jixhdu valur storiku, soċjali u artistiku fuq livell nazzjonali wkoll, imma bla ebda dubju jixhdu fuq kollox valur Kristjan. Ibda biex, dawn il-Katakombi ma sarux waħedhom, lanqas b'kapriċċ! Mhux in-nies stess ħaffruhom fil-blat, taħt l-art, biex ġo fihom jidfnu l-għeżież mejtin qrabathom? U dan kollu għamluh b'sengħa raffinata skond id-drawwiet ta' żmienhom! Illum l-istudji kollha li qatt saru fuq dawn il-Katakombi



*L-Istatwa titulari ta' Santa Marija.*


JB
STORES
JB STORES L-Iklin Road, Lija
Tel: 437312/3, 435537 Fax: 435475
JB CARPETS Ponsomby Street, Mosta
Tel: 437506 Fax: 437507
FASHION fabrics
Home Textiles and Carpets
HABERDASHERY & ACCESSORIES
Home Styles
Ready Made Garments
Curtains & Furnishings
Shoe Stores
Wall to Wall Carpeting

tal-Mintna b'kull ma nstab fihom jgħinuna nifhmu wisq aħjar, u b'hekk napprezzaw aktar, in-nies tal-qedem kważi minsija li ma kienx għall-Katakombi!

Fil-Katakombi Mqabbin nitgħaxxqu bil-famuża mejda għall-"**agape**" miżmuma tajjeb ferm, fejn madwarha l-Insara bikrin kienu jissieħbu għall-ikla ritwali u jidfnu lil nieshom f'bosta oqbra mħaffrin fil-blat, imdawlin biss b'imsiebaħ mixgħula biż-żejt, u miżmumin xotti bil-gandotti biex jiġbru l-ilma jnixxi mill-blat. Nafu tajjeb kif l-istudjużi kollha jqisu dawn il-Katakombi fl-Imqabba bħala **"paleo-Kristjani"**, jiġifieri ġejjin mill-Kristjaneżmu bikri f'Malta ta' madwar is-sena 400 W.K. Imma jmissna niftakru sewwa li kważi 140 sena ilu dan it-teżor Kristjan imprezzabbli tal-Katakombi Mqabbin kien għadu kollu minsi, moħbi taħt saqajn in-nies, għax assolutament ħadd ma kien jaf xejn fuqu! Ir-raġuni ta' dan kollu? Sempliċi wisq. Ħadd qatt ma kien għadu "ħolom" b'dawn il-Katakombi tal-Mintna fl-Imqabba, aħseb u ara mar joqgħod ifittixhom sa ma jsibhom, jikxifhom u jistharrigħom! F'dan il-qasam tidħol wisq il-fortuna! Taf issib, u taf ukoll ma ssib xejn!



Pjanta ta' Katakombi mit-tlieta fl-Imqabba.

## *Rivoluzzjoni Ta' l-Għaġeb*

Sa fl-aħħar il-folja nqalbet sewwa fl-1860, meta - wara ħafna taħbit u taqtigħ il-qalb - Dr Annetto Caruana u l-Kaptan Strickland sabu l-Katakombi tal-Mintna fl-Imqabba, imma biex ħarġu riżultati bil-bosta rapporti u studji kellna nistennew jibda s-seklu 20. Illum fid-dawl ta' dan kollu, bilfors naslu għal din il-konklużjoni interessanti u fl-istess ħin importanti mhux biss għall-Imqabbin kollha, imma wkoll għall-irħula kollha ta' madwarha, għax f'ebda wieħed ma sabu Katakombi Nsara paragonabbli għal dawk ta' l-Imqabba. Is-siti arkeoloġiċi huma fatti sodi ta' l-istorja, avolja xi drabi l-kxif tagħhom hu r-riżultat tal-fortuna. Dawn il-Katakombi **"paleo-Kristjani"** jissoponu li kienu l-Insara li ħaffruhom u allura żgur li diġà **xi familji Nsara kienu jgħixu fl-Imqabba jew qribha madwar 1,600 sena ilu**. Ma kinux x'uħud minnhom li ħaffruhom bl-istil komuni għal dak iż-żmien bħal f'San Pawl tar-Rabat, biex fihom difnu l-għeżież qrabathom?

Din hi, u ħaqqha tkun tassew, **rivoluzzjoni ta' l-għaġeb** fl-għarfien sħiħ u sod li s'issa qatt ma kellna fuq dawn is-snin fl-istorja reliġjuża u ċivili ta' l-Imqabba. F'dawn il-Katakombi tal-Mintna naraw ix-xhieda soda u dokumentata tal-**preżenza Nisranija fl-Imqabba** ta' madwar 400 W.K. Is-sejba ta' dawn il-Katakombi saret tfisser **qabża immensa** ta' aktar minn 1000 sena, qabża li twassalna għaż-żmien bikri fl-istorja ta' l-Imqabba. Din żgur qabża immensa għax **mis-sena 1598** meta bdiet il-Parroċċa, imbagħad wisq lil hinn mill-bini ta' San Basilju mhux aktar minn xi 150 sena qabel, teħodna lura **għas-sena 400** meta l-Insara Mqabbin bikrin kienu sikwit jiltaqgħu ġol-Katakombi tal-Mintna mdawlin bl-imsiebaħ taż-żejt, jissieħbu bħal **"aħwa fil-Mulej"** u jiċċelebraw l-*"agape"* fil-funerali u d-difna ta' l-għeżież qrabathom, waqt li jistennew il-Mulej sa ma jiġi mill-ġdid fil-glorja!

Tassew hu ta' l-għaġeb il-Mulej fi triqatu meta jwassal Parroċċa tiżżih ħajr għal 400 sena ħajja u jfakkarha wkoll fil-preżenza Kristjana b'għeruqha 1,600 sena ilu!

Żomm l-isbaħ rikordju tal-Festa speċjali ta' din is-sena... bl-imġieba tiegħek ta' kuljum.






**DENFAR**

WHERE QUALITY
COMES FIRST

Denfar House,
Old Valletta Road,
Mqabba
Tel: 683228, 685706
Fax: 689529

# DENFAR

## THE NAME IN CONCRETE

• Building Construction • Concrete & Torba Suppliers
• Earth Moving • Trench Excavation
• In House Quality Control

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

*Tirrapporta*
*l-Kummissjoni Banda*

Bla dubju ta' xejn is-sentejn li għaddew minn fuq il-Banda tagħna jistgħu jitniżżlu bħala perjodu tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà. Matul dawn is-sentejn, il-Banda Re Ġorġ V iddistingwiet ruħha fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru sabiex fakkru għeluq il-50 sena mit-twelid ta' l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa r-raħal tagħna. Aktar tard, il-Banda ċċelebrat kif inhu xieraq u bl-aktar mod dinjituż il-50 sena mit-twaqqif tagħha mill-Orkestra Santa Marija. Dan il-perjodu nistgħu ngħidu li għalaq fil-festa ta' Santa Marija tas-sena l-oħra. Matul il-festa, il-Banda ħarġet bl-unuri kollha fi programm strumentali li esegwiet nhar l-10 ta' Awissu 1997. Dan mhux qed ngħiduh aħna biss. Dan jistgħu jixhduh il-persuni li kienu preżenti. Il-kumplimenti li rċevejna verament imlewna b'kuraġġ kbir sabiex inkomplu mexjin fit-triq li qbadna, triq li bil-għajnuna ta' Santa Marija ser tkompli tgħin sabiex tgħolli dejjem 'il fuq isem il-Banda tagħna. Nagħtukom issa ħidmet il-Banda matul din l-aħħar sena li għaddiet.

Hekk kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, f'Settembru, wara xahar ta' ftit mistrieħ, bdejna l-ħidma tagħna għall-istaġun il-ġdid billi saret laqgħa ġewwa l-każin għall-allievi l-ġodda u l-ġenituri tagħhom. Kellna konkorrenza tajba ħafna. Eżattament wara din il-laqgħa, reġgħet infetħet l-iskola tal-mużika ġewwa l-każin. U hawnhekk ma nistgħux ma nirringrazzjawx lis-Surmast Direttur Mro David Agius li flimkien



*Is-Surmast David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.) (xellug) u l-assistent tiegħu s-Sur Mark Zammit flimkien ma' ħames bandisti ġodda.*



*Is-Sur Rokku Camilleri f'isem il-kumpanija Di Rocco Ltd jidher jippreżenta s-shield uffiċjali tal-bandist tas-sena lill-President tas-Soċjetà.*

mas-Sur Mark Zammit jagħmlu sagrifiċċju kbir sabiex imexxu l-iskola tal-mużika fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Bil-ħidma tagħhom anke din is-sena ser nilqgħu numru ta' bandisti ġodda fil-familja tal-Banda tagħna. Prosit u Merħba!

Matul Ottubru saret l-ikla annwali ad unur il-Bandisti tal-post u l-*helpers* tal-Banda. Hekk kif għadda dan l-avveniment, aħna tal-kummissjoni flimkien mas-Surmast għażilna l-mużika għal din is-sena u tajna bidu għall-kunċerti regolari li jsiru kull ġimgħa għall-Bandisti tal-Post. Ringrazzjament dovut issa huwa mistħoqq għall-bandisti tal-post li jattendu regolari għall-kunċerti speċjalment dawk li ma joqogħdux ġewwa l-Imqabba. Ringrazzjament ieħor partikolari jmur lejn is-Sinjuri Victor Galea u Karl Matthew Camilleri, żewġ bandisti tal-post li jdoqqu *Bass Guitar* u *Drum-Kit* rispettivament. Dawn iż-żewġ strumenti llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li saru essenzjali sabiex ittella' kunċert strumentali li jolqot il-gosti ta' kulħadd. Il-Banda tagħna tqis ruħha xxurtjata li hija waħda mill-ftit baned Maltin li fost il-bandisti tagħha għandha żewġ mużiċisti kapaċi jdoqqu dawn iż-żewġ strumenti. Prosit u *Keep it up!!*

Għax-xahar ta' Novembru ħadna ħsieb norganizzaw l-arkivju tal-mużika. Wara li sar l-inventarju tal-mużika li s-Soċjetà tippossedi, il-mużika kollha tpoġġiet ġewwa l-arkivju. Tajjeb hawnhekk wieħed isemmi li l-arkivju mużikali tagħna qiegħed dejjem minn sena għal sena jikber u jiżdied grazzi għall-Kumitat eżekuttiv li jagħtina *budget* fis-sena sabiex tinxtara mużika

MED LENS
OPTICAL CLINIC

**Sliema Road, Gżira GŻR 04 Tel: 315730**
**55, New Street, Luqa LQA 02 Tel: 673238**

Large range of the very latest designer brands spectacle frames and sunglasses, full range of contact lenses including sterilising of all types of contact lenses. Tinting and anti-reflective coatings. Special hard coating of plastic lenses to avoid scratching.
24 hour service on most prescription lenses including photochromatic lenses.

*stockist of :*
SERENGETI
Sunglasses by CORNING OPTICS
EYEWEAR COLLECTIONS
APACHE®
Slazenger
FAT BOY EYE WEAR
TIFFANY
MARIELLA BURANI
P.O.BOX
GIVENCHY
PARIS




La Gatta
Women & Men's Wear

**Women & Men's Wear**
**Teenage Look**
Specialised in Exclusive gowns made to measure from abroad

Blue Grotto Avenue
Żurrieq ZRQ11
Tel: 611417 Fax: 611418

ġdida kif ukoll grazzi għall-ammiraturi tal-Banda tagħna li jogħġobhom jirregalaw mużika. Fil-fatt għal din is-sena, minbarra li nxtrat xi mużika ġdida li ser tiżżanżan fil-festa, irċevejna aktar mużika ġdida li għoġbu jirregalalna l-ammiratur u partitarju kbir John Borg mill-Amerika. Minn hawnhekk nirringrazzjawh mill-qalb. Matul Novembru wkoll numru ta' bandisti mill-Banda tagħna ħadu sehem waqt serata mużiko-letterarja organizzata mill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt programm ta' Mużika Sagra nhar Ħadd il-Palm.*

F'April, imbagħad il-Banda għamlet is-soltu programm ta' mużika sagra nhar Ħadd il-Palm quddiem il-Każin. Dan il-programm, apparti milli jgħin ħalli jkompli jdaħħalna fl-ispirtu tal-Ġimgħa Mqaddsa, għandu sinifikat speċjali għaliex ifakkar l-ewwel dehra tal-Banda Re Ġorġ V aktar minn 50 sena ilu. Kien nhar Ħadd il-Palm ta' l-1947 meta l-Banda Re Ġorġ V għamlet l-ewwel programm mużikali tagħha.

Fix-xahar ta' Mejju daħħalna novità ġdida fi ħdan l-attività tal-Banda tagħna. Il-Kummissjoni Banda flimkien mal-Kumitat organizza Jum Il-Ġenituri għall-allievi li qegħdin jitgħallmu l-mużika bħalissa. Nistgħu ngħidu li kien hemm interess qawwi min-naħa tal-ġenituri li wieġbu għas-sejħa tagħna u ġew sabiex jaraw il-progress ta' wliedhom fit-tagħlim tal-mużika. Din hi ħaġa li tkompli timliena b'kuraġġ. Meta tara li jkun hemm interess dan ikun ifisser li x-xogħol qiegħed isir sewwa. J'Alla nkomplu sejrin hekk.

Matul ix-xahar ta' Lulju, il-Banda mbagħad għamlet is-soliti servizzi barra r-raħal. Il-banda daqqet ġewwa r-Rabat Malta, għall-festa ta' San Pawl Missierna kif ukoll ġewwa ż-Żurrieq għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu. U la hawnhekk qegħdin insemmu s-servizzi tal-Banda barra l-Imqabba din is-sena nistgħu ngħidu li kellna numru konsiderevoli ta' stediniet sabiex il-Banda tieħu sehem f'diversi festi kemm ġewwa Malta kif ukoll f'Għawdex. Jiddispjaċina li minħabba ħafna raġunijiet ma stajniex naċċettaw dawn l-istediniet. Min-naħa l-oħra, ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil dawk kollha li qegħdin juru nteress fil-Banda tagħna billi juru xewqa sabiex tieħu sehem waqt il-festi tar-raħal tagħhom. Matul Lulju wkoll bdejna bil-kunċerti ġenerali għall-bandisti barranin sabiex inkomplu nippreparaw il-mużika li ser tindaqq matul il-kunċert strumentali tal-Banda tagħna għall-festa.

Din kienet bejn wieħed u ieħor sena oħra ta' ħidma għall-banda tagħna. Nagħlqu billi nagħmlu xi ftit appelli żgħar. L-ewwel appell li nixtiequ nagħmlu huwa għalikom ġenituri sabiex tħeġġu lil uliedkom sabiex jiġu jitgħallmu l-mużika ġewwa l-każin tagħna. Kif taraw il-Banda tagħna kull ma jmur dejjem qiegħda timxi 'l quddiem. Din il-mixja però, għandha bżonn l-għajnuna tagħkom. Uliedkom huma l-futur tal-Banda tagħna. Imbagħad hemm l-ex bandisti tal-post tagħna. Hija ħasra meta toqgħod tara r-ritratti antiki. Ħafna bandisti li ħarġu jdoqqu mal-banda u għal xi raġuni jew oħra qatgħu milli jdoqqu. Nifhmu li kultant iċ-ċirkostanzi tal-ħajja ma tantx jippermettu. Veru li hemm dak il-ftit sagrifiċċju u mpenn li tirrikjedi l-Banda. Però mbagħad meta tqis li wara hemm dak is-sodisfazzjon li qiegħed tagħti sehmek fis-suċċess tal-banda, dak is-sagrifiċċju kollu malajr tinsieh. M'hemmx għalfejn ngħidulkom. Tafu li l-bieb għalikom għadu dejjem miftuħ. Nagħlqu billi nistidnukom sabiex tattendu għas-servizzi tal-Banda matul il-festa speċjalment għall-programm strumentali ta' l-10 ta' Awissu, li din is-sena wkoll ser ikun speċjali fl-okkażjoni ta' għeluq l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna. Kif tistgħu taraw iżjed 'il quddiem, ippreparajna mużika li għandha tolqot il-gosti ta' kulħadd. Apparti milli tiddevertu tkunu tistgħu tapprezzaw ħidmet il-Banda tant għażiża għas-Soċjetà tagħna. Narawkom u nawguralkom il-Festa t-Tajba.

***Il-Kummissjoni Banda***



*Bandisti tal-Banda Re Ġorġ V waqt serata mużiko-letterarja organizzata mill-Kunsill Lokali.*

# TAR-ROBBA LIMITED
## CONCRETE BATCHING PLANT




Tar-Robba L/O Kirkop ZRQ 10, MALTA
Tel:(+356) 683558, 685332
Fax: (+356) 642834

# Messaġġ mill-Kumitat tan-Nisa

Reġgħa wasal Awissu! Xahar għażiż wisq għalina l-Imqabbin. Bla ma rridu, il-ħsieb biss ta' Awissu jfakkarna f'waħda mill-iżjed festi li jiġu ċċelebrati mad-dinja kollha ad unur ta' Ommna Marija Santissima Mtellgħa fis-Sema; l-Għid ta' l-Assunta, fejn fl-Imqabba niċċelebraw b'ferħ, għożża, qima u mħabba.

Hija t-tradizzjoni ta' 400 sena li writna mill-għeżież tagħna, li niċċelebraw din il-festa bil-kbir u fejn f'dawn il-ġranet inħossu ferħ kbir ġo fina, aħseb u ara din is-sena li qed niċċelebraw l-400 sena minn meta r-raħal tagħna ġie taħt il-patroċinju ta' Santa Marija.

Ċelebrazzjonijiet kbar bħal tagħna jinvolvu ħafna u ħafna xogħol u spejjeż, għalhekk aħna bħala Kumitat tan-Nisa nippruvaw dejjem ngħinu mill-aħjar li nistgħu lill-Kumitat eżekuttiv u diversi sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà. Parti mix-xogħol tagħna n-nisa huwa li norganizzaw numru sabiħ ta' attivitajiet bħal *Coffee Mornings* u *High Teas* li bil-qliegħ li jkollna minnhom dejjem qed nagħmlu xi opra sabiħa li żżejjen il-Każin maestuż tagħna.

Bħal ma tafu, sentejn ilu konna għamilna l-Arkivju u din is-sena għandna l-pjaċir ngħidulkom li l-opra li se nagħmlu hija pittura meraviljuża f'waħda mis-swali tal-każin, fejn diġà hija mżejna b'pittura mill-isbaħ li saret xi ftit snin ilu mill-benefatturi tas-Soċjetà tagħna John u Michael Ghigo.

Dawn l-opri li semmejna hawn fuq qamu u ser iqumu eluf ta' liri, flus li ġbarna aħna stess bl-għajnuna tagħkom. Hija l-konkorrenza sabiħa tagħkom fl-attivitajiet u b'lotteriji li nagħmlu, għeżież membri u partitarji nisa, li stajna nagħmlu dawn l-opri sbieħ li se jibqgħu jitgawdew minn ta' warajna.

Fl-istess ħin nappellaw biex tibqgħu dejjem tieħdu sehem bi ħġarkom u tħeġġu lil ħaddieħor jiġi wkoll għal kull attività li nagħmlu. Nixtiequ minn qalbna ngħidu grazzi lil kull min għen b'mod speċjali lil ċerti nisa u xebbiet li flimkien magħna l-Kumitat jaħdmu bla tarf, speċjalment biex ibiegħu l-biljetti tal-lotteriji u għall-Coffee Mornings.

Bħala Kumitat tan-Nisa nħeġġu b'mod speċjali lin-nisa biex jieħdu sehem bi ħġarhom f'dak kollu li ser isir fil-Knisja u barra matul dawn il-ġimgħat li ġejjin.

Bħal dejjem ngħidulkom biex noqogħdu attenti biex hekk kif dejjem għamilna, inkunu ta' eżempju tajjeb u b'hekk nibqgħu nagħmlu unur lis-Soċjetà wisq għażiża għalina.

F'dawn il-ġranet għeżież għalina m'għandniex ninsew nersqu lejn il-qrar u t-tqarbin u nieħdu sehem bi ħġarna għall-funzjonijiet sbieħ kollha li jsiru fil-knisja ad unur tal-Padruna tar-raħal tagħna u tal-gżejjer Maltin Santa Marija, li ġo raħalna ilna nqimu għal dawn l-aħħar 400 sena.



Mill-ġdid grazzi u nawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

**Viva Santa Marija - Padruna tar-Raħal Tagħna!**

*Il-Kumitat,*
*Fergħa tan-Nisa.*

# Dolceria Croce Bonaci

We are the originals

Over 100 years Experience

*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Te/Fax: 225924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 247933

# THE COFFEE POT

(Prop. George Farrugia)

St Luke's Square,
Pietà

*opposite St Luke's Hospital*

Tel: 245536

*Open Daily from 8.30am to 9.00pm*

# L-Imqabba Kif Naraha

*Kitba ta' Patrick Mallia*

Billi jiena minix wild l-Imqabba u trabbejt u għext fix-xaqliba l-oħra ta' Malta, meta rajt għall-ewwel darba l-Imqabba bqajt imgħaxxaq bil-ġmiel li pajjiż hekk żgħir jista' joffri lil dawk li tassew japprezzaw. Ma rridx ngħid li pajjiżi mhux sabiħ ukoll, anzi għall-kuntrarju, jiena narah fost l-isbaħ ta' Malta.

Il-ġmiel partikolari li għandu l-pajjiż żgħir ta' l-Imqabba huwa ċ-ċokon tiegħu. Ħafna mill-Imqabbin jiġu minn xulxin, u hekk inħoss li l-għaqda bejniethom għandha tassew tikber. L-Imqabba minn dejjem kien pajjiż żgħir. L-eqdem figuri dwar popolazzjoni huma dawk ta' l-1663, fejn juru li kienu jgħixu hemmhekk 487 persuna. Illum il-popolazzjoi ta' l-Imqabba hija madwar 2,800. Kemm fl-għamla tagħha kif ukoll fil-bini tagħha, b'mod speċjali l-knisja parrokkjali, kif ukoll il-knejjes jew kappelli l-oħra, fihom daqqa t'għajn għal wieħed li jifhem kemm fl-arkitettura kif ukoll fl-istorja. L-ewwel ma jiġbdulek l-attenzjoni inti u riesaq lejn l-Imqabba huma l-kwantità kbira ta' barrieri. Dan ifisser li l-ġebla tal-post għandha kwalitajiet partikulari li ma ssibhomx f'pajjiżi oħra. Jingħad li kwart mill-barrieri tal-ġebel ta' Malta kollha jinsabu fl-Imqabba. L-Imqabba tant hija marbuta mal-qtugħ tal-ġebel li l-istudjużi huma tal-fehma li dan l-isem ġej mill-verb 'qabb' li tfisser 'taqta' l-ġebla' u li n-nom 'Imqabba' jfisser 'barrieri'. Daqstant ieħor il-*motto* tal-pajjiż *'Non nisi per ardua'*, li jfisser 'bil-ħila biss' jixhed il-karattru tal-poplu tagħha li huwa bieżel u ħawtieli.



*Patrick Mallia matul il-preżentazzjoni tal-Kunċert Strumentali li sar fl-10 ta' Awissu 1997 mill-Banda Re Ġorġ V.*

Fil-fehma tiegħi, l-Imqabba tgħaqqad b'armonija sabiħa, l-antik mal-modern mingħajr ma ttellef xejn mis-sbuħija kemm ta' wieħed kif ukoll ta' l-ieħor. Hekk per eżempju, fil-qalba tagħha tara djar antiki, xi wħud minnhom ilhom mibnija mijiet ta' snin bil-karatteristiċi tagħhom ta' żmienhom, dawk il-gallariji tal-ġebel li trid seba' għajnejn biex tarahom, li huma xhieda ta' l-artiġġjanat fuq il-ġebla, in-niċeċ f'kantunieri jew faċċati ta' djar li huma pjuttost fi kwantità, u li dan jagħti prova tad-devozzjoni li għandhom u li kellhom in-nies ta' l-Imqabba ta' issa u ta' qabel lejn il-Madonna u l-qaddisin. Il-modern ma jagħmilx għajb lill-modern ta' pajjiżi oħra: toroq wesgħin u kumditajiet kif jitlob iż-żmien ta' llum. Dan ma jfissirx li l-antik għandu jiġi mwarrab. Ngħid għalija nogħxa meta nara dawk id-djar antiki f'toroq dojoq li għaż-żmien li nbnew fih kienu wesgħin biżżejjed biex jgħaddu żewġ karrettuni, dawk is-sqaqien li joffrulek dak id-daqsxejn kwiet li llum kulħadd mixtieq minnu, kollox fl-ambjent naturali tiegħu. Ħaġa wisq sabiħa hija li malli toħroġ ftit mill-qalba tal-pajjiż issib ruħek f'dik il-ħemda tar-raba', ħaġa li saret wisq rari f'pajjiżi oħra ta' Malta, minħabba l-iżvilupp sfrenat ta' żmienna. Hekk per eżempju, fir-rebbiegħa u x-xitwa dik il-ħdura li tara madwarek tagħtik l-akbar pjaċir u jekk wieħed jimxi erba' passi f'dan l-ambjent ta' paċi, barra milli jkun ħeles mid-dħaħen tal-karozzi, ikun qiegħed isib dik is-serenità li tant jixtieq il-moħħ fid-dinja ta' llum.

Il-qalba tal-pajjiż, bil-knisja parrokkjali hija tassew xempju tal-pajjiż Malti. Il-ġmiel tagħha qiegħed f'dawk il-linji sempliċi, dak il-kampnar mislut u l-opri ta'l-arti ta' ġewwa. Għalkemm hija xi ftit differenti fl-istil tagħha minn dik ta'pajjiżi, xorta waħda hija ġawhra li tixraq lil Malta u tagħti xhieda ta' l-abbiltà ta' l-imgħallmin tal-ġebel li bnewha, kif ukoll ta' l-arkitett li bejniethom taw monument lill-Imqabba kif ukoll lil Malta. Daqstant ieħor għandhom il-mertu partikolari tagħhom dawk il-knejjes u kappelli żgħar imxerrdin mal-pajjiż. Il-ġmiel tagħhom qiegħed fis-sempliċità tagħhom għax ġo fihom kien isir servizz reliġjuż għal ftit nies ta' l-inħawi. U jekk immorru iżjed lura fl-istorja ma ninsewx insemmu, dejjem kif qaluli nies anzjani, lit-Torri Vincenti li fil-gwerra ġarrab ħsarat kbar u saħansitra kellu jiġi mwaqqa'. Hemm ukoll il-katakombi 'tal-Mentna' u l-fdal tat-torri tond 'tal-Wilġa'. L-anzjani qaluli wkoll li l-għar f'Bur Megħeż inqered matul il-gwerra. Hemm ukoll diversi oqbra ta' żmien il-qedem u forsi 'l quddiem għad jinstabu teżori arkeoloġiċi oħra. Għalkemm dawn it-teżori kollha jinsabu ġo l-Imqabba, b'danakollu huma wirt nazzjonali u niżbaljaw tassew jekk aħna ma ngawduhomx. Wara kollox, hemm pajjiżi kbar bħall-Amerika li m'għandhomx dawk it-teżori arkitettoniċi, artistiċi jew arkeoloġiċi li għandna aħna ġo Malta tagħna u tkun tassew ħasra għalina jekk dak li għandna ma ngawduhx.


PEUGEOT CARS...BUILT BY ENGINEERS
New sleek curves, A new 1.5 diesel engine. Standard equipment includes front electric windows, tinted glass, central locking , coloured spoiler co-ordinated with the bodywork and power brakes. There's an exciting range of colours to choose from. The new Peugeot 106 XR Diesel - the ideal companion. Also available in 3 and 5 door petrol versions.
106 PEUGEOT
The Peugeot 306 is a pleasure to drive - fitted with a 1360cc injection engine complete with catalyser or diesel engine 1905cc. Standard equipment on both versions include power steering, central locking, front electric windows, tinted glass, power brakes, plus spoiler colour co-ordinated with the bodywork. Available in hatchback, saloon and estate.
306 PEUGEOT
106
406 PEUGEOT
306
The Peugeot 406. Objectively superior to its competitors in terms of security, riding pleasure, comfort and roadholding, Peugeot is offering you the results of its experience and creativity. Available in petrol injection and turbo diesel versions - saloon, estate and coupé with airbag, airconditioning and other accessories as standard equipment.
406
MICHAEL ATTARD LIMITED
National Road, Blata l-Bajda. Tel. 238854, 221951 Fax: 240233
Psaila Street, St. Venera. Tel. 449312
Mdina Road, Attard. Tel. 442005
Gozo Agent: Attard Auto Dealer - Mgarr Road, Ghajnsielem. Tel. 559453
PEUGEOT
Engineered to be Enjoyed

## GĦAT-TIENI SENA KONSEKUTTIVA BANDA BARRANIJA FL-IMQABBA

# Leipzig Jugend Blasorchester

Il-Banda *"Jugend Blasorchester"* ġejja mill-Belt ta' Leipzig li tinsab fil-Lvant tal-Ġermanja, eżattament mill-provinċja ta' *Saxony* qrib ix-xmajjar ta' *Elster.* Din il-belt hija magħrufa sew għall-*Exhibitions* kbar li ttella', fejn tiġbed eluf kbar ta' viżitaturi. Leipzig kienet ukoll għal xi żmien ċentru ta' industrija tal-kotba. Din il-belt hija magħrufa b'mod speċjali għall-manifattura li tipproduċi fost l-oħrajn strumenti ta' preċiżjoni kbira, drappijiet, strumenti tal-mużika, birra, eċċ...

Fis-seklu tmintax din il-Belt ġiet imlaqqma *"Kleine Paris"* jew aħjar *Little Paris,* fejn saret ċentru ta' letteratura klassika taħt il-kittieb Ġermaniż *Johann Christoph Gettsched.* Għadd ta' nies prominenti studjaw ġewwa l-Università ta' Leipzig, fost l-oħrajn insibu lill-filosofu *Johann Gettlieb Fichte,* il-poeta *Johann Wolfgang von Goethe* u l-kompożituri *Robert Schumann* u *Johann Sebastian Bach,* b'dan ta' l-aħħar ikun surmast direttur ta' l-orkestra u surmast tal-kor tal-Knisja ta' San Tumas, fejn illum jinsab midfun. Fis-seklu dsatax Leipzig saret waħda miċ-ċentri ewlenin tal-mużika fl-Ewropa. Il-Kompożitur *Felix Mendelson* idderieġa kunċerti kbar fit-Teatru Drapers mill-1835 sal-mewt ta' l-istess surmast fl-1847. Aktar tard din il-Belt rat it-twelid tal-leġġendarju kompożitur *Richard Wagner.*

Fit-tieni gwerra dinjija din il-Belt rat għadd ġmielu ta' bumbardamenti mill-forzi alleati. B'kuntrast, fl-1989, dimostrazzjonijiet kbar ta' paċi ġew miżmuma f'din il-belt fejn kienet indispensabbli għall-għaqda bejn il-Ġermanja ta' Lvant u dik tal-Punent biex saret il-Ġermanja kif nafuha llum. Il-popolazzjoni ta' din il-belt hija ta' madwar nofs miljun ruħ.

## Mużika li se tindaqq mill-Banda Ġermaniża

| | |
|---|---|
| Sinatra in Concert | Sinatra |
| Saint Louis Blues | traditional |
| Muldentaler Marsch | O. Wagner |
| Hoch Heidecksburg | R. Herzer |
| Festmarsch | G.F. Händel |
| Slawischer Tanz | A. Dvorak |
| Feuerfest Polka | J. Strauß |
| Unterm Sternenbanner | J. Ph. Sousa |
| Abba - Medley | Abba |
| Oldtimer | H.H Hunger |
| American Patrol | F.W. Meacham |
| Can Can | J. Offenbach |
| New York Overture | K. Vlak |
| Einzug der Gäste | R. Wagner |
| Radetsky-Marsch | J. Strauß (Vater) |



# *Where does character come from?*




## *An exceptionally high malt content.*

**TEACHER'S®**

*A measure of character*

**Premium Brands from: ALBERT FS MANDUCA LTD. 229/230, St. Paul Str., Valletta. Tel: 233909, 231787**

# L-Assunzjoni tal-Madonna



minn Joe Chetcuti

Il-Madonna telgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem. Dan huwa tagħlim uffiċjali tal-Knisja, jiġifieri kull nisrani jrid jemmnu.

Marija ssieħbet ma' Kristu fil-ħajja kollha tiegħu. Kien permezz ta' l-Iva tagħha li huwa tnissel permezz ta' intervent speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu. Kienet hija li rabbietu u nistgħu ngħidu li kienet l-aktar persuna qrib ta' Ġesù. Hekk kif Kristu tela' s-sema bir-ruħ u l-ġisem, kien xieraq ukoll li Marija tittella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem biex hemmhekk tkun l-għaxqa ta' l-anġli u l-qaddisin kollha.

Il-Liturġija ta' din il-festa tant importanti xxebbah lill-Marija ma' l-Arka ta' l-Antik Testment. L-arka kienet għożża ta' kull min kien iħobb lil Alla. Kien fiha żewġ twavel tal-Liġi *(Dewt 31:26)*, bieqja bil-manna *(Ezodu 16:33)* kif ukoll il-ħatar ta' Aronne *(Numri 17:10)*. Ta' min isemmi li din l-arka ta' l-antik Testment kienet indurata bid-deheb u kienet tinġarr mil-Leviti.

Hekk l-Arka kienet l-għożża ta' kull Lhudi għax kien fiha ħwejjeġ prezzjużi. B'dan il-mod, Marija tissejjaħ mill-Bibbja l-Arka tat-Testment il-Ġdid għaliex hija serviet bħala l-ewwel tabernaklu għall-ġisem ħaj u veru ta' l-Iben ta' Alla, Sidna Ġesu Kristu.

Fl-istorja tal-poplu Lhudi qatt ma nsibu li l-Arka ġiet meħuda fl-Eżilju. Hija kienet magħmula mill-injam tal-gazzi li lanqas x'ħin tordmu ma jispiċċa. Marija l-Arka tat-Testment il-Ġdid ġiet ukoll meħuda s-sema bir-ruħ u l-ġisem mill-anġli. San Robertu Bellarminu jargumenta wkoll li Marija qatt ma kien jixirqilha li ġisimha jitħassar iżda li tittella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem.

L-Assunzjoni għandha tagħlim importanti għalina l-insara. Marija, għax imxiet bil-fidi wara Kristu, kien jixirqilha li tittella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Hekk aħna l-insara, jekk nemmnu fix-xandir tal-Knisja u ngħixu ħajja moralment tajba għandna t-tama li ser inqumu wkoll bir-ruħ u l-ġisem.

Jekk in-nisrani jmut bit-tama fi Kristu u jkun fil-grazzja ta' Alla, ir-ruħ tiegħu se tmur tgawdi lil Alla. Imma l-ġisem tagħna jibqa' fil-qabar. U billi aħna bnedmin magħmulin minn ġisem u ruħ insibu s-salvazzjoni sħiħa meta fit-tieni miġja ta' Kristu, se nqumu b'ġisem glorjuż.

Għalhekk il-festa tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna għandha għax tagħtina ferħ. Alla ried jippremja x-xogħol fejjiedi li Marija għamlet matul il-ħajja tagħha u hekk tellagħha s-sema mhux biss bir-ruħ imma anke bil-ġisem. Għandna għax nifirħu wkoll għax ir-reliġjon tagħna qiegħda twegħidna qawmien mill-imwiet mhux biss tar-ruħ imma anke tal-ġisem.

Però nkunu nifirħu bla sens jekk aħna f'din il-festa ma nagħmlux proponiment li nimitaw lill-Madonna fil-virtujiet tagħha, speċjalment fil-fidi tagħha.

Marija qiegħda l-ġenna bir-ruħ u l-ġisem. Hija qiegħda kontinwament tinterċedi quddiem Alla għalina u tagħtina l-grazzji meħtieġa biex xi darba aħna wkoll immorru l-ġenna. San Bernard jikteb li ħadd ma hemm il-ġenna jekk ma kienx devot tal-Madonna u ħadd ma hemm l-Infern li kien devot tal-Madonna.

Għalhekk il-messaġġ ċentrali ta' din id-domma hija din... il-kristjaneżmu huwa reliġjon ta' tama... Kristu qam u rebaħ il-mewt, il-Madonna għax issieħbet Miegħu ġiet meħuda s-sema u aħna jekk ngħixu ħajja moralment tajba xi darba se nqumu bir-ruħ u l-ġisem. Għalhekk l-Assunzjoni hija festa verament ta' fidi, tama u mħabba.

# PROGRAMM FESTI ESTERNI

**Il-Ħamis, 30 ta' Lulju - BIDU TAL-KWINDIĊINA.**

**07.30pm** Mixgħela tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**08.00pm** Tasal l-Imqabba l-Banda *Leipzig Jugend Blasorchester* mill-Ġermanja, fejn tingħata merħba mill-membri tal-Kumitat, soċi u partitarji f'tarf Triq Karmenu Ciantar. Immedjatament wara, jibda marċ mill-istess Banda tul Triq Karmenu Ciantar sal-bini muniċipali tal-Kunsill fejn il-kontinġent Ġermaniż jingħata merħba mis-Sindku u l-Kunsill. Il-Banda *Jugend Blasorchester* tissokta bil-marċ sal-pjazza tal-Knisja.

**09.00pm** Il-Banda Ġermaniża tesegwixxi programm strumentali fuq il-Planċier ġewwa l-Pjazza ta' quddiem il-Każin. Wara l-kunċert, tinkixef lapida li tikkommemora l-400 sena Parroċċa taħt il-patroċinju ta' Santa Marija. Is-serata tintemm b'riċeviment f'ġieh il-mistednin.

**Il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju - KWINDIĊINA.**

**08.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-festa din is-sena tkompli permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V flimkien ma' l-aqwa talent Malti.

**Matul il-ġranet tal-Kwindiċina**

**08.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja, u l-Każin tas-Soċjetà.

**Il-Ħadd, 9 ta' Awissu - JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA.**

**07.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus. (Hons) V.C.M., L.C.M., tagħmel marċ qasir quddiem il-Każin tas-Soċjetà. Wara nassistu għall-preżentazzjoni ta' bandiera ġdida lill-President tas-Soċjetà.

**07.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet. Wara, il-Banda tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi.

**It-Tnejn, 10 ta' Awissu - JUM IL-BANDA.**

**07.45pm** Il-Banda tagħmel marċ qasir minn fejn il-bini muniċipali tal-Kunsill, għall-pjazza tal-Knisja, San Bażilju u l-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

**08.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinit, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus. V.C.M.(Hons.), L.C.M. tagħti bidu għall-Programm Strumentali u Annwali.

**10.15pm** Wara l-programm issir ċerimonja fil-Każin li matulha se tiġi inawgurata pittura artistika ta' Chev. Paul Camilleri Cauchi. Wara ċ-ċerimonja jsir riċeviment ġewwa l-Każin li għalih huma mistiedna s-Soċi, Benefatturi u Partitarji nisa u rġiel kollha.

**It-Tlieta, 11 ta' Awissu - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU.**

**08.15pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ taħt id-direzzjoni ta' Mro Raymond Debattista F.L.C.M. tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

# F'ĠIEH SANTA MARIJA - 1998

**L-Erbgħa, 12 ta' Awissu - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU.**

**08.15pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlieni tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin. Il-marċ se jkun organizzat u sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

**Il-Ħamis, 13 ta' Awissu - IT-TIELET U L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU.**

**08.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus.V.C.M.(Hons). L.C.M., tibda marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċi u partitarji organizzat mmexxi miż-żgħażagħ.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awissu - LEJLET IL-FESTA.**

**08.00pm** Programm Strumentali mill-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, Malta taħt id-direzzjoni ta' Prof. Joseph Vella B.Mus. F.L.C.M. Wara l-Banda tagħmel marċ minn ħdejn il-Każin għal madwar it-toroq tar-raħal.

**08.30pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq immexxija minn Mro Alfred Farrugia L.Mus. L.C.M. tibda marċ minn Triq il-Pal għall-Pjazza fejn tiltaqa' mal-Banda Konti Ruġġieru. Wara, iż-żewġ baned ikomplu marċ alternat sal-Każin tas-Soċjetà.

**10.00pm** Programm Strumentali mill-Banda Queen Victoria taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha, Mro Alfred Farrugia L.Mus. L.C.M.

**Is-Sibt, 15 ta' Awissu - JUM IL-FESTA.**

**10.15am** Il-Banda Re Ġorġ V immexxija minn Mro David Agius A.Mus. V.C.M. tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal li mbagħad jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

**06.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro Alfred Farrugia L.Mus. V.C.M. tibda marċ minn Triq il-Valletta sal-Pjazza.

**07.15pm** Il-Banda San Bartilmew tal-Għargħur, immexxija mis-Surmast tagħha Mro Ray Zammit A.Mus. L.C.M., tilqa' l-istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo. Wara l-ħruġ tal-vara, l-istess Banda takkumpanja l-Purċissjoni bid-daqq ta' innijiet reliġjużi.

**08.35pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria, taħt id-direzzjoni ta' Mro Alfred Farrugia L.Mus., L.C.M. tesegwixxi l-Innu l-kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro George Martin A.Mus.LC.M., O.S.T.J., fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo S.J. Jieħdu sehem il-Baritonu Piju Dalli, it-Tenur Andrew Sapiano, kif ukoll il-Kor San Sebastjan ta' Ħal Qormi. Wara l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.15pm** Il-Banda San Bartilmew jagħlqu l-Festa ta' din is-sena permezz ta' marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa sa ħdejn il-Każin.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu - L-OTTAVA TAL-FESTA.**

**07.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**Uskin** LIMITED

**Garage Doors & Fibre Glass Works**

Uskin Limited, Valletta Road, Żurrieq



WATER TANKS
UP TO 3000 gallons

Tel: 682370 – Fax: 689258
Mobile: 097 4786, 099 9052
CONTACT MARK DARMANIN










**PVC Coated & Galvanised Steel Doors**
**Automated & Remote Controlled Gates**

Fibre Glass tanks stocked in various shapes.

We also manufacture Boat Hulls to highest specification.

All materials used are guaranteed for 2 years.

*Għal xogħol ta'*

**PITTURA**

*u*

**SFUMAR**

*fuq*

**BNADAR,**

**STANDARDI**

*u*

**BANDALORI**



*ċempel lil* **SALVU CAMILLERI** *fuq* **685468**

# PROGRAMM

## TAL-FUNZJONIJIET FIL-KNISJA FIL-FESTA SOLENNI TA' SANTA MARIJA

## *30 ta' Lulju - 22 ta' Awissu 1998*

**Il-Ħamis, 30 ta' Lulju — BIDU TAL-KWINDIĊINA**

**06.30pm** Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 4 ta' Awissu**

**06.30pm** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-Nar, mill-W.R. Kappillan, Fr Joe Bartolo.

**L-Erbgħa, 5 ta' Awissu**

**06.30pm** Il-Quddiesa tal-Kwindiċina llum tkun bil-parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ.

**Il-Ħadd, 9 ta' Awissu — ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

**06.00pm** Quddiesa kantata, tingħad it-talba tal-Kwindiċina u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**07.30pm** Isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija u jitkanta l-Innu *Ave Maris Stella* u l-Antifona.

**It-Tnejn, 10 ta' Awissu — JUM IT-TIFKIRA TAS-SOĊJI U BENEFATTURI MEJTIN**

**06.30pm** Quddiesa kantata mill-W.R. Dun Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċji u benefatturi mejtin. Tingħad it-talba tal-Kwindiċina u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 11 ta' Awissu — L-EWWEL JUM TAT-TRIDU.**

**06.30pm** Quddiesa solenni mill-W.R. Prep. Kan. Anton Vella bl-omelija "Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".
**0.7.15pm** Tingħad it-talba tal-Kwindiċina, Innu, *Salve Reġina*, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**L-Erbgħa, 12 ta' Awissu — IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**07.00am** Quddiesa kantata.
**06.30pm** Quddiesa solenni mill-W.R. Mons. Ġwann Azzopardi bl-omelija "Marija, Sultana tas-Sema u ta' l-Art".
**07.15pm** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 13 ta' Awissu — IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

**07.00am** Quddiesa kantata.
**06.30pm** Quddiesa solenni mill-W.R. Mons. Alwiġ Deguara bl-Omelija "Marija, Saħħa tal-Morda". B'mod speċjali huma mistiedna l-morda u l-anzjani tal-Parroċċa għax waqt l-istess quddiesa jiġi amministrat lilhom is-Sagrament tal-Morda.
**07.30pm** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awissu — LEJLET IL-FESTA**

**08.15am** Quddiesa solenni mill-W.R. Kappillan tal-Parroċċa, Dun Joe Bartolo. Wara jitkanta t-*Te Deum* u l-Antifona *"Beata Mater"*.
**06.30pm** Translazzjoni solenni tar-Relikwa tal-Madonna, mill-Kappella San Bażilju għall-Knisja Parrokkjali, immexxija mill-W.R. Mons. Vigarju Ġenerali Annetto Depasquale. Wara ssir Quddiesa solenni mill-istess Mons. Vigarju, *Salve*, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

**06.00am** Quddiesa letta.
**07.15am** Quddiesa letta.
**08.00am** Kant solenni tal-Lawdi, bil-parteċipazzjoni tal-fidili preżenti fil-Knisja
**09.00am** Quddiesa kkonċelebrata solenni, bil-paneġierku, mill-W.R. Mons. Bert Bezzina.
**11.00am** Quddiesa letta.
**11.00am** Quddiesa letta fil-Kappella San Bażilju.
**12.00am** Quddiesa letta.
**05.00pm** Quddiesa letta.
**06.00pm** Għasar Solenni mill-W.R. Mons. Carmelo Bianco, *Salve* u Litanija.
**07.15pm** Proċessjoni bl-Istatwa artistika, devota u titulari tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.
**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. **Il-Ġimgħa, lejlet il-festa, fil-għodu u fil-għaxija, ikun hawn konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu għall-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-festa.**

**Il-Mużika tat-tliet Tridijiet, lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast il-W.R. Patri Salv Galea, O.P.**

**Is-Sibt, 22 ta' Awissu — L-OTTAVA TAL-FESTA**

**06.30pm** Quddiesa solenni, repożizzjoni tar-Relikwa, *Te Deum* u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.



SIMONDS FARSONS CISK LTD
HOPLEAF
HOPLEAF
PALE ALE
1956
1960
1964
MRIEHEL-MALTA
Dejjem
Originali
u
Ġenwin...
HOPLEAF
PALE ALE
Sa mill-1928,
il-birra tal-Maltin

# Minn Orkestra Santa Marija Għal Banda Re Ġorġ V

## Tifkira ta' għeluq il-50 Sena

### 10 ta' Awissu 1997

Ċertament li kulħadd għad għandu stampat f'moħħu l-festa kbira li kellna s-sena li għaddiet. Kien tassew xieraq… Kien jaħbat għeluq il-50 sena minn meta twaqqfet il-Banda Re Ġorġ V. Wara sentejn ċelebrazzjonijet nistgħu ngħidu li l-qofol intlaħaq nhar l-10 ta' Awissu 1997 meta l-Banda ċċelebrat b'mod tassew dinjituż għeluq l-ewwel ċinkwantenarju mit-twaqqif tagħha. Iċ-ċelebrazzjonijet kienu bdew bit-tifkira tal-50 sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija permezz ta' Akkademja Mużiko-Letterarja f'Awissu 1995. Imbagħad segwa l-bidu tal-ġemellaġġ mal-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano permezz taż-żjara suċċess tal-Banda ġewwa l-Italja. F'Mejju tas-sena l-oħra, imbagħad sar il-Kunċert ġewwa l-Università u mbagħad l-avveniment li għaqqad din il-kullana kienet serata quddiem il-Każin nhar l-10 ta' Awissu 1997, serata mżewqa tassew b'mod xieraq sabiex tfakkar il-50 sena mit-twelid tal-Banda Re Ġorġ V.

Is-serata bdiet għall-ħabta tat-08.30pm hekk kif waslu l-mistednin distinti. Nistgħu ngħidu li kellna udjenza internazzjonali bil-preżenza tal-kontinġent Taljan mill-Provinċja ta' Ascoli flimkien mal-Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta, l-E.T. Graham Archer u l-mara tiegħu. Dan kollu tana xi ftit xogħol peress li kellna nippreparaw preżentazzjoni bi tliet lingwi. Is-serata bdiet billi nqrat l-istorja tal-Banda fil-qosor u immedjatament wara ngħata bidu għall-Kunċert Strumentali tal-Banda, bi programm maqsum f'żewġ partijiet u mżewwaq b'taħlita ta' mużika li ċertament laqtet il-gosti ta' kull min kien preżenti. Il-Kunċert dirett mis-Surmast Mro David Agius A. Mus. V.C.M., A. Mus. L.C.M. kien jikkonsisti f'din il-mużika:-

| | | |
|---|---|---|
| Innu | 50 Sena Banda | Mro David Agius |
| Overture | Odette | Mro J.M. Barbara |
| Tema | Cavatina | Stanley Myers |
| Innu | Lil Marija Assunta | Mro Leonard Spiteri |
| Polka | The Laughing Trombone | Dave Baker |
| Fantasia | Moments Romantique | Mro George Martin |
| Selection | Evita | Andrew Lloyd Weber |
| | Walzer | Mro David Agius |
| Selection | Symphonic Beatles | Lennon/Mc Cartney |
| Selection | Moments Romantique | Enrico Morricone |
| Innu | Marija Assunta | Leonard Farrugia |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | Mro Anthony Camilleri |

Bejn l-ewwel u t-tieni parti tal-Programm Mużikali, saru preżentazzjonijiet ta' żewġ Standardi, wieħed ta' l-Imqabba rregalat minn Benny Camilleri u l-ieħor standard sekond għall-Banda rregalat minn Mikiel Camilleri. Inqrat ukoll poeżija 'Bukkett b'50 Warda', poeżija ħelwa ddedikata lill-Banda f'għeluq il-50 sena tagħha. Il-poeżija nqrat mill-awtur stess, il-Poeta Carmel Bianchi. Inqara wkoll messaġġ ta' awguri lill-Banda mibgħut mill-Maestà tagħha Reġina Elizabetta II ta' l-Ingilterra.

Wara l-programm mużikali, mbagħad saru xi preżentazzjonijiet lil dawk in-nies li taw



*Dehra ġenerali ta' l-atmosfera waqt il-Programm Strumentali tal-Banda Re Ġorġ V.*



*Il-kxif ta' Lapida li tfakkar is-surmastrijiet kollha tal-Banda Re Ġorġ V mis-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Emanuel Buttigieg.*

# Mobilia Penza Ltd.

**The Specialists in Antique Furniture.**

***Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture.***





**Factory & Showroom:**
204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.
**Telephone: 222094**



# VALENTINA HAIR CARE

TRIQ IX-XRIEK, MQABBA

**ĦINIJIET TAL-FTUĦ:**

- TNEJN - MAGĦLUQ
- TLIETA - 9.00 - 16.00
- ERBGĦA - 9.00 - 16.00
- ĦAMIS - 14.00 - 19.00
- ĠIMGĦA - 9.00 - 16.00
- SIBT - 9.00 - 16.00

**TEL: 611281**

AGĦMEL APPUNTAMENT
GĦAL SERVIZZ AĦJAR






*Il-Festa t-Tajba*
*lil kulħadd*

sehemhom sabiex iċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 sena mit-twaqqif tal-Banda kienu suċċess fosthom is-Sindku Emmanuel Buttigieg u l-presidenti Onorarji tas-Soċjetà, Onor. Louis Galea u Onor. Joseph Farrugia. Imbagħad ma setax jonqos li l-Banda tirċievi aktar rigali mprezzabbli. Il-familja Martin ippreżentat il-Bakketta tas-Surmast George Martin, liema bakketta min jaf kemm użaha sabiex jidderieġi l-Banda tagħna matul il-35 sena li għamel Surmast Direttur sakemm miet. Il-familja Farrugia mbagħad ippreżentat il-Kurunetta li l-għażiż Nardu Farrugia kien idoqq, l-istess kurunetta li biha Nardu min jaf kemm-il darba għamel unur lis-Soċjetà tagħna. Rigal ieħor kien strument irregalat lill-Banda mis-Sur Lawrence Farrugia f'isem il-familja Farrugia. Imbagħad għall-ewwel darba ġiet ippreżentata *Shield* flimkien ma' rigal lill-aktar bandist li jkun ħadem matul is-sena. Għall-okkażjoni ma setax jonqos li dan l-unur jingħata lis-Sur Mikiel Zammit, bandist li ta s-servizzi tiegħu matul l-ewwel 50 sena tal-Banda, liema servizz għadu jagħti sa llum. Dan l-unur huwa sponsorjat minn Rokku Camilleri ta' Di Rocco Ltd.



*Il-President, is-Sur Carmel Zahra jikxef lapida li tfakkar għeluq il-50 sena tal-Banda Re Ġorġ V.*

Dan il-jum ta' tifkira għalaq permezz tal-kxif ta' żewġ lapidi ġewwa l-Każin, l-ewwel waħda dik li tfakkar lis-Surmastrijiet tal-Banda Re Ġorġ V, li nkixfet mis-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sur Emmanuel Buttigieg. Il-lapida l-oħra, li tfakkar għeluq il-50 sena tal-Banda u li tpoġġiet fejn il-lapida tat-tifkira ta' għeluq il-50 sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija, inkixfet mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra.

B'hekk għalaq jum ieħor memorabbli għas-Soċjetà tagħna, data oħra storika li tnizzlet b'ittri tad-deheb ma' għadd ta' dati memorabbli oħrajn li ġew ikkommemorati matul l-istorja tas-Soċjetà. J'Alla t-tifkira ta' dan il-jum tibqa' f'moħħna sabiex flimkien inkomplu naħdmu sabiex aktar 'il quddiem, anke jekk aħna ma nkunux għadna preżenti, uliedna u ulied uliedna jkomplu jfakkru tifkiriet li għad iridu jseħħu mal-medda tas-snin li ġejjin, eżatt kif aħna kellna x-xorti kbira li nfakkru dak li wettqu missirijietna fl-imgħoddi. Żgur li ma kienx ikollna l-opportunità niċċelebraw din it-tifkira li kieku dawk ta' qabilna ma ħadmux sabiex żergħu ż-żerriegħa għall-arti mużikali ġewwa l-għażiż raħal tagħna.

***Il-Kumitat Eżekuttiv***





*Żewġ rigali imprezzabbli lill-Banda Re Ġorġ V f'għeluq il-50 sena tagħha. 'L-Għodda' li min jaf kemm użaw il-mibkija iżda qatt minsija Mro George Martin u Nardu Farrugia biex taw servizz lill-istess Banda.*

LONG

ESTABLISHED

MANUFACTURERS

OF PRECAST &

PRESTRESSED

CONCRETE

PRODUCTS






Although a relatively young company, Southern Construction has already gathered vast experience as it has been entrusted with works at the Power Station, St. Venera By-Pass, Ta' Qali National Park, home for the Elderly in Żejtun, several housing estates and works for the Malta Development Corporation.

The aim of Southern Construction Co. Ltd. is to give its clients the best service at reasonable prices. The company is already in the process of future expansion as it is the company's goal to be a well-known and reliable Construction Company in Malta.

SOUTHERN CONSTRUCTION Co. Ltd

Crafts Vilage, Ta' Qali RBT 13
Tel: 415243 - 415293 Fax: 434988

# Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija

Għall-ħames sena konsekuttiva ġejna mistiedna niktbu erba' kelmiet fuq dan il-ktejjeb sabiex flimkien naraw dak li wettqet is-Sezzjoni Żgħażagħ matul is-sena fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Is-Sezzjoni Żgħażagħ hija pedina importanti ħafna bis-serjetà u bil-għaqal li hija timxi bihom. Bl-appoġġ sħiħ li lkoll flimkien nagħtu, dejjem konna minn ta' quddiem biex bil-ħeġġa u d-determinazzjoni tagħna ngħinu fejn ikun hemm bżonn. Dan nistgħu narawh bl-ammont sabiħ ta' żgħażagħ li għandna fil-Banda tagħna, biż-żgħażagħ li jaħdmu l-armar, li għal dawn l-aħħar tmien snin imlew ir-raħal b'liedna, festuni, pavaljuni u bandalori u xogħol ta' njam (ta' min ifakkar li din kienet l-ewwel għaqda ta' l-armar żagħżugħa fir-raħal tagħna) u ma nistgħux ninsew lill-grupp ta' żgħażagħ li jaħdmu u jgħinu fix-xogħol ta' nar ta' l-ajru u ta' l-art.

F'dawn l-erba' kelmiet mhux possibbli nsemmu b'mod dettaljat kull attività li organizzajna. Bħala xogħol amministrattiv, il-Kumitat żamm il-laqgħat tiegħu regolari. Fost l-attivitajiet l-aktar imfittxija miż-żgħażagħ kienu *Discos* u logħob ta' futbol organizzati ġewwa *Tigne Stadium* li kienu jiġu organizzati kull xahar. Fix-xhur ta' Novembru u Diċembru ġew organizzati żewġ *discos* ġewwa *Swiss Chalet* ġo Buġibba, u anke *Wine & Pizza Party* fix-xahar ta' Jannar ġewwa l-istess *Swiss Chalet*. Kienu attivitajiet tassew sbieħ u ġew organizzati tajjeb ħafna, fejn membri u partitarji flimkien mal-familji tagħhom ħarġu tassew sodisfatti.

Fix-xahar ta' Frar ġiet organizzata *Pasta Night* ġewwa l-Każin. Din l-attività tiġi akkumpanjata b'*Karaoke Night* fejn il-Każin jinbidel għal kollox. Din il-*Pasta Night* tiżvolġi f'atmosfera verament brijuża li ż-żgħażagħ tagħna biss jafu jagħmlu u li kieku mhux għax tinġibed l-attenzjoni li sar il-ħin ma konniex nieqfu.



*Kompetizzjoni tal-billiard li saret ġewwa l-Każin sponsorjata mill-kumpanija "Pass Developers".*



*Parti mit-tiżjin li sar miż-żgħażagħ fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.*

F'April ukoll ingħata bidu għall-kompetizzjoni tas-*snooker* bejn il-membri tas-Soċjetà u s-Sezzjoni Żgħażagħ. Minn qalbna ngħidu grazzi lis-Sur Ninu Farrugia li f'isem il-kumpanija 'Pass Developers' għoġbu jisponsorja din il-kompetizzjoni billi rregala t-tazzi li ngħataw lir-rebbieħa. Il-kompetizzjoni svolġiet bejn ix-xhur ta' April u Mejju u l-finali saret bejn Neville u Frans... Iż-żagħżugħ Frans sar iċ-*Champion* renjanti tas-*snooker* fil-Każin tas-Soċjetà wara finali tassew kumbattuta. Wara l-finali, is-Sur Ninu Farrugia ppreżenta t-tazzi lir-rebbieħa.

Ġie organizzat ukoll għat-tielet sena konsekuttiva l-*'One Day 7-a-side Football tournament'* jew kif inhu aktar magħruf *Nardu Farrugia Cup* li jsir b'tifkira ta' l-ex President Onorarju u ex-bandist is-Sur Leonard Farrugia. F'din il-ġurnata l-partitarji ta' Santa Marija ngħaqadna flimkien u fraħna flimkien permezz ta' l-isports. Ringrazzjament speċjali jmur lis-Sur Joseph Farrugia (Farell) u ħuh Mario Farrugia li għoġobhom jisponsorjaw din l-attività kif ukoll lil Mqabba F.C. li offrewlna l-*ground*.

Fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju qegħdin nippreparaw għal *Blood Drive* oħra ġewwa l-Każin u li ser issir fuq talba ġenerali.

Il-qofol tal-Kumitat u l-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ jintlaħaq fix-xahar ta' Awissu fejn iż-żgħażagħ tagħna jagħtu kontribut kbir fl-armar tal-Festa u fejn iżanżnu x-xogħol li huma jkunu ħadmu għalih matul is-sena, fosthom il-liedna u l-festuni għal madwar it-toroq tar-raħal tagħna.

Tajjeb li nagħlqu billi nistiednu liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem f'din l-akbar festa Mqabbija kemm fil-preparamenti kif ukoll bl-attendenza tagħhom. Nifirħu bla ma noffendu lil ħadd bħalma fuq kollox dejjem għamilna. L-għajta sinċiera tagħna ż-żgħażagħ għandha tkun

***VIVA SANTA MARIJA!***

# EURO Caterers

*For all kinds of Confectionery*
Also Caters for Parties
Hotel & Restaurant Desserts etc....

**Ta' Skutu**

*Testaferrata Street, Żurrieq*
*Tel/Fax: 642647*

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS
PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**
**TEL: 611647, 647235 FAX: 682245**

# ST. PETER IRONMONGERY & HOUSEHOLD GOODS

Prop. Joe Farrugia
**Triq it-Troll Mqabba Tel: 680143**

Jissuplixxu
*KMAMAR TAL-BANJU*
*MADUM TA' KULL KWALITA U STIL MILL-AQWA*
*GEYSERS U STAINLESS STEEL SINKS*
*FITTINGS TAD-DAWL U ILMA*
*ASBESTOS PIPES U ŻEBGĦA TA' KULL KWALITA*
*OĠĠETTI UTLI GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI*

Fl-okkażjoni tal-festa titulari ta'

# SANTA MARIJA

is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V, Mqabba
bi pjaċir tippreżenta

# Programm Strumentali

ġewwa l-Pjazza quddiem il-Każin tas-Soċjetà
Nhar it-Tnejn 10 ta' Awissu 1998 fit-8.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Fantasia | Festive Fantasy | David Agius |
| Sinfonia | Tancredi | Gioacchino Rossini |
| Divertimento per Bombardino | L'Innamorato<br>(*Solista:* Alfred Galea - Euphonium) | Cav. M. Bartolucci |
| Walzer | "Roses from the South" | J. Strauss |

**Preżentazzjonijiet u diskorsi ta' l-okkażjoni.**

| | | |
|---|---|---|
| | Czardas<br>(*Solista:* Dominic Scerri - Clarinett) | Vittorio Monti |
| Selection | Memories of Cole Porter | Arr. Jean Tréves |
| Selection | Sinatra in Concert | Arr. Jerry Nowak |
| Selection | Hollywood Milestones | Arr. John Higgins |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | Anthony Camilleri |
| Innu | Nazzjonali Malti | Robert Samut |

**Surmast Direttur:** Mro David Agius A.Mus.L.C.M., A.Mus.V.C.M. (Hons.)

**Preżentaturi:** Joyce Giullaumier u Patrick Vella

## *Servizzi tal-Banda Re Ġorġ V*
## 1998

| Data | Okkażjoni | Servizz | Lokal |
|---|---|---|---|
| 5 ta' April | Ħadd il-Palm | Mużika Sagra | Mqabba |
| 12 ta' Lulju | San Pawl | Marċ | Rabat |
| 26 ta' Lulju | Tal-Karmnu | Marċ | Żurrieq |
| 31 ta' Lulju | Lejla Maltija | Programm ta' marċi | Mqabba |
| 9 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ | Mqabba |
| 10 ta' Awissu | Santa Marija | Programm Strumentali | Mqabba |
| 13 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ | Mqabba |
| 15 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ (filgħodu) | Mqabba |

*The Unique Choice*

# UNIPOL INSURANCE SERVICES LTD.

*AGENTS FOR MIDDLE SEA INSURANCE p.l.c.*

**57, MARKET STREET,**
**FLORIANA VLT 15**
Tel: (356) 236363 Fax: (356) 241954

- Competitive Motor Insurance Rates
- Comrehensive Home Insurance Schemes
- All other classes of Insurance, tailor made by professionals to suit your requirements

CONTACT:

**BENNY GALEA**
MANDALAY, MIKIELANG SAPIANO STREET, MQABBA TEL: 683207

# LELI FALZON

Żebbuġ - Malta

Tel: 464203 Mobile: 099 9313




**Minibus Service**

Day & Night

# Programm MUŻIKALI

10 ta' Awissu 1998

**1. *Festive Fantasy - Mro D. Agius A.Mus. L.C.M., A. Mus. V.C.M. (Hons.)***

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' l-400 sena Parroċċa, is-Surmast David Agius ħa ħsieb li jikkomponi din il-kompożizzjoni li hija passaġġ ta' storja tar-raħal pittoresk ta' l-Imqabba. Tibda fuq stil grandjuż fuq l-istrumenti tar-ramm bit-tema prinċipali fil-bidu tiġi wżata aktar tard biex tirrifletti t-trankwillità f'dan ir-raħal. Wara għandna *bridge* fuq stil *Allegretto* li turi s-serenità li jkun għaddej minnha r-raħal sakemm taqleb fuq it-temp *Agitato* li teħodna fil-passaġġ li għadda minnu r-raħal fil-gwerra. Għalkemm wara tissokta l-waqfien tal-gwerra u b'turija ta' rispett lejn il-Madonna, il-kompożitur jirrifletti fuq il-Konvoj ta' Santa Marija b'biċċa żgħira mit-tema ta' l-innu lil Santa Marija tas-Surmast George Martin A.Mus. L.C.M., li kien surmast direttur ta' din il-Banda għal żmien twil, imħallta ma' l-*Ave Maria*.

Wara nirritornaw għal *tempo Maestoso* fejn tirritorna r-rebħa tas-serenità fir-raħal. Qabel tintemm bl-istess tema tal-bidu, għandna *bridge* ieħor żgħir kuntrapuntali fejn juru rifless taż-żewġ soċjetajiet tal-baned protagonisti tar-raħal ta' l-Imqabba mwaqqfa minn silta ta' l-*Ave Maria* li fuq kollox tissimbolizza l-protagonista prinċipali tar-raħal, jiġifieri l-**PATRUNA SANTA MARIJA**.

**2. *Tancredi (Sinfonia) - Gioacchino Rossini***

Din is-sinfonija fiha diversi karatteristiċi tas-soltu ta' dan il-kompożitur prolifiku u popolari mal-baned Maltin. Fil-fatt, is-sinfonija Tancredi tibda b'temp bil-mod u dejjem iżżid fir-ritmu lejn l-aħħar. Karatteristika kbira ta' dan il-kompożitur hija li t-tema jibdiha bil-mod u dejjem jibniha fuq l-istrumenti f'diversi sezzjonijiet tal-Banda sakemm jilħaq ċertu qofol fil-*Forte*.



**3. *L'Innamorato (Divertimento per Bombardino) - Cav. M. Bartolucci***

Dan huwa *Concertino* għall-*Euphonium*, fejn fih insibu diversi melodiji sbieħ f'reġistru ferm sabiħ ta' l-istess strument. Wara *Allegro*, it-temp jaqa' f'*Andante Cantabile* segwit minn *Allegro* ieħor. Wara temp *Lento* nibqgħu nżidu t-temp sa l-aħħar tal-kompożizzjoni.

Is-Solista ser ikun il-bandist tal-post, is-Sur Alfred Galea.

**4. *Excerpts "Roses from the South" (Walzer) - J. Strauss***

Dan il-walzer popolari mad-dinja kollha f'diversi siltiet mill-Walzer ta' Johann Strauss, ir-Re tal-walzer *'Roses from the South'*. Dan il-walzer hu kkunsidrat minn bosta kritiċi tal-mużika bħala wieħed mill-isbaħ walzers li kkompona Johann Strauss.

**5. *Czardas - Vittorio Monti.***

Din il-kompożizzjoni teħodna fl-ambjent taż-żingari fl-Ungerija, fejn ser nisimgħu melodiji folkloristiċi popolari mad-dinja kollha. Ħafna arranġamenti għal diversi strumenti saru għal din il-kompożizzjoni. F'din is-silta nisimgħu t-temi kollha fuq il-klarinett in Si$^{b}$. Kif soltu jibdew dan il-kompożizzjonijiet, din tibda bil-mod sakemm taqleb għal temp *Allegro* u fl-aħħar *Vivace*.

Ma nistgħux ma nsemmux li din is-silta ġiet irregalata volontarjament mis-Sur Joseph Scerri.

Solista għal din is-silta strumentali ser ikun iż-żagħżugħ is-Sur Domenic Scerri fuq il-klarinett.

**6. *Memories of Cole Porter (Selection) - Arr. Jean Trèves***

F'din il-kompożizzjoni ser nisimgħu diversi melodiji sbieħ li kienet tesegwixxi l-*big band* ta' Cole Porter madwar id-dinja. Is-siltiet li ġew estratti f'dan l-arranġament huma:- *Night & Day, True Love, C'est Magnifique, Begin the Beguine, Winderbar Walz, I love Paris.*

**7. *Sinatra in Concert (Selection) - Arr. Jerry Nowak.***

Aktar kmieni din is-sena ħalliena l-kantant popolari u mondjali Frank Sinatra. Għalhekk din is-sena l-Banda tagħna ħadet ħsieb li tinkludi fir-repertorju ta' dan il-kunċert bandistiku Selection ta' kanzunetti popolari ta' dan il-kantant. Għalkemm ħafna baned esegwew kompożizzjonijiet f'ġieħ dan il-kantant, din is-*selection* hija ġdida u fiha għażla ta' kanzunetti iktar varjati fosthom *NewYork NewYork, It was a Very Good Year, The Lady is a Tramp, My Way.*

**8. *Hollywood Milestones (Selection) - Arr. John Higgins***

Fl-aħħar naslu għal din il-kompożizzjoni li hija l-qofol ta' dan il-kunċert bandistiku. Din il-kompożizzjoni hija t-tielet waħda li ser tiġi esegwita għall-ewwel darba llejla. Din ser teħodna f'passaġġ mis-*soundtracks* ta' l-aqwa films f'dan is-seklu. Fosthom għandna *Jaws theme, 'Where do I begin (Love theme), Star Trek (Motion picture), Chariots of Fire, Back to the Future, Theme from E.T., Beauty and the Beast, Theme from Jurassic Park, Forrest Gump* u *Apollo 13.*




# SCICLUNA FLORIST
# GARDEN CENTRE

"Cor Jesus" Triq il-Bronja
Żurrieq
Tel: 649621, 676252

**Specialists in arrangements of
fresh and artificial flowers
for Weddings, Engagement Parties and Funerals**

**Accepts orders
for printing of invitations.**

**Souvenirs, Tulle and Accessories
for all occasions at moderate prices.**

# Niltaqgħu mal-ħames bandisti ġodda...



### *Christopher Busuttil - Percussion*

Twieled fis-26 ta' Novembru 1977 ġewwa Attard, bin John u Mary. Chris huwa l-kbir fost erba' aħwa u għadu kif temm it-tielet sena fil-kors tal-Baċellerat tax-Xjenza (Business u Computing). Chris minn dejjem kien iħobb il-mużika u fil-ħin liberu huwa jdoqq il-pjanu. Din is-sena huwa laqa' l-istedina tal-Każin li jingħaqad ma' l-allievi tagħha, fejn qiegħed jitgħallem il-perkussjoni għand Mro D. Agius bl-għajnuna ta' Carl Matthew Camilleri. Għalkemm mhux bi ħsiebu jieħu l-mużika fuq bażi professjonali, hu nteressat li jkompli javvanza fid-delizzju mużikali tiegħu.



### *Anne Marie Cutajar:- Klarinett*

Twieldet fl-10 ta' Ottubru 1983 ġewwa l-Pietà, bint Frans u Nikolina. Anne Marie hija l-kbira fost żewġ aħwa u tattendi l-iskola Maria Reġina, Blata l-Bajda, fejn għadha kif spiċċat ir-raba' sena fis-sekondarja. Anne Marie minn dejjem kienet togħġobha l-Banda u kien proprju għalhekk li bdiet titgħallem it-teorija tal-mużika għand Leonard Farrugia u aktar tard għaddiet taħt idejn Mro Anthony Camilleri. Kompliet miexja fl-istudju tal-klarinett għand Raymond Camilleri u wara għand Mro David Agius. Ħarġet iddoqq għall-ewwel darba nhar Ħadd il-Palm, 5 ta' April, 1998. Bħala passatempi Anne Maria għandha l-mużika, il-qari u l-kompjuter. Fil-futur Anne Marie tixtieq tavvanza fil-karriera mużikali tagħha.



### *Remenda Grech:- Klarinett*

Twieldet fl-24 ta' Diċembru 1983 ġewwa l-Pietà, bint Joseph u Mary. Remenda hi l-kbira fost tliet aħwa u għadha kif spiċċat ir-raba' sena fis-sekondarja. Remenda tattendi l-iskola Maria Reġina ġewwa l-Blata l-Bajda. Il-mużika hija għal qalb Remenda u kien għalhekk li bdiet tattendi fl-iskola akkademika tas-Soċjetà, taħt Leonard Farrugia u Mro A. Camilleri. Wara li għaddiet mill-fażi tat-teorija, għaddiet għall-prattika għand Raymond Camilleri u aktar tard għand Mro D. Agius. Remenda ħarġet iddoqq għall-ewwel darba nhar Ħadd il-Palm fil-5 ta' April, 1998. Bħala passatempi, apparti l-mużika Remenda tħobb tgħum u taqra. Fil-futur tixtieq tkompli tavvanza fl-istudji mużikali tagħha.



### *Maria Mifsud:- Klarinett*

Twieldet fil-21 ta' Awissu 1983 ġewwa l-Pietà, bint Joe u Rose. Hija l-kbira miż-żewġ ulied ta' din il-familja, fejn ħuha Mark ukoll ħiereġ idoqq ma' din il-Banda. Is-sena d-dieħla tkun fl-aħħar sena ta' l-iskola sekondarja u tattendi l-*Maria Regina Junior Lyceum.* Bdiet l-istudji mużikali tagħha ta' ħames snin fl-iskola tal-mużika Johann Strauss. L-ewwel strument tagħha kien il-vjolin fejn bdiet titgħallem għand F.X Saliba u qiegħda tkompli tistudja għand Mro James P. Scerri Worley L.Mus. V.C.M. Dan l-aħħar ġietha l-ħajra għal xi strument tal-Banda biex tesperjenza stimoli mużikali differenti minn dawk orkestrali. Għalhekk bdiet tistudja l-klarinett għand Mrs D.

# F & R SCHEMBRI

## SWEETS & CIGARETTES
## CIGARS & TOBACCO

"Frarene", St Edward Street, Qormi.
Tel: 441453 / 449938



# Lorraine Muscat

Beauty Make-Up

*Specialised for all occasions*

**Tel: 611263, 689785**

---

***Avon*** **Representative**

For all you photographic needs

# Ariane Photographic

*Professional Video & Photographic Service for all occasions.*
*Developing & Printing — Instant Passport Photos — Studio Photos*
*Films — Batteries — Cameras — Flashes — Radios — Telephones*
*Audio & Video Cassettes — Calculators — Albums — Frames*
*Soft Toys — Clocks*

**Triq Karmenu Ciantar, Mqabba**
**Tel: 689785**

# Niltaqgħu mal-ħames bandisti ġodda...

Scerri Worley u ħadet ukoll lezzjonijiet għand Mark Zammit u Mro David Agius fil-Każin ta' Santa Marija. Maria ħarġet iddoqq għall-ewwel darba nhar Ħadd il-Palm, fil-5 ta' April 1998.

Minkejja l-età żgħira tagħha, Marija diġà daqqet f'diversi orkestri, kemm 'kunċerti klassiċi' kif ukoll f'servizzi reliġjużi. Għall-futur imħajra tkompli l-iskola fil-livell terzjarju u tixtieq tapprofondixxi l-istudji mużikali.

### *Mark Mifsud:- Kurunetta*



Mark twieled fis-16 ta' Ġunju 1989 fil-Pietà, bin Joe u Rose. Trabba f'Ħal Safi għalkemm huwa kburi li l-familjari tiegħu jgħixu fl-Imqabba.

Mark imħajjar jimxi fuq il-passi ta'oħtu Maria. Huwa xtaq jitgħallem strument tal-banda. Beda jistudja għand Mrs O. Scerri Worley fejn ta' l-aħħar ħajritu għall-istrument favorit tagħha - il-kurunetta. Jieħu wkoll xi lezzjonijiet għand binha James fejn diġà għadda b'suċċess l-ewwel eżami ta' l-istrument f'Mejju li għadda. Bl-intenzjoni li joħroġ idoqq ma' din il-Banda favorita tiegħu ħa ukoll xi lezzjonijiet għand Mark Zammit u Mro David Agius fejn fil-fatt ħareġ idoqq għall-ewwel darba nhar Ħadd il-Palm, 5 ta April 1998. Mark jattendi l-iskola primarja ta' St Francis f'Bormla. Is-sena d-dieħla tiela' fil-ħames sena. Bħal kull tifel ieħor għandu n-namra kbira tal-ballun. It-tim favorit tiegħu huwa l-Inter. Mark u Maria jixtiequ jirringrazzjaw ħafna lis-Sur Carmel Ellul li ħajjarhom ħafna jingħaqdu mal-Banda Re Ġorġ V.

# Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ...

*Kif jixraq għall-okkażjoni ta' l-400 sena mit-twaqqif tar-raħal tagħna bħala parroċċa din is-sena minbarra li ser ikollna ħames baned mistiedna Maltin li se jagħtu sitt servizzi matul il-festa, ser ikollna ukoll banda Ġermaniża.*

*Nixtiequ nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom tiġu takkumpanjaw il-marċ it-triq kollha u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz ta' tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba tul il-jiem tal-festa aktar u aktar din is-sena fejn se jkollna għadd ta' nies distinti kemm lokali kif ukoll barranin.*

*Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettal tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-Baned rispettivi.*

**Il-Ħamis 30 ta' Lulju - BIDU TAL-KWINDIĊINA**

**8.00 p.m.** Nilqgħu l-wasla tal-**Banda Ġermaniża Leipzig Jugend Blasorchester** f'tarf **Triq Karmenu Ciantar**, tkompli sal-**bini muniċipali tal-Kunsill, Pjazza tal-Knisja**. Wara l-istess Banda tagħmel programm fuq il-planċier.

**Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju - KWINDIĊINA**

**7.30 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V** tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' programm ta' marċi brijużi fuq il-palk ċentrali, fejn wara titkompla l-Lejla Maltija.

**Il-Ħadd 9 ta' Awissu - ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

**7.30 p.m.** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm strumentali fuq iz-zuntier tal-Knisja, **il-Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro D. Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ta' marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk:

**Triq San Bażilju, il-Langasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-**

# TAX-XIĦA

## BAR & RESTAURANT

Wied iż-Żurrieq (Blue Grotto)
Telephone: 680684




*Specializing in:*

***FRESH FISH AND MEAT***

*(A la Carte and Maltese Rabbit also available)*

***AND MANY SPECIAL DISHES.***

**FOR RESERVATIONS PHONE 680684**

**Opening Hours (from 1st June onwards)**
**from 9.00am till 11.00pm**

***The Roof Garden will be open from 9.00am onwards***

# Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ...

**Knisja, quddiem il-Każin.**

**It-Tnejn, 10 ta' Awissu - JUM IL-BANDA**

**8.15 p.m.** Imiss jerġa' ***lill-Banda Re Ġorġ V***, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro David Agius, li tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn **il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-każin.** Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Strumentali u Annwali tagħha.

**It-Tlieta, 11 ta' Awissu - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**8.15 p.m. Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ,** taħt id-direzzjoni ta' Mro R. Debattista F.L.C.M. tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej:

**Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar,** naqsmu minn **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** għal **Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, ix-Xantin, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion,** nerġgħu naqsmu minn **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** għal **Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.**

## IL-BANDA DE ROHAN ĦAŻ-ŻEBBUĠ

### Marċi Brijużi

| | |
|---|---|
| Lil Indrin Borg | |
| Missier il-Banda De Rohan | G. Farrugia |
| Is-sbejjaħ | P. Gatt |
| JesJoMar | L. Bonnici |
| CaNoPa | A. Farrugia |
| Joe id-Delegat | R. Fenech |
| Emperor | A. Mizzi |
| Chinese Rose | J. Azzopardi |
| Tracey | N. Farrugia |
| Nathan Mark | J. Mifsud |
| Irene | M. Testa |
| Salette | V. Ciappara |
| The King | A. Mizzi |
| Delmar (10 Snin Kaxxier) | S. Zammit |
| Fiorentina | A. Aquilina |
| Joe is-Segretarju | E. Spiteri |
| Għoxrin Sena | |
| Kummissjoni Nisa 1998 | R. Debattista |
| United | A. Coleiro |
| Santos | D. Agius |
| Come on the Stripes | A. Aquilina |
| Ben Fred | John J. Pace |
| Coronation | J. Azzopardi |
| Joseph and Aron | C. Zammit |
| Renzo | F. Galea |
| Ix-xiħa | D. Aquilina |

***Surmast Direttur: Mro Ronnie Debattista F.L.C.M.***

**L-Erbgħa, 12 ta' Awissu - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**8.15 p.m. Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara,** taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella, tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana, b'sett marċi brijużi, it-toroq li ġejjin:

**Triq il-Ġilju, l-aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katarina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katarina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fi Pjazza quddiem il-Każin.**

## BANDA SANT'ELENA BIRKIRKARA

### Marċi Brijużi

| | |
|---|---|
| 75th Anniversary | Mro J. Sammut |
| Come on Baldass | Mro A. Aquilina |
| Tal-Qalba | Mro Kav. J. Busuttil |
| Bernardette | Mro R. Pisani |
| Come on the Stripes | Mro A. Aquilina |
| Żgħażagħ Elenjani '95 | Mro D. Agius |
| Paul and Mary | Mro J.I. Borg |
| Kumitat '96 | Mro J. Vella |
| Coronation | Mro J. Azzopardi |
| The King | Mro A. Mizzi |
| Andrigo | Mro A. Calleja |
| Valley of Roses | Mro C. Zammit |
| Chinese Rose | Mro J. Azzopardi |
| Il-Plançier tagħna | Mro C. Sciberras |
| Imħuħ Sploduti | Mro J.I. Borg |
| Innu tal-Banda | Mro Kav. J. Busuttil |

***Surmast Direttur: Mro Joseph Vella***

**Il-Ħamis 13 ta' Awissu - L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU**

**8.30 p.m.** Il-***Banda Re Ġorġ V***, taħt it-tmexxija ta' Mro D. Agius A.Mus.V.C.M. tagħmel marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda minn **quddiem il-Każin** u jkompli hekk kif ġej: **Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Każin.**

**Il-Ġimgħa 14 ta' Awissu - LEJLET IL-FESTA**

**8.00 p.m.** Programm strumentali mill-***Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat***, taħt id-direzzjoni ta' Mro J. Vella. Wara, l-istess Banda tibda marċ li jgħaddi hekk kif ġej: **Triq il-Karmnu, il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq Karmenu Ciantar sal-Pjazza tal-Parroċċa.**

**8.30 p.m. Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq,** taħt it-tmexxija ta' Mro Alfred Farrugia, L.Mus.L.C.M. tibda l-marċ tagħha minn **Triq il-Pal** u jkompli għal **Triq it-Troll, is-Sejba, Santa Katerina sal-Pjazza tal-Knisja.**

**10.00 p.m.** Hekk kif iż-żewġ Baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, jkomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**10.30 p.m.** Taħt id-direzzjoni ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., il-**Banda Queen Victoria** tas-Soċjetà Karmelitana taż-Żurrieq tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' Programm Strumentali.




# Jerry's

## Silencer Repairs

**Teddy's Garage**

Siġġiewi Road, Mqabba

Tel: 640750    Telecell: 099 8066

*Dolceria*

# *Primavera*

***CATERERS FOR ALL OCCASIONS***

SCHOOL STREET, TARXIEN TEL: 826226, 677098 FAX: 676891

# GAUCI WOODWORKS

## TRIQ IS-SEJBA, MQABBA

Għal kull kwalità ta' xogħol ta' l-injam,
bħal bibien ta' barra u ġewwa, kċejjen, vanity units
u wallunits u anki restawr ta' l-għamara antika

**Għal aktar informazzjoni ċemplu**
**611432 jew 099 0081**

**Il-Ġimgħa 15 ta' Awissu - L-GĦID TA' L-ASSUNTA**

**10.15 a.m.** Wara d-daqq tal-Glorja, il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu, u jibda minn **quddiem il-Każin** u jkompli għal **Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katarina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katarina, San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin.**

**6.00 p.m.** Il-***Banda Queen Victoria taż-Żurrieq***, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn **Triq Valletta** għal **Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm quddiem il-Każin.**

**7.15 p.m.** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, il-**Banda San Bartilmew tal-Għargħur,** taħt id-direzzjoni ta' Mro R. Zammit F.V.C.M., A.Mus. L.S.M., A.L.C.M., tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-*Ave Maria*, biex wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.

## BANDA QUEEN VICTORIA ŻURRIEQ

### Programm Strumentali

**14 ta' Awissu**

Suite - 'Antonio Sciortino' - R. Debattista
Solo per clarinet - Czardas - V. Monti
Danza - Sansone e Delilah - C. Saint-Saënes
Medley - The Magic of Mozart - R. Defoort
Selection - Beatle Mania - Arr. A. Farrugia
March - Amparito Roca - J. Texidor
Omaggio - Queen Victoria - E. Bugeja

***Surmast Direttur: Mro A. Farrugia L.Mus.L.C.M..***

### Programm Strumentali

**15 ta' Awissu**

| | |
|---|---|
| Conquest of Paradise | Vangelis |
| Overture - William Tell | G. Rossini |
| Innu - Lil Sta. Marija | G. Martin |
| Ave Maria | Bach/Gounod |
| Omaggio - Queen Victoria | E. Bugeja |
| Innu Malti | R. Samut |

***Surmast Direttur: Mro A. Farrugia L.Mus.L.C.M.***

### Marċi Brijużi

| | |
|---|---|
| Sylvikarm | Mro A. Farrugia |
| Golden Jubilee | Mro E. Bugeja |
| Carl | Mr. J. Tanti |
| The Blue Stars | Mro A. Gatt |
| A Dear Friend | Mr. C. Vella |
| Rapido | Mro J. Ciappara |
| Palazzolo 1997 | Mro A. Farrugia |
| Għalik Missier | Mr. P. Sammut |
| Salette | Mro V. Ciappara |
| Renè | Mro A. Camilleri |
| Sandiago di Cuba | Mro J. Abela Scolaro |
| Kumitat Ċentrali | Mro E. Bugeja |
| Marianne | Mro A. Farrugia |

**10.30 p.m.** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-**Banda San Bartilmew** tagħlaq il-Festa b'marċ li jibda minn **Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin,** akkumpanjata speċjalment mill-membri ta' l-Għaqda tan-Nar kif ukoll mis-Soċi u l-Partitarji.

## BANDA KONTI RUĠĠIERU RABAT - MALTA

### Programm Strumentali

| | |
|---|---|
| Ave Maria | C. Gounod |
| Intermezzo "Un Mazzo di Fiori" | V. Ciappara |
| Marcia Sinfonica "Amore E Musica" | V. Ciappara |
| March "Radetsky" | J. Strauss |

Innu tal-Banda Konti Ruġġieru
Innu Malti

***Surmast Direttur: Prof. Joseph Vella, B.Mus.FLCM***

### Marċi Brijużi

| | |
|---|---|
| Ancona | Prof. J Vella |
| L-Iljun | Mro V. Ciappara |
| Bompacello | Mro V. Ciappara |
| Arabian Nights | Mro J. Azzopardi |
| Madrilena | Mro J. Azzopardi |
| Karmnu s-Slif | Mro C. Borg |
| L-Arkivju | Mro S. Giordemaina |
| Marjanna | Mro C. Muscat |
| Michael | Mro J. Muscat |
| Olyton | Mro P. Schembri |
| Nathan Mark | Mro J. Mifsud |
| Louis | D. Coleiro |

***Surmast Direttur: Prof. Joseph Vella, B.Mus.FLCM***

**8.45 p.m.** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, l-***Banda Queen Victoria taż-Żurrieq,*** taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir ***Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema,*** kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S.J. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor San Sebastjan ta' Ħal Qormi. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-*Ave Maria.*

## SOĊJETÀ FILARMONIKA SAN BARTILMEW - GĦARGĦUR

### Marċi Brijużi

| | |
|---|---|
| 10 Anniversarju | R. Zammit |
| Il-Bobby | R. Zammit |
| Taċ-Ċalija | H. Dalli |
| Ċikku u Karmnu | F. Zammit |
| Malcolm | A. Pullicino |
| Katrina | A. Mizzi |
| Karmnu | P. Schembri |
| Olrojo | J. Boffa |
| Joan | J. Bezzina |
| Il-Gidi | J. Farrugia |
| Justin u Charles | F. Zammit |
| Dolor | R. Zammit |
| Grutlies | A. Calleja |
| Pablit | A. Mizzi |
| Jessie Bar | I. Borg |
| Il-Mirlu | R. Zammit |

***Surmast Direttur: R. Zammit A.(Mus)LCM, L(Mus) LCM, ALCM, LVCM (Hons), FVCM (Hons).***

Aktar informazzjoni fuq...

http://www.mid-medbank.com



......Assi ta' aktar minn Lm **1,000,000,000**

......Aktar minn **1,000,000** tranżazzjoni kull xahar

......Għandna aktar minn **100,000** klijent

......U 'l fuq minn **1,000** impjegat

......Noffru iżjed minn **100** prodott finanzjarju

......Kollha imfasslin biex jaqdu l-bżonnijiet ta' l-aktar klijent importanti... **INT**!

# L-Aktar Klijent Importanti ...INT!

**Mid-Med**
BANK

***Ħabib għal Ħajtek***

# *Il-Benefattur Spiridione Schembri (Ta' Barbra) u l-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza tal-Knisja*

minn Carmen Lia B.Ed.(Hons.), B.A.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, sewwa sew fid-9 ta' April 1942, il-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ġarrbet ħsarat kbar bil-bombi tal-gwerra. Waqgħet il-koppla, iġġarrfu l-Kappelluni tal-Kor u ta' l-Agonija u nqerdu bosta affarijiet fil-Knisja fosthom l-Altar Maġġur, il-bradella ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju u ħafna affarijiet ta' tiżjin tal-knisja li kienu jiġu armati fil-festi. F'dan l-attakk ta' l-għadu nqerdet ukoll statwa ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni għax kif kienet id-drawwa f'ħafna bliet u rħula Maltin statwa tat-titular kienet tkun tokkupa l-aħjar post tar-raħal - fl-Imqabba fil-pjazza tal-Knisja viċin id-dar tal-Kappillan. Kienet statwa antika, artistika u magħmula mill-ġebel. Baqa' biss xi fdalijiet minn din l-istatwa fosthom ir-ras li għadha miżmuma b'għożża kbira fil-Każin tal-Banda *Re Ġorġ V*,

Bejn li kien iż-żmien tal-gwerra u bejn li wara l-gwerra kien hemm ix-xogħol tal-bini mill-ġdid tal-Knisja, ftit li xejn intwera interess li tiġi magħmula statwa oħra minflok l-oħra li kienet tkissret. Għadda ż-żmien u Lorenzo Ellul (ta' Katrinu) xtaq li jagħmel l-istess statwa iżda din id-darba mill-irħam. Id-disinn, it-talba tal-prezz ta' l-Istatwa u l-pedestall - kollox irħam - kienu diġà saru qabel l-4 ta' April 1949 kif jidher minn ittra miktuba mis-Sur Joseph Bugeja u mibgħuta lis-Segretarju tal-każin *King George V* fejn is-Sur Bugeja wera wkoll ix-xewqa tiegħu li jieħu ħsieb il-ġbir.[1]

Jidher, iżda li nqalgħu xi diffikultajiet peress li din l-istatwa ta' l-irħam qatt ma saret u l-Imqabbin kellhom jistennew sa l-1960 biex id-diffikultajiet ikunu solvuti u b'hekk il-ħolma tagħhom issir realtà. F'dak iż-żmien inqala' benefattur ieħor li wera x-xewqa li l-istatwa terġa' ssir. Dan il-benefattur ma kien ħadd ħlief l-Imqabbi Spiridione Schembri (ta' Barbra) li offra li jidħol hu waħdu għal din il-biċċa xogħol.

### Il-Benefattur Spiridione Schembri

Spiridione sive Spiru Schembri twieled is-Siġġiewi fid-29 ta' Awissu 1882, iben Peppino u Margerita neè Farrugia. Iżżewweġ lil Innocenza neè Zammit. Beda jaħdem bħala bennej u għamel żmien ukoll jaħdem it-Tarzna. Wara laħaq mgħallem tat-toroq u kien responsabbli mit-twessiegħ ta' Triq Santa Katerina. Kien wieħed mill-fundaturi tal-Każin Soċjali Santa Marija u membru fl-ewwel Kumitat tal-*Każin Giorgio V* fl-1910. Kellu żewġ ulied, Ġużeppi mwieled fid-29 ta' Awissu 1914 u Marija mwielda fis-7 ta' Frar 1916. Għex ħajtu kollha fl-Imqabba.



*L-istatwa ta' Santa Marija li tkissret f'attakk mill-għadu fid-9 ta' April 1942 kienet tiddomina l-pjazza antika tar-raħal. (Ritratt meħud fl-1912).*

**RENO FARRUGIA TRANSPORT**




For the best service in:
Transport, Mini Buses & Buses (24 hour service Day & Night)

**Reno Farrugia**

*'Emerald', Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba*
*Tel: 640869     Mobile: 099 1477*

**B & G**

**HARDWARE STORE**

- A large selection of Electrical & Water Fittings
- Hand Tools, Power Tools, Light Fittings & other hardware
- 10% Discount on Paints & Power Tools
- Delivery Service Available
- Tools for Hire

St Thomas Street, Luqa LQA 03
Tel/Fax: 67 53 62   Mob: 097 5303

Miet fit-12 ta' Settembru 1971 u jinsab midfun fiċ-ċimiterju tan-Nazzarenu fl-Imqabba.

## Il-Ħolma Sseħħ

Wara li Spiru Schembri kellem lill-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Gerald Mangion mill-Imqabba stess, saru xi kuntatti ma' l-Awtoritajiet Ċivili u Ekkleżjastiċi sabiex terġa ssir statwa ġdida ta' l-Assunta u titqiegħed fl-istess post fejn kien hemm l-istatwa l-qadima.

Fix-xhur tas-Sajf ta' l-1958 tneħħa l-pedament ta' l-istatwa li kien tfarrak bil-bombi tal-gwerra u fl-istess post sar pedament ieħor tal-konkrit. Inqalgħet polemika fuq il-post fejn kellha terġa' ssir l-istatwa u dehru diversi ittri f'gurnali. Kien hemm min sostna li l-istatwa kellha titqiegħed fl-istess post fejn kienet fl-antik[3] u kien hemm min xtaq li l-pedestall kellu jitressaq aktar 'il ġewwa għax kien ta' tfixkil għat-traffiku[4]. Irridu niftakru li dak iż-żmien, it-traffiku prinċipali kien jgħaddi mill-pjazza tal-Knisja. Jidher, iżda, li l-Istatwa tqiegħdet fl-istess post fejn kienet għaliex il-pedament ta' l-ewwel statwa ġie rranġat biex titqiegħed l-istatwa l-ġdida.

Hekk kif waslu l-permessi meħtieġa, is-Sur Schembri avviċina lill-iskultur Marco Montebello li kellu jaħdem l-istatwa ta' Marija Assunta flimkien mal-pedestall tagħha.

Wara ħafna taħbit u ġiri, din l-opra artistika fl-aħħar tlestiet u l-istess benefattur ħa ħsieb joħroġ l-ispejjeż ta' l-istatwa kif ukoll tal-pedestall tagħha. L-istatwa nħadmet skond il-ftehim. Hija statwa mgħollija fuq kolonna tal-ġebel u mdawra



*Spiru Schembri (ta' Barbra), partitarju u benefattur kbir tas-Soċjetà Santa Marija. (Ħajr: Innocenza El Khazmi)*



*Spiru Schembri (bil-qiegħda, mix-xellug) fl-ewwel Kumitat taċ-Ċirkolu "Giorgio V" (1910). (Ħajr: Tereża Borg)*

b'kanċell sabiħ tal-ħadid. Il-kolonna li sservi ta' pedestall fiha disinn sempliċi iżda eleganti. Mix-xifer tal-bażi, l-erba' xewkiet tal-faċċati huma ffaċċetjati u jduru nofs tond fuq in-naħa ta' isfel. Fil-vojt tan-nofs tal-panewijiet tal-kolonna, naraw skulturati fil-ġebel kuruna tar-rand kif ukoll l-armi tal-Madonna, tal-Papa Piju XII magħruf bħala l-*Papa ta' l-Assunta* u ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi, b'tifkira tad-Domma ta' l-Assunzjoni.

L-istatwa l-ġdida tqiegħdet f'postha nhar it-2 ta' Ġunju 1960. It-tberik ta'l-istatwa sar il-Ħadd 21 ta' Awissu 1960. Fil-5.30 ta' filgħaxija, wara l-funzjoni tal-Knisja, sar it-tberik ta' l-istatwa mill-Kappillan Mangion. Wara t-tberik, tkanta l-Innu lill-Madonna mit-tfal tar-raħal u mbagħad il-banda Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien daqqet programm fil-pjazza tal-Knisja.

L-Awtorità tal-Knisja tat Indulġenza Parzjali lil kull min jgħid Salve Regina quddiem din l-istatwa.

Lapida ta' l-irħam imwaħħla fuq wara tal-pedestall iġġib dawn il-kelmiet bil-Latin:-

SPIRIDION SCHEMBRI EREXIT

MCMLX

Din l-istatwa, għalkemm nieqsa minn ċertu moviment, hi devota sew man-nies u qiegħda ssebbaħ il-Pjazza tal-Knisja. Din is-sena f'għeluq l-400 sena mit-twaqqif ta' l-Imqabba bħala parroċċa, qiegħed isir restawr tagħha.

**Referenzi**


1 Ittra mibgħuta mis-Sur Joseph Bugeja ta' 87, St Basil Street, Mqabba lis-Segretarju tal-Każin *King George V*.
2 Lia, *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja ta' l-Imqabba*, Malta, 1997.
3 Il-Berqa, It-Tnejn 18 ta' Awissu 1958, 5.
Il-Berqa, It-Tnejn 8 ta' Settembru 1958, 5.
Ittra mibgħuta mis-Segretarju tal-Każin King George V lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi datata 10/ix/1958.
Programm Festa Santa Marija, Mqabba, 1978.
4 Ittri li dehru f'Awissu 1958 fil-gurnal *Is-Sebħ*.

# V. SPITERI & SONS ENT. LTD

Fully Air-Conditioned Coaches
& Mini Buses for Hire

*Importers of*
VOLVO COMMERCIALS

## GRAVIC HALL

for Weddings, Engagements, Party Receptions, etc.

Apply at 'Gratiae Plena', Wilġa Street, Luqa.
Tel: 820749 Mobile: 097 0405 Fax: 673251



# *Hamrun Kiosk*

**St. Paul's Square. Tel: 248989**

*Specialists in:*
**Ice-Cream & Granita**

*Hamburgers, Chips, Ħobż biż-Żejt,*
*Ross il-Forn, Timpani, Ham Rolls,*
*Chicken & Chips, Hot Dogs, Pizza,*
*Cold Drinks, Sweets & Cigarettes, etc.*



Open from Tuesday to Sunday
Bakery House, Qormi Road, Ħamrun.
Tel: 249080

Prop. FREDDIE CACCIATTOLO

# Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija

Għall-grazzja tal-Ħanin Alla Awissu reġa' magħna. Lanqas temmen kif tgħaddi sena. Imma bħal ma jaf kulħadd, aħna tan-Nar dejjem inkunu ppreparati biex malli tgħaddi festa nerġgħu nibdew nippreparaw għal oħra. Ma nistax nibda u ma nsemmix il-festa tas-sena l-oħra. Nixtieq nirringrazzja lil kull min ħadem in-nar is-sena l-oħra għax tajna spettaklu kbir u oriġinali ta' Nar ta' l-art u anke ta' l-ajru. Tant kien impressjonanti li sa llum, kważi sena wara, kulħadd għadu affaxxinat fuq dik il-kwalità ta' nar li tajna għax kulħadd għadu jsemmih. Dakinhar ukoll għall-ewwel darba f'Malta, in-nar ta' l-ajru ta' lejlet il-festa kien sinkronizzat mal-mużika, u kif jaf kulħadd kien spettaklu uniku f'Malta li baqa' fil-memorja ta' kulħadd. Ta' dan grazzi lil kull min ħa sehem. Però aħna ta' Santa Marija dejjem naħsbu għal li jkun ġej biex nerġgħu nippreparaw programm għall-festa li tkun waslet.

Il-membri ta' din l-għaqda erġajna ħejjejna kwantità oħra ta' nar għal din is-sena peress li se tkun okkazjoni oħra unika għalina li qed ngħixu f'dawn iż-żminijiet għax din is-sena taħbat għeluq l-erba' mitt sena minn meta l-Imqabba saret Parroċċa taħt il-patroċinju ta' Santa Marija. Tħejja programm kbir ta' nar u se jkollna spettakli kbar, fosthom għadd kbir ta' baraxxijiet u nwegħdukom li min jiġi, jekk Alla jrid, żgur li se jitpaxxa b'dak kollu li ser jara. J'Alla l-maħbuba tagħna Santa Marija żżomm idejHa fuqna li naħdmu n-nar. Jien nixtieq nirringrazzja lil kull min ħadem in-nar u anke lil dawk li dejjem kienu ta' għajnuna sew fix-xogħol u sew bil-finanzi għax li kieku ma nagħmlux dan in-nar kollu. Il-materjal dejjem jogħla u nħeġġukom biex bħalma dejjem kontu, tkunu ġenerużi bl-għotjiet tagħkom għax inkella ma nkunux nistgħu nagħtu dawn il-wirjiet kbar li intom dejjem ħadtu gost bihom. Ma nistax ma nerġax nirringrazzja lil dawk li jaħdmu n-nar u anke l-familja tagħhom li b'tant sogru għal ħajjithom u anke sagrifiċċji personali, dejjem



*Joseph Camilleri*

kienu lesti biex iferrħukom. Grazzi ta' kollox.

Nieħu wkoll l-opportunità biex f'isem il-membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija, nirringrazzja lil min jieħu ħsieb l-arbular tan-Nar, lil kull min jgħin u jmidd idu għal dan ix-xogħol, lil dawk is-sidien ta' l-għelieqi li jħalluna nidħlu fi ħwejjiġhom waqt il-ħruq tan-nar, lill-Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni tiegħu, lill-*isponsors* u lil kull min għen bid-donazzjonijiet.

F'ismi u f'isem il-membri kollha tal-Kamra tan-Nar tagħna, nixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha, lis-soċji u anke lill-partitarji u lil dawk l-eluf ta' Maltin u anke barranin li jiġu jonorawna bil-preżenza tagħhom. Bħas-snin ta' qabel, konvint li din is-sena se naraw esebizzjonijiet kbar ta' murtaletti bil-logħob, kulur, beraq pront, baraxxijiet, kaxxi infernali, nar ta' l-art u ħafna affarijiet oħra.

Fuq kollox però, l-ikbar grazzi tagħna tmur fuq Ommna Verġni Marija li dejjem ħelsitna minn kull deni u nitolbuha żżomm idejha miftuħin beraħ fuqna u biex teħlisna minn kull tiġrib.

***Viva l-Wisq Kbira u Maħbuba għalina Santa Marija.***

# MANGION BROS.
## *(ID-DIELJA)*

## ŻURRIEQ TELEPHONE: 649590






**Manufacturers of fine quality bricks and interlocking paving system to a variety of designs and colours. This is operated by a computerised controlled plant capable of producing 8000 hollow concrete bricks a day.**

**Suppliers of concrete mix, capable of producing 80 cu. metres per hour.**

**Suppliers of steel rods and straps. The company undertakes all construction, civil engineering and excavation works.**



# ST. MARY FIREWORKS OF MQABBA

ST MARY FIREWORKS
MQABBA

400 years under the ... **Proudly Presents** ...patronage of St. Mary

# THE BEST SHOW EVER...



FOLLOWING THE GREAT SUCCESS OF THE PAST YEAR'S PYROTECHNIC SHOW, THIS YEAR ST. MARY FIREWORKS GROUP OF MQABBA IS LOOKING FORWARD TO GIVE YOU THE BEST SHOW EVER IN PYROTECHNIC ACTIVITY.



**So on Friday 14th August (St. Mary's Eve)**
**9.40 p.m. onwards**
**Triq il-Konvoj ta' Santa Marija**
**Mqabba (Bypass)**

The only place to be




Celebrating the Assumption of the Virgin Mary

Don't Miss It





# E. CATANIA WOOD CARVING

Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal
salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura
MORRU GĦAND

**MANWEL CATANIA**

SHOWROOM:
"Odyssey", Bronja Street, Żurrieq

WORKSHOP:
"Odyssey Garage", Alexander Street, Żurrieq

**Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.**

**Tel: 682137**

# MARTIN MONTREAL IRONMONGERY

**Triq il-Bronja Żurrieq Tel: 682435**

***Issibu għall-Bejgħ: Żebgħa ta' kull kwalità, u ħafna oġġetti utili għall-bini***

**Kiri ta':**
Fekruna tat-trinek
Concrete mixers
Crane jiggers
Siġġijiet għall-parties

BAKERY

# Maypole

LTD

*Carmel Debono*

## FANCY BREAD

14, St Joseph Street, Qormi
1, Victory Street, Qormi
Tel: 488992

Erba' Mwieżeb Street, San Pawl
Tel: 581646

# Programm tan-Nar

**Il-Ħamis, 30 ta' Lulju - Bidu tal-Kwindiċina.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba. |
| **7.15pm** | Mad-daqq tal-Barka Sagramentali jsir ħruq ta' Murtali tal-bomba u Musketterija. |

**Il-Ħadd, 9 ta' Awissu.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u murtaletti. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u murtaletti. |
| **7.30pm** | Mal-ħruġ ta' l-istatwa jsir ħruq ta' Salut, Musketterija, Kaxxa Infernali, u Murtaletti bil-logħob. |
| **9.30pm** | Ħruq ta' murtali tal-Beraq pront u tal-kulur. |
| **11.00pm** | Ħruq ta' Musketterija ma' tmiem il-Marċ. |

**It-Tnejn, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba. |
| **7.30pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti. |

**It-Tlieta, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti. |
| **8.15pm** | Ħruq ta' Musketteirja, Kaxxa Infernali u Murtaletti bil-logħob. |
| **9.30pm** | Ħruq ta' Murtali tal-Beraq pront u tal-Kulur. |
| **11.25pm** | Ħruq ta' Musketterija ma' tmiem il-Marċ. |

**L-Erbgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu.**

Kollox bħall-Jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu.**

Kollox bħall-Jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa.**

| | |
|---|---|
| **9.30am** | Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Infernali u diversi Murtaletti bil-Logħob. |
| **11.45am** | Ħruq ta' Bomba u Murtaletti bil-logħob. |
| **6.30pm** | Toħroġ it-Translazzjoni, ikun hemm ħruq ta' Salut, Kaxxa Infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' Murtaletti bil-logħob. |
| **9.30pm** | Jingħata bidu għal Spettaklu kbir ta' logħob tan-Nar ta' l-ajru li jinkludi Salut, bombi tal-Lampjun, ħruq ta' sfejjer, diversi baraxxijiet kbar u spettakolari, u diversi settijiet ta' Murtali tal-Beraq pront u Murtali tal-Kulur. |
| **11.30pm** | Wirja kbira ta' Logħob tan-Nar ta' l-Art oriġinali u mekkanizzat. |

**Is-Sibt, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti bil-logħob. |
| **9.30am** | Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' Murtali tal-bomba, Kaxxa Infernali u Murtaletti tal-logħob. |
| **11.45am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba, akkumpanjati mid-daqq tas-Serena, segwita mill-ħruq ta' Murtaletti bil-logħob. |
| **7.15pm** | Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni jiġi sparat Salut. Hekk kif l-istatwa artistika u devota tal-patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Maria, tinħaraq Musketterija u Kaxxa Infernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' Murtaletti bil-logħob, li jakkumpanjaw il-purċissjoni. |
| **9.30pm** | Hekk kif jiġi segwit l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, ikun hemm ħruq ta' Murtali tal-Beraq pront u tal-kulur. |
| **10.15pm** | Ħruq ta' Kaxxa Infernali ma' tmiem il-Purċissjoni. |

**Is-Sibt, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa.**

| | |
|---|---|
| **6.00pm** | Mal-ħruġ tal-purċissjoni, tinħaraq Musketterija, Murtali tal-bomba u Murtaletti. |

**Nota tal-Bord Editorjali:** Bħas-snin l-imgħoddija, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Aħna, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex, f'isem is-Soċi u l-Partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda - sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-Nar u waqt il-ħruq.

# CJP TARMAC LTD.

## PRODUCERS, SUPPLIERS AND LAYERS OF HOT ASPHALT WORKS



**TITAN 2000**
**Hot Asphalt Mixing Plant -**
*The only one of its kind in Malta.*

* **HOT ASPHALT MIXES**

* **SCARIFYING WORKS**




*ROAD SURFACING WORKS IN PROGRESS AT KIRKOP - MALTA*



**CJP**
**TARMAC LIMITED**

**Siggiewi Rd.,**
**Ta' Kandja,**
**l/o Mqabba, Malta.**
**Tel: (0356) 689645**

# ĠEMELLAĠĠ

***Soċjetà Santa Marija - Mqabba, Malta.***
***Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano - Ascoli Piceno, Italia.***
***(It-Tieni parti. 9-16 ta' Awissu 1997)***

*Kitba ta' Alfred Galea*

**F'artiklu li kont ktibt fil-ktieb li kien ħareġ għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija tas-sena li għaddiet, kelli l-pjaċir naqsam magħkom l-esperjenza li għaddiet minnha l-Banda Re Ġorġ V waqt żjara li kienet għamlet ġewwa l-Italja f'Lulju ta' l-1996. Din iż-żjara kienet l-ewwel parti uffiċjali minn Ġemellaġġ bejn il-Banda tagħna u l-Banda Taljana ġejja mill-provinċja ta' Ascoli Piceno ġewwa l-Italja, il-*Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano*. Fl-aħħar ta' l-artiklu msemmi kont tfajt dawl fuq it-tieni parti uffiċjali ta' dan il-Ġemellaġġ li kellha tkun żjara mill-Banda Taljana ġejja mir-raħal ta' Santa Vittoria in Matenano ġewwa Malta għall-festa ta' Santa Marija ta' raħalna, għall-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V. Issa, kważi sena wara li din l-esperjenza għaddiet ukoll u kisbet is-suċċess mixtieq, għandi pjaċir u nħoss ruħi onorat għal darba oħra naqsam magħkom dak kollu li seħħ matul iż-żjara ta' din il-Banda ġewwa pajjiżna.**



*Mro Francesco Mancini Surmast tal-Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano juri l-abbiltà tiegħu anke bħala mużiċista bravu.*

Wara kważi sena sħiħa ta' xogħol u preparamenti sabiex dan l-avveniment speċjali jkollu l-eżitu li xtaqna, minn ferm qabel il-ġurnata tad-9 ta' Awissu 1997, kellna kollox ippreparat sewwa sabiex nilqgħu kif jixraq lill-Banda mistiedna. Kien fadal biss li tinżel ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta t-titjira *Chartered Air Malta KM 2677*, li kellha twassal fostna kontinġent ta' kważi 100 persuna, liema titjira kienet nistgħu ngħidu puntwali għax eżatt fid-9.10am tad-9 ta' Awissu 1997 konna mgħarrfin li l-ajruplan kien wasal Malta b'kontinġent immexxi minn delegazzjoni uffiċjali komposta minn Dott. Pietro Colonella, President tal-provinċja ta' Ascoli Piceno, Sig. Domenico Ciaffaroni, President tal-*Comunità Montana dei Sibillini*, Sig. Francesco Mancini, Sindku ta' Santa Vittoria in Matenano flimkien ma' Sig. Roberto Tanucci, Viċi-Sindku. Jakkumpanjaw lill-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano kien hemm ukoll grupp sabiħ ta' nies mill-komunità tar-raħal pittoresk ta' Santa Vittoria in Matenano. Mal-kontinġent kien hemm jakkumpanjahom ukoll ġurnalista (Sig. Fabio Paci) li kien jieħu ħsieb jirrapporta ġurnata wara ġurnata b'artikli li kienu jidhru



*Żjara għand il-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba nhar l-10 ta' Awissu 1997. Sig. Domenico Ciaffareni u Dott. Pietro Colonnella jibdlu rigali mas-Sindku ta' l-Imqabba Emanuel Buttigieg.*

# MANUEL BEZZINA CO. LTD.

**IMPORTER,**
**EXPORTER,**
**& AGENT FOR:**

***LISETA***
***CARA***
***AVONDALE***
***SLANEY***

**SEED POTATOES**

Importer of Fresh Fruits, Table & Seed Potatoes and other Agricultural Products.



Żerriegħa tal-Patata, ta' qatgħa Safra Olandiża, bikrija u ta' l-aqwa kwalita'. Tgawdi fama tajba fis-suq Ewropew.

LISETA



Cara żerriegħa tal-Patata Irlandiża tal-qatgħa bajda. Resistenti għall-ġlata u għall mard ieħor. Tgawdi stima kbira fis-suq barrani.

CARA

TA' GHAJNA HAMRA



Żerriegħa tal-Patata Irlandiża, tal-qatgħa bajda, għammiela ħafna, tiflaħ għall-mard u ta' l-aqwa kwalita'.

AVONDALE



Patata taż-żriegħ Irlandiża tal-qatgħa bajda tixbaħ l-arran Banner u għammila ħafna

SLANEY

Iktbu dawn il-varjetajiet fl-uffiċji ta' l-Agrikultura, għand is-snasal jew ċemplu l-aġent f'Malta:- MANUEL BEZZINA CO. LTD. Office: 23 Liesse Hill, Valletta. Tel: 238558. Fax: 241194. Residence: "Springfield", Excelsior Street, Għargħur. Tel: 410204, 412587. Mobil: 099 7346

fl-Istampa tal-Provinċja Taljana ta' Ascoli Piceno. Fl-ajruport, il-kontinġent kien mogħti merħba mill-Kumitat tas-Soċjetà, mis-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Emmanuel Buttigieg u s-Sinjura tiegħu flimkien ma' għadd ta' partitarji li kienu pparteċipaw fl-ewwel fażi uffiċjali tal-ġemellaġġ ġewwa l-Italja. Wara li ħadna daqsxejn ħin mhux ħażin sakemm ħriġna kollox u għabbejna kollox fil-*Coaches*, sa nofsinhar kulħadd kien imqassam f'postu ġewwa l-lukandi rispettivi sabiex seta' jinżel għall-ikel ta' nofsinhar.

Wara nofs ta' nhar mistrieħ ġewwa l-lukandi, il-Banda kienet lesta sabiex tiftaħ uffiċjalment iż-żjara tagħha fostna. Kmieni filgħaxija l-Banda ngħatat merħba sabiħa f'raħalna mill-poplu Mqabbi u eżattament wara fetħet il-festa ta' Santa Marija flimkien mal-Banda Re Ġorġ V permezz ta' marċ trijonfali minn tarf ir-raħal sal-knisja fejn iż-żewġ baned flimkien laqgħu l-istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Wara l-ħruġ ta' l-istatwa, iż-żewġ baned komplew bil-marċ sa ħdejn il-Każin fejn ingħaqdu għal darb'oħra f'*Massed Band*, biex daqqew flimkien l-Innu 'Marija Assunta'. Dan kien simbolu li kkonferma l-għaqda li nibtet bejn iż-żewġ baned permezz ta' dan il-ġemellaġġ storiku. Wara, waqt li l-Banda Re Ġorġ V kompliet bil-marċ annwali ta' ħruġ il-Vara fuq iz-zuntier, il-kontinġent Taljan kien mistieden ġewwa l-Każin għal riċeviment żgħir ta' merħba.

L-għada, il-jum ta' l-10 ta' Awissu filgħodu, il-Banda reġgħet żaret ir-raħal tagħna fejn għamlet marċ madwar it-toroq tar-raħal sa fejn il-bini tal-Kunsill fejn kienet mistiedna tas-Sindku u Kunsill ta' l-Imqabba. Għal din il-laqgħa wkoll attenda Profs. Henry Frendo, dak iż-żmien President tal-Kulleġġ Malti tas-Sindki u Sindku ta' H'Attard. Wara li l-mistednin iffirmaw il-ktieb tal-viżitaturi, saru diskorsi ta' l-okkażjoni. Is-sur Emmanuel Buttigieg, Sindku ta' l-Imqabba, tenna li kien iħossu ferm onorat li kien preżenti matul iż-żewġ avvenimenti prinċipali ta' dan il-ġemellaġġ. Wara għadda biex spjega ftit dwar raħalna u l-attivitajiet prinċipali tiegħu u spiċċa biex awgura żjara memorabbli lill-mistiedna tagħna. Profs. Henry Frendo f'kelmtejn qal li inizjattiva bħal din hija ta' unur kbir għal min jeħodha u hi mezz importanti li jgħaqqad popli u kulturi diversi. Sig. Francesco Mancini, Sindku ta' Santa Vittoria, qal li kien iħossu onoratissimu li jifforma parti mill-komunità involuta f'dan il-ġemellaġġ. Irringrazzja lill-Provinċja ta' Ascoli Piceno għall-għajnuna li offriet sabiex dan il-ġemellaġġ seta' jkun possibbli. Spiċċa billi tenna li kien ferħan ħafna li qed jirreċiproka ż-żjara li aħna konna għamilna ġewwa l-Italja sena qabel. Dott. Pietro Colonella, President tal-Provinċja ta' Ascoli Piceno, f'diskors qasir imbagħad qal li Malta hija gżira b'kultura u tradizzjoni kbira li wirtet mingħand l-akbar ċiviltajiet Ewropej. Mill-Feniċi għan-Normanni, ir-Rumani, il-Griegi sa l-Ingliżi. Dott. Colonella reġa' mbagħad stieden lill-poplu ta' l-Imqabba sabiex iżur l-Italja. L-aħħar kelmtejn kienu ta' Sig. Domenico Ciaffaroni, President tal-*Comunità Montana dei Sibillini*, li qal li għalih dan kien avveniment kbir u storiku fejn żewġ kulturi differenti, dik ta' mal-baħar (Malta) li l-oħra minn qalb il-Muntanji (Ascoli Piceno, Italja) iltaqgħu u ngħaqdu permezz tal-mużika. Iż-żjara ntemmet billi nbidlu rigali ta' tifkira bejn il-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba u l-mistednin mill-Provinċja ta' Ascoli Piceno. Wara din iż-żjara, il-kontinġent kollu flimkien mas-Sindku ta' l-Imqabba u Profs. Henry Frendo kienu l-mistiedna tas-Soċjetà tagħna għal pranzu li sar ġewwa ristorant fix-Xemxija. Aktar tard filgħaxija l-



*Mro Francesco Mancini jirċievi t-titlu ta' Kavallier ta' l-Ordni mingħand Carmel Zahra President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.*

GRS
LIMITED

Hal-Far Road,
B'Buga BBG 07
Tel. (+356) 658152
Fax (+356) 658151

*Specializing in all kinds of Road Surfacing, Servicing Works and Road Construction Works*

CF

Hal-Far Road, B'Buga BBG 07
Tel. (+356) 658153/658154
Fax (+356) 658151

**Building & Civil Engineering Contractors specializing in Excavation, Trenching and all kinds of Construction Works**

• Ready Mixed Concrete •
• Bricks • Kerbs •
• Paving Blocks •
• Prestressed Slabs •

SCHEMBRI
& SONS LTD.

Hal-Far Road, B'Buga BBG 07
Tel. (+356) 658155/658156
Fax (+356) 658151

kontingent kollu kien preżenti fost il-mistednin distinti li segwew il-programm strumentali tal-Banda Re Ġorġ V.



*Il-President ta' Malta l-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici jsellem lill-Banda Taljana mill-gallerija tal-Palazz — 13.08.97*

Il-ġurnata tal-11 ta' Awissu sebħet fuq nota ftit jew wisq negattiva minħabba l-fatt li kellna nakkumpanjaw bla mistenni lejn l-ajruport lill-Viċi Sindku ta' Santa Vittoria Sig. Roberto Tanucci u lill-familja, li kellhom iħallu Malta urġentament minħabba mewt fil-familja li kienet ġrat matul il-lejl ta' qabel. Il-familja Tanucci qabel telqu rringrazzjawna ta' l-ospitalità li offrejna u wrew ruħhom dispjaċuti ferm li kellhom iħallu Malta. Sa dakinhar kienu bdew jidraw it-temp ta' Malta (il-klima ta' madwar ir-raħal ta' Santa Vittoria hija normalment friska. Il-ħbieb ma tantx huma mdorrija fi klima bħal tagħna), u kienu qegħdin jieħdu pjaċir ħafna jiskopru lil Malta, għalihom pajjiż ġdid. Wegħduna li fil-futur bla dubju kienu ser jerġgħu jżuruna. Intant, wara dan l-episodju, iż-żjara tal-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenanao* kompliet b'viżta gwidata ġewwa l-Imdina u r-Rabat. Filgħaxija, imbagħad il-*Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano* kienet il-protagonista għall-ġurnata ta' l-Ewwel Tridu tal-festa permezz ta' Kunċert Strumentali oriġinali li sar ġewwa l-pjazza ta' quddiem il-każin. Donnu li din il-ġurnata kellha tkun immarkata b'daqsxejn ta' diżappunt għax ftit ħin qabel ma beda l-Kunċert irċevejna telefonata mill-Ambaxxata Taljana minn fejn ġejna mgħarrfa li l-Ambaxxatur Taljan għal Malta Dott. Mario Colombo kontra qalbu ma setax jattendi minħabba inċident li kien għadu kif ġara meta turist Taljan kien safa mejjet mgħarraq hawn Malta. Madankollu, mill-mod kif imxew l-affarijiet wara, dan l-aħħar diżappunt malajr intesa. Il-Corpo Bandistico di Santa Vittoria quddiem pubbliku kemmxejn numeruż irregalalna serata eċċezzjonali b'kunċert li kellu introduzzjoni ferm oriġinali akkumpanjata fl-isfond mill-mużika tal-Banda. Waqt il-kunċert ġie ppreżentat programm ta' mużika varjata. Apparti li l-Banda ddistingwiet ruħha kollettivament, spikkaw ukoll xi mużiċisti individwali li taw interpretazzjonijiet denji ta' mużiċisti professjonali. Kulħadd baqa' impressjonat bil-kapaċità ta' David Montecchia fuq il-klarinett, Adelaide Ricci fuq l-oboe, Mro Mancini fuq il-*Piano Accordian*, u Alfredo Squanquarilli fuq il-kitarra klassika. Iddiriega s-Surmast Francesco Mancini li għalkemm huwa bniedem bi statura kemmxejn qasira wera kemm hu kapaċi jżomm dixxiplina fid-direzzjoni tal-Banda. Matul il-kunċert, idderiġew ukoll l-Assistenti tiegħu Roberto Brucchi u Loredana Toto. Ma setax jonqos li għall-okkażjoni jiġu mibdula rigali ta' tifkira. L-ewwel ma ġie ppreżentat kien Standard ġdid Taljan li ntuża waqt is-servizzi tal-Banda Taljana ġewwa Malta. Dan l-istandard issa huwa miżmum bħala tifkira fil-Każin tagħna flimkien ma' l-istandard



*Ritratt tal-Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano ġewwa l-bitħa tal-Palazz il-Belt.*




# BIBAS

## STORES

For Modern & Exclusive Textiles
Curtain & Upholstery
Wedding & Occasional Wear
The Latest Fashion in Footwear

Also a Large Selection of
Ladies', Gents' & Children's Wear

**Hompesch Road, Fgura**
**Tel: 691269 Fax: 802727**

uffiċjali li l-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria* ġabet magħha f'Malta li ġie rregalat lilna biex jinżamm bħala tifkira ta' dan l-avveniment. Min-naħa tagħha, is-Soċjetà tagħna ppreżentat rigali ta' tifkira lir-rappreżentanti Taljani li rreċiprokaw billi taw rigali lis-Soċjetà, lis-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, u lill-Kappillan tar-raħal tagħna. Aktar tard matul is-serata, Mro Francesco Mancini, Surmast tal-Banda u Sindku ta' Santa Vittoria, ġie onorat bit-titlu ta' Kavallier u aċċetta li jgħaddi t-titlu ta' Kavallier lil Dino Venturini, *Maresciallo* tal-*Carabinieri* ġewwa Santa Vittoria li kontra qalbu ma rnexxilux ikun preżenti ġewwa Malta minħabba l-qadi ta' dmirijietu ġewwa l-Italja. F'diskorsi qosra li saru, Dott. Pietro Colonella qal li dan il-ġemellaġġ qiegħed jgħin mhux ftit sabiex il-provinċja ta' Ascoli tersaq aktar qrib lejn Malta. Huwa ħeġġeġ għal aktar skambi u rapporti bejn iż-żewġ naħat. Spiċċa billi stieden lill-Banda Re Ġorġ V terġa' żżur l-Italja. Sig. Domenico Ciaffaroni, wara li rċieva tifkira żgħira ta' l-okkażjoni, irringrazzja lill-poplu ta' l-Imqabba għall-ospitalità. Qal li ħassu daqs kieku jagħmel parti mill-komunità Mqabbija. Din il-lejla memorabbli kienet segwita b'riċeviment ġewwa s-sala prinċipali tal-Każin u spiċċat b'mod ferm allegruż bit-Taljani jiċċelebraw flimkien mal-partitarji tagħna quddiem il-Każin.

Il-ġurnata tat-12 ta' Awissu, il-kontinġent Taljan għaddiha ġewwa l-gżira ta' Għawdex. Filgħodu saru laqgħat mas-Segretarju Parlamentari għal Għawdex, Dr Anton Refalo u mas-Sindku tal-belt Victoria, is-Sur Paul Galea. Wara, il-grupp ġie mdawwar madwar iċ-Cittadella. Wara nofsinhar il-grupp ittieħed ġewwa Marsalforn biex igawdi l-baħar. Kienet daqsxejn ħasra li l-iskop kien interrott xi ftit minħabba li t-temp issaħħab u niżlet anke xi ftit xita. Filgħaxija mbagħad, il-kontinġent Taljan kien il-misteiden ta' l-unur għand is-Soċjetà Filarmonika Leone tar-Rabat, Għawdex. Aktar tard filgħaxija, il-Banda Taljana tat kunċert ġewwa Pjazza San Franġisk. Preżenti kien hemm iż-żewġ Sindki ta' l-Imqabba u r-Rabat Għawdex flimkien ma' rappreżentanza mill-Kumitati tas-Soċjetajiet Leone tar-Rabat Għawdex u Santa Marija ta' l-Imqabba. Wara l-kunċert, il-Banda ta' Santa Vittoria għamlet marċ madwar ir-Rabat, Għawdex flimkien mal-Banda Leone għall-festa ta' Santa Marija tar-Rabat, Għawdex. Hawnhekk, il-Corpo Bandistico di Santa Vittoria reġa' ħalla impressjoni tajba tant li element mill-banda ġie mistieden jerġa jżur Għawdex għal nhar Santa Marija biex jieħu sehem fil-pontifikal ta' nhar il-festa ġewwa l-Katidral, liema stedina ma setgħetx tiġi milqugħa kemm minħabba impenji li l-Banda kellha ġewwa raħalna u kemm minħabba li l-mużiċisti Taljani kienu qegħdin jieħdu interess jiskopru dejjem iżjed lil Malta. Mill-banda l-oħra huma ma ġewx hawn Malta bi skop ta' xogħol biss!!

Nhar it-13 ta' Awissu, il-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria* kellha impenn uffiċjali ġewwa l-Belt Valletta. Wara marċ tul Triq ir-Repubblika li ġibed l-ammirazzjoni tal-folla ta' nies li nġabret, il-Banda waqfet quddiem il-Palazz tal-President fejn rappreżentanza uffiċjali mill-kontinġent kienet mistiedna għal laqgħa mal-President ta' Malta, l-E.T. Ugo Mifsud Bonnici. Wara li l-Banda daqqet l-Innu Malti hekk kif il-President ta' Malta ħareġ fil-gallarija, saret laqgħa kordjali bejn il-President u d-delegazzjoni mill-Provinċja ta' Ascoli Piceno. Matul il-laqgħa, iż-żewġ naħat tkellmu rigward l-arti, l-industrija u l-kultura taż-żewġ pajjiżi. Il-Banda Taljana rċeviet anke kumplimenti mingħand l-E.T. President ta' Malta li impressjona ruħu meta ra l-Banda tiġi diretta minn mara, Loredana Toto, li dderiġiet l-Innu Malti fl-assenza ta' Sig. Francesco Mancini li kien qiegħed jagħmel parti mid-delegazzjoni uffiċjali bħala Sindku ta' Santa Vittoria. Għal-laqgħa attendew ukoll is-Sindki ta' l-Imqabba u l-Belt Valletta, is-Sinjuri Emmanuel Buttigieg u Hector Bruno flimkien ma' rappreżentanza mill-kumitat tas-Soċjetà. Wara l-laqgħa, il-kontinġent ġie mdawwar madwar il-palazz u postijiet



*Laqgħa kordjali ma' l-E.T. President ta' Malta ġewwa l-Palazz il-Belt, Valletta.*

# CHINA PALACE

## CHINESE RESTAURANT

### *ORIGINAL CANTONESE CUISINE*

Triq il-Ħġejjeġ,
Buġibba SPB 03 - Malta

Phone: 571268

Mobiles
099 9322, 099 9338



ohra ta' interess madwar il-Belt Valletta. Wara ikla tipikament Maltija ġewwa r-Rabat Malta u nofs ta' nhar ta' mistrieħ dovut, filgħaxija l-mistednin Taljani kienu preżenti ġewwa raħalna għall-festa, eżattament għall-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu li fil-briju tiegħu, parti kbira mit-Taljani spontanjament ħadu sehem attiv.



*Laqgħa kordjali ma' l-E.T. President ta' Malta fil-Palazz il-Belt Valletta.*

Matul il-jum ta' l-14 ta' Awissu, il-kontinġent Taljan kellu dawra madwar il-portijiet ta' Malta li kienet segwita, wara talba tat-Taljani, bi żjara oħra, din id-darba mhux uffiċjali, ġewwa l-Belt Valletta. Filgħaxija mbagħad, it-Taljani kienu preżenti għall-ispettaklu ta' lejlet il-festa ġewwa l-Imqabba. Kollha baqgħu impressjonati speċjalment bl-ispettaklu kbir li offriet l-Għaqda tan-Nar. Ma naqsux ukoll li jieħdu l-okkażjoni u jagħmlu aktar ħbieb mal-poplu ta' l-Imqabba.

Matul il-jum tal-15 ta' Awissu, l-aħħar jum taż-żjara, il-mistiedna Taljani ttieħdu jżuru t-tempji ta' Ħaġar Qim kif ukoll il-*Blue Grotto* ġewwa Wied iż-Żurrieq. Hawnhekk kulħadd baqa' impressjonat bis-sbuħija naturali ta' dan il-post wara dawra fil-madwar permezz tal-luzzu. Filgħaxija, imbagħad, il-banda tat l-aħħar servizz tagħha ġewwa Malta meta akkumpanjat il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija bid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Aktar tard, element mill-Banda ta s-sehem tiegħu flimkien ma' bandisti tal-Banda Re Ġorġ V fil-marċ ta' l-aħħar. Ta' min jgħid hawnhekk li t-Taljani minflok irritornaw fil-lukandi, ippreferew iqattgħu l-aħħar ħinijiet tagħhom ġewwa Malta fostna, jiċċelebraw u jifirħu flimkien magħna ġewwa l-pjazza ta' quddiem il-Każin. Is-sodisfazzjon kien jidher fuq wiċċ kulħadd. Kienet xena tassew sabiħa tara lil kulħadd jifraħ f'familja waħda bħal ħbieb li ilhom jafu lil xulxin snin twal.

Imma kif jgħidu, kull bidu għandu t-tmiem. Il-ħin tas-2.00am tas-16 ta' Awissu malajr wasal u għalkemm kontra qalbu, kulħadd kellu jaħseb sabiex jirkeb il-*coach* biex jerħilha lejn l-ajruport. Għadd kbir ta' partitarji akkumpanjaw lill-kontinġent sa l-ajruport minn fejn, wara li kulħadd sellem lil xulxin, għall-ħin ta' l-04.30am telqet it-titjira *Chartered Air Malta KM2676* li ħadet lura lill-kontinġent lejn l-Italja. B'hekk għalaq dan l-avveniment storiku, mhux biss għas-Soċjetà tagħna, iżda nistgħu ngħidu għal raħalna. Illum meta nħares lura u noqgħod niftakar ftit, inħossi sodisfatt immens li kelli x-xorti kbira nkun involut f'dan il-ġemellaġġ storiku. Inħossni onorat li b'ħidmieti rnexxieli niftaħ orizzonti ġodda għall-poplu ta' raħal twelidi. Illum il-ġurnata nieħu gost ħafna meta niltaqa' man-nies li jsemmuli u jfakkruni fl-esperjenza li għaddew minnha waqt iż-żewġ avvenimenti uffiċjali tal-ġemellaġġ. Nieħu gost ukoll meta ħafna jinfurmawni meta jirċievu korrispondenza mill-Italja u jwassluli tislijiet li l-ħbieb tiegħi mill-Italja jibagħtuli. Inħossni ferm kuntent ukoll waqt kuntatti li għadu jkolli mal-persuni li flimkien magħhom ippreparajt u organizzajt l-avvenimenti uffiċjali tal-ġemellaġġ. U bir-raġun meta tismagħhom jgħidulek illi llum, kważi sena wara, il-ħbieb tagħna ta' Santa Vittoria għadhom jitkellmu dwar din l-esperjenza, għandhom nostalġija sabiħa wara ż-żjara tagħhom ġewwa Malta, u huma anzjużi sabiex jerġgħu jiltaqgħu magħna. Meta nara hekk, ninduna li dan il-ġemellaġġ irnexxa, għax inbniet ċertu rabta bejn il-popolazzjoni ta' l-Imqabba u dik ta' Santa Vittoria. Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazza lil kull min għeni biex dan l-avveniment kellu s-suċċess mixtieq. Nirringrazzja lil dawk kollha li pparteċipaw fiż-żjara tagħna ġewwa l-Italja, lill-Banda tagħna (Surmastrijiet A. Camilleri u D. Agius flimkien mal-bandisti) li ħadmu sabiex

Price Club

DISCOUNT STORES

**Għażla, Servizz, u fuq kollox, Garanzija ta' l-Orħos Prezzijiet**

B'kara Bypass, Swatar BKR 14
Tel: **339434 - 339436**

Burmarrad Road, Burmarrad SPB 08
Tel: **582260 - 582298**

Sir Paul Boffa Avenue, Paola PLA 19
Tel:**677388 - 662994**

**Ascoli**

*agosto 1997* **Il Resto del Carlino** AP/2

TECNOSERVICE

DELEGAZIONE PICENA A MALTA: CONCERTI, SCAMBI CULTURALI ED ECONOMICI

# *Gemellaggio, ora siamo più europei*

L'intesa ratificata nel palazzo municipale di Mqabba. Il ricordo di Rozzi, la cucina tipica

Servizio di
**Fabio Paci**

SANTA VITTORIA IN MATENANO —



## Colonnella: il Giubileo ci porterà tanti maltesi

I COMPLIMENTI DI BONNICI DOPO AVER ESEGUITO L'INNO MALTESE. IL GIORNO DI GLORIA DI LOREDANA TOTO'

# Le due Bande unite dalla musica

SANTA VITTORIA —



*Rapporti li dehru fil-ġurnali Taljani dwar il-Ġemellaġġ.*

il-Banda ħarġet bl-unuri kollha kemm fl-Italja kif ukoll f'Malta quddiem il-preżenza tal-mistiedna tagħna mill-Italja. Lill-Kumitat tas-Soċjetà għall-għajnuna, l-appoġġ u fuq kollox il-fiduċja li wera fil-konfront tiegħi meta fdali din il-biċċa xogħol hekk kbira f'idejja. Lis-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Emmanuel Buttigieg għall-appoġġ kontinwu tiegħu. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, lill-kumpanija tal-*coaches*, lill-lukandi u ristoranti u lill-gwidi kollha li taw servizz eċċellenti sabiex il-kontinġent Taljan seta' jkollu żjara memorabbli ġewwa Malta. Kieku ma kienx għall-kontribut siewi tagħhom kollha, żgur li ma konniex nistgħu nagħmlu dan l-unur lil Malta, li fuq kollox kien wieħed mill-iskopijiet ewlenin wara dan il-ġemellaġġ. Nies li ma kellhom l-ebda idea ta' pajjiżna illum marru ġewwa arthom jgħidu affarijiet sbieħ fuq Malta u bi ħsieb iberren f'moħħhom li fil-futur jerġgħu jżuru lil pajjiżna.


# JOE BARTOLO

*Supplier & Repairer of Snooker & Pool tables*
*including accessories maintenance & servicing*

**21/22 East Street, Valletta**
**Tel: 220825 Mobile: 097 5092**




Ta' Ċelest

CHARLES MOTOR SERVICE

Qrendi Road, Mqabba ZRQ 07
Tel: 682200 Mobile: 099 0184

monopole® ltd. Bisazza Street, Sliema Tel: 313909

Perfumes
Cosmetics
Wigs
Toiltries
Travel Goods
Leather Gifts



*all under one roof*

# Rapport mill-Kummissjoni Armar

Ix-xahar ta' Awissu wasal, u miegħu jġib ferħ fost il-partitarji tagħna, però miegħu jġib ukoll ħafna xogħol. Fil-fatt appena jispiċċa x-xahar ta' Ġunju, diġà jkunu bdew il-preparamenti biex jibda' jintrama' r-raħal għall-festa titulari ta' Santa Marija. Qabel wieħed jibda biex jiżvela x'għandna mħejji għal din is-sena, ma nistgħux ma nsemmux ix-xogħol li żżanżan is-sena l-oħra.

Ħafna huma dawk li jiftakru sew id-dehra artistika li ngħatat lill-pjazza prinċipali tar-raħal b'erba'pilandri maestużi, xogħol li sar kollu mill-Għaqda ta' l-Armar. Iżżanżan ukoll sett ta' pavaljuni ġodda għat-toroq Santa Marija, San Innocenzju u Kileb. Hawn ta' min wieħed jirringrazzja mill-ġdid lill-Fergħa tan-Nisa li ħadet ħsieb il-ħjata kollha. Saret ukoll pittura fuq il-pavaljuni ta' Triq Santa Katarina. Wara dik il-ħarsa fuq fuq li tajna dwar ix-xogħol li sar is-sena l-oħra, nagħtu ħarsa lejn x'għandna ppreparat għal din is-sena.

Fuq inizjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ, ser tissebbaħ kif inhu xieraq għall-erba' mitt sena parroċċa, triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Fil-fatt iż-żgħażagħ ħadu ħsieb li jsiru festuni, liedna u arbli ġodda. ser tiżżanżan ukoll pittura fuq il-pavaljuni ta' Triq Santa Katarina u ser jinbidel ukoll xi ħadid li kien jintuża għall-pilandri ta Triq Karmnu Ciantar, il-pavaljuni ta' Santa Katarina u għall-pedestalli ta' l-appostli. Wieħed ta' min isemmi li ser tiżżanżan bandiera artistika ġdida li ġiet meħjuta mill-fergħa tan-Nisa, bl-għajnuna taż-żgħażagħ ta' l-Għaqda ta' l-Armar li ħa ħsieb it-tifsil, tqegħid u tixlil tad-drapp. Saret ukoll induratura fuq il-balal tal-pavaljuni.



*Waħda mill-erba' pilandri li żżanżnu s-sena l-oħra. Xogħol kollu maħdum mill-Għaqda ta' l-Armar.*

Barra li żżanżan armar ġdid, wieħed irid jieħu ħsieb ukoll dak eżistenti. Fil-fatt wara li s-sena l-oħra ġew restawrati xi persunaġġi li jintramaw mal-pedestall ta' l-Inkurunazzjoni kif ukoll xi partijiet oħrajn tal-pedestall, din is-sena ġew restawrati xi appostli u l-pedestalli tagħhom. Minħabba t-temp li dan l-aħħar ma tantx qiegħed jiffavorina ġew restawrati wkoll xi ħsarat li saru fuq il-bandalori tal-pjazza u ta' Triq Karmnu Ciantar.

Nagħlqu dan il-kontribut tagħna billi nerġgħu nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu kemm fix-xogħol manwali, kif ukoll fil-finanzjamenti ta' dawn l-opri. ***Nawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.***

**Id-Droga tħerrilek moħħok u teqridlek ħajtek, Il-Mużika tiftaħlek moħħok u tagħtik skop f'ħajtek.**

# STARTING POINT

A wide variety of domestic appliances including:



* Food processors, coffee and tea makers
* Kettles, toasters and irons
* Washing machines (automatic and twin-tub)
* Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
* Refrigerators and freezers
* Televisions and video recorders/ playbacks
* Hi-fi equipment and satellite receivers
* Vacuum cleaners
* Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
* Pots, pans and cutlery sets
* Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

*St. Thomas Street, Luqa LQA 05. Tel/Fax: 803017*



# MODERN BAZAAR

**TRIQ IL-MURSELLI - MQABBA**
**TEL: 683376**

SOFT TOYS - TOYS - FOOTWEAR
FASHION CLOTHES - UNDERWEAR
SOUVENIRS - STATIONERY
HABERDASHERY - TOILETRIES

***PREZZIJIET RAĠONEVOLI***

# Sena oħra Impenjattiva fis-Soċjetà

Jirrapporta d-Direttur tal-Każin
Victor Galea

Nixtieq niftaħ dan l-ewwel messaġġ tiegħi b'ringrazzjament, l-ewwelnett lill-kumitat Eżekuttiv li wera fiduċja fija u ħatarni f'din il-kariga, kif ukoll lill-Ex Direttur is-Sur Andrew Zammit tax-xogħol siewi li dejjem għamel fis-Soċjetà tagħna. Hawnhekk nixtieq insellem ukoll lil dawk kollha li matul din is-sena ġew joqogħdu fir-raħal tagħna b'mod speċjali lil dawk li għoġobhom jidħlu membri ġodda fis-Soċjetà tagħna.



Għal din is-sena, fl-okkażjoni ta' l-erba' mitt sena Parroċċa taħt il-patroċinju ta' Santa Marija ħassejna li jkun xieraq li tiżżanżan bandiera bi xbieha ta' Marija Assunta. Din il-bandiera saret fuq disinn ta' Saviour Camilleri, filwaqt li l-ħjata ħadu ħsiebha s-Sinjuri Gulia Farrugia u Ġuża Psaila. Din is-sena ser inżanżnu wkoll sett ta' tliet bnadar (ta' Malta, tal-Papa u tar-reliġjon) għall-arbli żgħar tal-Każin.

Tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fil-Każin fejn din is-sena tbajdet is-sala tal-*billiard*, is-sala tal-Banda eċċ. kif ukoll inżebaħ l-armar tad-dawl tal-faċċata tal-Każin. Is-Sur Nikol u Mario Ghigo ħadu ħsieb li jsir stellarju ġdid għall-istatwa ta' Santa Marija li għandna ssebbaħ il-faċċata tal-każin tagħna.

Il-Kumitat tan-Nisa matul is-sena kompla bl-attivitajiet biex jintlaħaq l-iskop ewlieni tagħhom li ssir pittura oħra fis-sala prinċipali tal-Każin. Din il-pittura ġiet fdata f'idejn Chev. Paul Camilleri Cauchi.

Wara li s-sena l-oħra tlesta x-xogħol tad-dawl fis-sala ta' fuq l-imħażen, aktar kmieni din is-sena sar il-kontrabejt. Sar ukoll xogħol ta' invjar, tikħil u żebgħa kemm fis-sala kif ukoll fl-appoġġi. Kien hawnhekk li nħasset il-ħtieġa li jittella' arblu fuq is-sala biex kif inhu xieraq inkomplu nsebbħu r-raħal tagħna fil-jiem tal-Festa. Nieħu din l-opportunità biex inħeġġeġ lill-partitarji kollha biex fil-granet tal-festa jtellgħu bnadar, festuni u tubi ħomor. Bħalma wieħed jista' jikkonkludi, matul is-sena saru ħafna attivitajiet fil-Każin, kemm sportivi, filantropiċi u kulturali bħal kompetizzjonijiet tal-*billiard*, għoti ta' demm, għoti ta' kotba għal-Librerija fl-iskola primarja ta' l-Imqabba eċċ. Din turi rieda soda min-naħa tal-kumitati kollha tas-Soċjetà tagħna.

***Nixtieq minn qalbi l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.***


**Noel's Confectionery**

*Accepts orders for weddings, baptisms, parties, etc*

Vjal l-Indipendenza, Żurrieq. Tel: 680458

Aħsbu kmieni għal kull ordni sabiex ma toħorġux diżappuntati

THE IRISH PUB & RESTAURANT

# O'Connor's

A TASTE OF IRELAND

# L-Altari Laterali

## *fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba*

minn Tony Terribile

Ħsibt li jkun xieraq li f'għeluq l-erba' mitt sena mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' l-Imqabba nwaddbu l-ħarsa tagħna fuq l-altari laterali tal-knisja parrokkjali, għax ma' dawn ukoll insibu storja interessanti.

Din is-sena se naraw ġrajjiet l-erba' altari li nsibu fil-kappelluni, jiġifieri tal-Madonna tar-Rużarju, ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, tal-Kunċizzjoni u tal-Kurċifiss. Nibdew mill-altar tal-Madonna tar-Rużarju.

Dan l-altar hu qadim ħafna f'din il-knisja. Skond il-vista pastorali ta' l-Isqof Gargallo (1588-1602), il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju twaqqfet f'din il-Parroċċa fid-29 ta' Frar tas-sena 1596 iżda għal xi raġuni, il-Ġeneral tad-Dumnikani kien ħareġ digriet ieħor fid-9 ta' Awissu 1628 iżda mill-1596 sa l-1628 il-fratellanza baqgħet attiva f'din il-Parroċċa.

Deskrizzjoni tajba ta' dan l-altar tahielna l-Isqof Alpheran de Bussan li żar din il-knisja fl-1745. Hu beda biex jgħid li dan l-altar kien komplut b'kollox u fuqu kellu kwadru mpitter li kien imdawwar bi gwarniċa indurata. Dan kien jinsab bejn erba' kolonni tal-ġebel. Il-kwadru kien maqsum f'żewġ taqsimiet. Fil-parti ta' fuq kienet impittra l-Madonna bil-Bambin flimkien ma' San Duminku li dan kien jidher għarkobbtejh u miegħu kellu lil Santa Katerina ta' Siena, lil Santa Roża minn Lima u lill-profeta David. Fid-dawra ta' fuq ta' dan il-kwadru kienu mpittra l-ħmistax-il misteru tar-Rużarju filwaqt li fuq nett, bħala parti mill-prospettiva, kien hemm pittura ovali tal-Missier Etern.

Quddiem dan l-altar kien mixgħul il-lampier u b'għożża kbira fuq dan l-altar kien meqjum kwadru tal-Madonna tad-Dawl. Din ix-xbieha, li tant kienet devota, kienet imdawra bi gwarniċ indurat. Il-festa tagħha kienet issir bil-vespri u bil-quddiesa kantata fil-festa tal-Patroċinju tal-Madonna.

Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienet tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni Għasar, bil-quddiesa kantata u bil-purċissjoni fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru u fl-ewwel Ħadd ta' Mejju u l-prokuratur tal-fratellanza kien jieħu ħsieb dawn il-festi. Il-fratelli, bil-konfratija bajda, kienu jieħdu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Barra minn dan kienu jiltaqgħu kull l-ewwel Ħadd tax-xahar għall-quddiesa u darba f'sena kienu jiċċelebraw quddiesa għall-erwieħ mejtin tal-fratellanza.

Wara, l-Isqof Alpheran jagħti lista ta' obbligi ta' quddies li kienu jiġu ċċelebrati fuq dan l-altar. Fost dawn insibu li kull nhar ta' Sibt quddiem dan l-altar kienet titkanta litanija tal-Madonna. L-Isqof isemmi wkoll li n-Novena tal-Milied kienet ukoll tiġi ċċelebrata fuq dan l-altar tal-Madonna tar-Rużarju.

### *L-altar tal-Kurċifiss*

Fl-1686 fil-Parroċċa ta' l-Imqabba twaqqfet is-Sodalistà ta' l-Agunija li l-imseħbin tagħha bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom fuq l-altar tal-Lunzjata. Din is-sodalità tant kibret li maż-żmien dan l-altar sar tagħha u ġie ddedikat lil Ġesù Kurċifiss. Dan kien sar qabel l-1745 għaliex meta f'dik is-sena l-Isqof Alpheran żar din il-knisja, dan l-altar kien diġà ddedikat lill-Kurċifiss iżda b'tifkira tal-Lunzjata, li lilha kien iddedikat dan l-altar, fil-prospettiva ġie ingastat kwadru żgħir tal-Lunzjata.



*L-altar tal-kurċifiss*

L-Isqof Alpheran qal li l-pittura tal-Kurċifiss kienet imdawra bi gwarniċa tal-ġebel u fuq kull naħa tagħha kien hemm żewġ kolonni tal-ġebel. Fuq dan l-altar kienu jiġu ċċelebrati żewġ festi, waħda fit-3 ta' Mejju u

# LINDA STORE

**46, Republic Street, Żurrieq**
**Tel: 647215**

*Household goods, Small Furniture Chandeliers, Colour T.V., Video Recorders*

# COMBINED TRADES CENTRE

SALJATURA STREET, MQABBA
(wara Celest il-Mechanic)
Fejn issibu: varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Tapes & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħaffir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00p.m.
Is-Sibt mit-8.00a.m. - 12.30p.m.



# TOAD

**CAR ALARMS**
***the vehicle security experts***

Professional car security with a full ***5 YEAR WARRANTY*** from U.K.

sole distributed by: 'The Village' - Siġġiewi
Tel: 460334/099 0640   Fax: 463447

oħra fl-14 ta' Settembru. L-Isqof tkellem ukoll dwar is-Sodalità ta' l-Agunija u qal li meta wieħed mill-imseħbin ikun qiegħed imut, jiġi espost Ġesù Sagramentat, u jsir it-talb. Is-Sodalità kellha mbagħad id-dmir li meta msieħeb imut, tiċċelebra quddiesa għal ruħu. Barra dan kull nhar ta' Ġimgħa, is-Sodalità kienet tiċċelebra quddiesa b'suffraġju tal-mejtin tagħha.


*L-altar ta' l-Inkurunazzjoni*

### *L-altar tal-Kunċizzjoni*

L-altar tal-Kunċizzjoni jaf il-bidu tiegħu f'din il-knisja lil Mattew Magro. Dan ikkonfermah l-Isqof Cagliares fil-vista pastorali tiegħu ta' l-1615.

Maż-żmien din id-devozzjoni tant kienet kbira li meta nbniet il-knisja l-ġdida, wieħed mill-altari tagħha ġie ddedikat lill-Kunċizzjoni u fuqu saret pittura ġdida li fiha ġiet ukoll imdaħħla x-xbieha ta' Sant'Anna. Dan ikkonfermah l-Isqof Davide Cocco Palmieri fil-vista pastorali tiegħu ta' l-1685 sa l-1687.

Maż-żmien tant kibret din id-devozzjoni li fid-29 ta' Jannar 1772 l-Isqof Pellerano ta l-approvazzjoni tiegħu biex fuq dan l-altar titwaqqaf Sodalità f'ġieh Marija Immakulata.

L-Isqof Paolo Alpheran de Bussan li żar din il-knisja fl-1745, irrapporta li fuq dan l-altar kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Kunċizzjoni fit-8 ta' Diċembru. Ma' dan l-altar kienet ukoll marbuta devozzjoni lejn l-Erwieħ Imqaddsa tal-Purgatorju. Bħala prokuratur, Maurizio Zahra, kien jieħu ħsieb jiġbor l-elemozina għall-quddies li mbagħad kien isir b'suffraġju ta' l-erwieħ tal-purgatorju.

Skond l-istess isqof fuq dan l-altar kienet meqjuma niċċa ta' l-injam indurata u magħluqa bil-ħġieġ, li fiha kien hemm xbieha ta' Ġesù Bambin.


*L-altar tal-Kunċizzjoni*

Kienet xbieha meqjuma ħafna u għalhekk mad-dawra tagħha kien hemm bosta għotjiet mogħtija mid-devoti.

### *L-altar ta' l-Inkurunazzjoni*

Skond il-vista pastorali ta' l-Isqof Davide Cocco Palmieri (1693), l-altar ta' l-Inkurunazzjoni twaqqaf f'din il-knisja minn Dun Angelo Zammit. Fl-1686 iżda, dan il-kwadru kien diġà mdendel f'din il-knisja u dan ikkonfermah l-istess Isqof fil-vista tiegħu (1685-87).

Il-vista ta' l-Isqof Alpheran de Bussan (1745) tagħti aktar dettalji dwar dan l-altar. L-Isqof irrapporta kif dan il-kwadru kien imdawwar bi gwarniċa tal-ġebel indurat u fih kien hemm ukoll impittra l-erwieħ tal-Purgatorju.

Barra dan il-kwadru fuq dan l-altar, kienet ukoll meqjuma x-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu flimkien ma' Santu Rokku.

Il-lampier kien ukoll mixgħul quddiem dan l-altar.

Il-festa fuq dan l-altar kienet tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awissu bil-vespri u b'quddiesa letta, imbagħad fid-19 ta' Marzu kienet tiġi ċċelebrata bl-istess mod il-festa ta' San Ġużepp. Maċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa kien marbut legat imħolli minn Ġwann Andrea Zammit skond kif jidher fl-atti tan-Nutar G. Domenico Gatt tas-6 ta' April 1676.

Barra dan, kull nhar ta' Sibt fuq dan l-altar kienet tiġi ċċelebrata quddiesa b'legat imħolli minn Baskal Spiteri.

Din is-sena rajna ġrajjiet erba' altari laterali tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. Baqa' erba' oħra iżda ġrajjiethom narawhom sena oħra.

*Tas-Sliema,*
*11 ta' Ġunju 1998*

# AUTO TECH

## Auto Electrical Service

JOHN CUTAJAR

Valletta Road, Mqabba.
Tel: 640466 Mobile: 099 8465

# Alf. Gatt Auto Parts



Saltofix & Maxi Car Motor Panels
*Luqa Road, Qormi & Mdina Road, Qormi*
*Tel: 488653, 449821*

# James Green

## Funeral Service

*Irrikorru*
"Green House',
St. Catherine Street,
Qrendi

Tel: 647791
Mobile: 099 4880, 097 7959

# Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba

minn Joe Zammit Ciantar

Fl-esperjenza tiegħi fil-qasam tal-pubblikazzjoni ta' għadd ta' kotba, kemm tiegħi kif ukoll ta' awturi oħra, min jaf kemm iddiskutejt titli u dejjem sħaqt li l-isem għandu jkun qasir kemm jista' jkun. U allura wieħed jista' jifhem x'ħassejt meta P. Ghigo għaddieli l-ktieb ta' Carmen Lia B.Ed. (Hons.), B.A., bit-titlu twil *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba*, ippubblikat mill-istess Soċjetà, f'Malta, is-sena l-oħra. Għandi nifhem li l-awtriċi - u kull min seta' kellu sehem fid-deċiżjoni - naturalment riedu li t-titlu jfisser ħafna, kif fil-fatt ifisser.

Il-ktieb fih 'Preżentazzjoni' mis-Sur Carmelo Zahra, President tas-Soċjetà, u 'Introduzzjoni' mill-Ġiżwita Mqabbi, Patri Joseph Mary Ghigo, editur tar-rivista Injazjana ta' kull xahar, *Problemi ta' Llum*.

Skond it-titlu, mela, qabel xejn il-ktieb jittratta dwar 'ġrajjiet', jew aħjar dwar l-istorja magħmula minn ġabra ta' 'inċidenti' li flimkien isawru passat li seħħ. Lia tikteb dwar is-Soċjetà Santa Marija tar-raħal ta' l-Imqabba, soċjetà li tħaddan fiha l-Banda Re Ġorġ V. Imma l-awtriċi ma tiktibx biss dwar dawn iż-żewġ entitajiet f'soċjetà għaliha nfisha. Lia ġabret it-tagħrif kollu li setgħet kemm minn sorsi ta' l-istampa, kif ukoll mingħand qraba ta' nies li interessaw irwieħhom jagħtu sehem fit-twaqqif ta' dawk in-nuklej li sawru s-soċjetà u fl-istess ħin għenu fin-nisġa ta' l-istorja ta' l-istess raħal. Bid-dixxiplina fl-istudju li ħadet mill-Università ta' Malta, Lia fittxet li taħdem b'mod xjentifiku fuq mudell li ħafna mill-Parroċċi ta' Malta u Għawdex ifittxu li jagħmlu: jiġifieri dak ta' ktejjeb bl-istorja tar-raħal fejn jispikka *dejjem* is-sehem tal-Knisja. Għax l-awtriċi kienet ippreparata, allura setgħet tagħti u fil-fatt tat lill-parruċċani ktieb (u mhux ktejjeb) bl-istorja soċjali ta' raħal antik li jaf l-għeruq tiegħu fil-passat imbiegħed, u ta' parroċċa ħajja li matul din is-sena tiċċelebra r-raba' ċentinarju mit-twaqqif uffiċjali tagħha bħala Parroċċa, nhar il-15 ta' Settembru 1598, meta Mons. Isqof Tommaso Gargallo fired ir-raħal minn mal-Parroċċa ta' Bir Miftuħ.



*Il-President tas-Soċjetà uffiċjalment jippreżenta l-ktieb 'Ġrajjiet is-Soċjetà' lill-President ta' Malta Dr Ugo Mifsud Bonnici.*

Dan ix-xogħol jista' jitqies bħala librerija magħmula minn ritratti antiki ta' oġġetti reliġjużi, tal-knisja, ta' postijiet, u ta' nies, magħmula minn riproduzzjonijiet ta' siltiet minn gazzetti lokali, minn mapep, magħmula minn referenza għal dokumenti, manuskritti, u nies li għadhom ħajja, kollha relattivi għall-kummentarju storiku tal-'ġrajjiet'. Huwa librerija interessanti ħafna u għada pitgħada trid tintuża minn kull min għandu għal qalbu l-poplu tagħna. Jidher li kull min seta', għen kif seta' biex b'dak li kellu f'xi kexxun, jew imwaħħal ma' xi bieba ta' vetrina f'daru, silfu lill-awtriċi biex ġie rekordjat għal dejjem bħala xhieda oħra tal-ġrajjiet minsuġa u magħġuna fl-istorja tar-raħal 'tagħha' - ta' Carmen Lia.

Wieħed mill-fatti li jolqtu lill-qarrej hu bla dubju ta' xejn dak li l-ktieb ippubblikatu l-istess soċjetà filarmonika ta' Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V. Fl-għaqda hemm is-saħħa - l-għaqda u l-ftehim u l-koperazzjoni li għenu biex l-Imqabbin, u kull min jinteressah l-istudju tal-ħajja soċjali tagħhom, ikollhom din il-pubblikazzjoni.

Imma l-istorja li tirrakkonta Lia stess għandha bidu differenti. It-twelid ta' l-ewwel każini li kienu jġibu l-ismijiet Vittorja, San Ġużepp, u Santa Marija, jaf snin imqallba, jaf ġlied u għira, jaf għidut u insulti, jaf interessi li ġabu diżgwid u firda fost l-istess nies tar-raħal. Imma dan hu minn ewl id-dinja.


SUPER OFFERS
COLOUR TVs (28"/27"/21" hifi Stereo)
3 YEARS on TVs GUARANTEE
ULTRAVOX colour televisions
TELETEXT / REMOTE CONTROL / BILINGUAL / O.S.D. FOR AUDIO & VIDEO FUNCTIONS / SCART SOCKET / SLEEP TIMER / AUTO SWITCH OFF.
28" Mambra Price Lm199
27" Mambra Price Lm189
21" Mambra Price Lm135
(Portable)
14" Mambra Price From: Lm79
COLOUR TVs (Portable)
REMOTE CONTROL / O.S.D. FOR AUDIO & VIDEO FUNCTIONS / SCART SOCKET / SLEEP TIMER / AUTO SWITCH OFF.
HI-FI MIDI SYSTEMS (with CD)
MIDI SYSYTEMS Mambra Price From ONLY: Lm 85
WASHING MACHINES
AUTOMATIC Mambra Price From ONLY: Lm149
TWIN TUB Mambra Price From ONLY: Lm 69
Also top quality MICROWAVE OVENS, VACUUM CLEANERS, HIFI SYSTEMS, CAR STEREOS at unbeatable prices.
VIDEO CAMERAS
Mambra Price From: Lm199
VIDEO RECORDERS
2 Year Guarantee
HI-FI STEREO Mambra Price From ONLY: Lm145
MONO Mambra Price From ONLY: Lm 89
SONY PLAYSTATION
Complete System
Only Lm99
COMPUTER TV GAME
Games, Light Gun, Game Pads, etc.
From only Lm19.50
mambra electronics
The Best Products, Service & Prices in Malta.
PRICES INCLUDE DELIVERY INSTALLATION & GUARANTEE.
MAMBRA ELECTRONICS LTD. St. Thomas Street, LUQA. Tel: 686613 Fax: 662204
e-mail mambra@dreams vol net mt

Niftakar darba qrajt li t-tempji megalitiċi ta' l-Imnajdra u ta' Ħaġar Qim mibnija kif inhuma ħdejn xulxin mill-inqas madwar erbat elef sena ilu, jistgħu jkunu xhieda ta' pika bejn tribujiet li kienu jgħixu f'Malta tagħna f'dawk iż-żminijiet. Inkella kif nistgħu niġġustifikaw min jaf liema mpenn fil-bini ta' tempji hekk kbar, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn xulxin? Jekk il-bini taż-żewġ tempji kien riżultat ta' pika ta' l-inqas bejn żewġ tribujiet, allura aħna l-Maltin għandna għax inkunu grati għal dik il-pika. Ħaġar Qim huwa ġawhra ta' tempju, u daqshekk ieħor, jekk mhux aktar, huwa dak ta' l-Imnajdra speċjalment bit-tagħrif ta' kif seta' nbena (b'allineament ma' tlugħ ix-xemx) li kisbu minnu l-istudjużi. Il-pika hija ħażina meta tiżviluppa f'għira bla rażan u tispiċċa teqred lill-istess bniedem. L-għalliema jisfruttaw il-pika naturali fit-tfal li jgħallmu; din tista' tkun il-mutur ta' l-inizjattiva, u motivazzjoni għat-titjib. Il-pika u l-għira jagħmlu l-ġid; huma elementi li jħeġġu 'l bniedem biex jaħdem u jidħol għal xogħol bil-ħerqa. Niftakar lis-Sur Ġużè Pullicino jisħaq fil-*lectures* tiegħu fl-Università - fuq kemm ġid għamlet il-pika bejn nies ta' raħal u dawk ta' ieħor fit-twaqqif ta' wħud mill-baned tagħhom. Kien hemm żmien fejn bandisti magħrufa kienu jiġru u jduru minn raħal għal ieħor, jinkrew biex idoqqu għall-festa ta' fejn ma kienx hemm bandisti jew saħansitra banda tal-post.

Biex nerġgħu lura lejn il-ġrajjiet li tagħtina Carmen Lia; l-ewwel isem marbut mat-twelid ta' l-ewwel każin fl-Imqabba huwa dak ta' Mikiel Zammit (imlaqqam *Ta' Ġilermuwa*) li tradizzjonalment huwa miżmum bħala l-bniedem li waqqaf l-ewwel banda fl-Imqabba, fl-1887. Għalkemm dan il-każin kellu ħajja qasira, l-idea fl-Imqabba rabbiet l-għeruq u sa għaxar snin wara kienu nibtu l-każini *Vittoria*, u *San Giuseppe*. Għalkemm iċ-ċelebrazzjonijiet tat-tielet ċentinarju tal-Parroċċa fl-1898 għenu biex ġabu l-għaqda meħtieġa għall-okkażjoni, il-fatt li l-President tal-*Vittoria*, Dun Alfons Caruana kien daħal fil-politika, kien nebbet ċerta firda li l-effett tagħha baqa'. Fl-1905, meta miet Dun Alfons u ż-żewġ każini kienu sfaxxaw, twaqqaf il-Każin soċjali Santa Marija - bl-għajnuna ta' avukat li saħansitra kien ta dar ta' villeġġjatura tiegħu b'xejn biex isservi ta' każin fejn kienu jiltaqgħu "soċji Mqabbin mingħajr ebda distinzjoni ta' partiti u festi". Dan il-każin beda jieħu ħsieb l-organizzazzjoni taż-żewġ festi tar-raħal, jiġifieri ta' Santa Marija u tal-Madonna tal-Ġilju. Ħames snin wara reġgħu tfaċċaw interessi konfliġġenti, u l-pika ta' bejn l-istess soċji rewħet il-firda u, eventwalment, it-twelid ta' każin ieħor. Fl-istess żmien il-Każin ta' Santa Marija bidel ismu f'dak ta' *Giorgio V*, u dak ġdid li beda bl-isem *Pio X*, sar *Lily Band*. Ironikament iż-żewġ



każini bdew jissejħu Tal-Ħamra u Tal-Kaħla, il-kuluri li bihom jingħarfu wkoll iż-żewġ baned tal-Ħamrun, u ż-żewġ kuluri li fis-snin sebgħin, intagħżlu wkoll biex ġabu l-firda - kultant murija b'ħamallaġni u b'injoranza liema bħalhom - bejn iż-żewġ partiti politiċi Maltin ewlenin.

L-istorja li tagħtina Carmen Lia turina kemm ħadmu nies, kemm taw u ntefqu flejjes fi ħtiġijiet għall-każin King George V, u f'teżori għall-knisja tal-Parroċċa li llum - bħal ħafna knejjes oħra - hija mimlija rikkezzi xhieda ta' l-impenn nisrani tagħna l-Maltin.

Mit-twelid ta' dan il-każin, tmienja u tmenin sena ilu, il-mexxejja kellhom f'moħħhom li l-Imqabbin ikollhom fejn iqattgħu siegħa flimkien, li min irid ikollu fejn imur jitgħallem il-mużika, u biex ikun hemm min jieħu ħsieb jorganizza l-festi esterni ta' Santa Marija, it-titular tal-Parroċċa. Mill-istorja ta' Lia, jidher ċar li s-sehem tal-Każin fil-ħajja ta' l-Imqabba kien wieħed kbir. U fl-1945 twieldet l-Orkestra *Santa Marija* li ppreżentat l-ewwel Kunċert Sinfoniku tagħha fil-pubbliku, fl-Imqabba, nhar it-12 ta' Awissu 1945. Id-diffikultajiet finanzjarji li dejjem ħabbtu wiċċhom magħhom dawk kollha li jidħlu għal xogħol volontarju bħal dan, kienu l-kawżi li sa sentejn wara l-Orkestra nbidlet f'banda u hekk baqgħet sal-ġurnata ta' llum.

L-isem *Soċjetà Santa Marija u Re Ġorġ V*, mogħti bil-għan li tissaħħaħ ir-rabta bejn il-Każin tal-Banda u l-festa titulari ta' Santa Marija mar-reviżjoni ta' l-istatut ta' l-istess soċjetà tmien snin ilu, jiġbor fih storja ta' ħidmiet li fallew u oħrajn li rnexxew, storja ta' piki, firdiet bla bżonn, interessi egoistiċi, u azzjonijiet li ma jagħmlu ġieħ lil ħadd, imma fuq kollox jiġbor fih storja ta' mħabba, storja ta' żelu, storja ta' nies li għal Ommna Marija - l-akbar rabta tagħna mas-Sema - iddedikaw il-ħin liberu tagħhom, taw minn ġidhom, u hemm ukoll min ta ħajtu fit-traġedji li seħħew fi splużjonijiet tan-nar li lilhom niddedika din ir-reċensjoni.

# BELLIZZI TRAVEL & INSURANCE

"El Paradiso", Triq Matteolo Saliba, Zurrieq. ZRQ 02
Tel 642519 Tel/Fax 689791

Jekk għandek bżonn taqta' Biljett ta' l-ajru jew tal-Katamaran, tibbukkja Tour/Ġita, Lodging barra minn Malta, Coach Tour minn Londra bi Prezzijiet irħas, jew xi ħaġa oħra li għandha x'taqsam mas-Safar

*Agħmel bħal ħaddieħor ........................... Ejja għandna......................*
*Tinqeda xorta............................................ u Malajr...............................*

Jekk għandek bżonn tagħmel Transfer jew Insurance għall-karozza, dar, ħanut, kaċċa, safar, life jew Personal Accident

*Agħmel bħal ħaddieħor ........................... Ejja għandna......................*
*Tinqeda xorta............................................ u Malajr...............................*






# die ECKE

# Stationery & Toys

*Mons. M. Azzopardi Str.*
*Siġġiewi*

*Tel: 463403*

# Il-Familja fi Ħdan il-Madonna

L-Isbaħ warda li xxettlet f'mixtlietna
bi sbuħitek għaxxaqt lill-Ġennien.
Qalbu tkebbset għalik bl-għola mħabba,
kompliet kibret mal-medda taż-żmien.

L-Ifjen warda li tfewwaħ il-ġonna
ismed duwa w fejqan għall-marid.
Għalhekk ismek ġo qalbna Madonna,
lilu jonqox kull Malti irid.

Din il-Knisja mill-isbaħ imżejna,
f'dan il-jum, hekk għal qalbek sabiħ.
B'Ġesù Ibnek li lilna wisq ħabbna
tridna ngħixu, kuljum Int għalih.

Ibqa' magħna u bierek lil djarna
għożż liż-żgħażagħ u żommhom safjin,
bogħod mid-drogi, qerrieda misħuta
farraġ dejjem lil dawk imnikktin.

Inressqulek lill-morda Marija
li dawn żgur, dejjem fik jittamaw,
biex tneħħilhom, malajr it-tbatija
u l-fejqab dawn ifittxu jaraw.

Ibqa' bierek Madonna l-familja
saħħaħ l-għaqda lil dawk miżżewġin,
ħalli b'hekk, dawn l-ulied ta' l-Imqabba
jgħixu hienja u lkoll magħqudin.

Int Madonna, Omm Dak li wisq ħabbna!
Ried imħabbtek, u tnissel ġo fik
biex tkun tista' toffrih Int lid-dinja
u b'omm tagħna, ried Lilek jagħtik.

Kif saħħartna b'imħabbtek Madonna
meta tagħna, Int ridt li tkun Omm.
Inti tridna li lkoll niġu l-Ġenna
biex fi ħdanek, Int lilna żżomm.

Ersaq lejna w ħaddanna O Madonna
bit-tbissima tant ħelwa f'ħaddejk
biex nisimgħu t-taħbit ta' ġo qalbek
u din qalbna, bil-hena tfur ħdejk.

Ibqa' fostna minn qalbna ngħidulek,
kabbar fina l-imħabba għad-Din,
idħol f'djarna, l-bieb beraħ nifthulek
hawn fl-Imqabba, bil-wisq bik kburin.

Qegħdin infakkru, l-erba' mitt sena
għax kburin b'dil-Parroċċa qatigħ,
għalhekk żgur jixirqilha minn qalbna
li nagħtuha lkoll l-għola ġieħ.

Tpaxxa mela O ħelwa Madonna
b'dil-Parroċċa tat-twajba Mqabbin,
li xbihetek ġo qalbna naqqaxna
għax żgur Bik, Omm Ħanina mgħaxxqin.

Ibqa' bierek Madonna l-Parroċċa
u ħarisha mill-hemm u t-tiġrib,
tħalli xejn u lil ħadd ma jifridha
fil-familji, dlonk Int l-għaqda ġib.

Kappillan, Kleru, Poplu Mqabbi
f'dal jum, miġburin għalenija
biex flimkien, u b'vuċi qawwija
ngħidu, Viva Santa Marija.

**Qormi** **Carmel Bianchi**

# SUPER 5 39

## Jirbħu dawk li jaqtgħu

4 NUMRI

5 NUMRI

3 NUMRI

Tagħżel 5 numri minn 1 sa 39
It-tlugħ tan-numri rebbieħa tas-Super Five jixxandar dirett
fuq Television Malta nhar ta' Erbgħa
Biljett jiswa 50 ċenteżmu u jinxtara mill-banek tal-lottu.

# L-Istatwa titulari ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni għat-tieni darba fl-istorja tagħha ġewwa ż-Żejtun - *isir tindif tal-fidda tal-pedestall sarkofagu*

minn Ms Carmen Lia B.Ed.(Hons.), B.A.

***Wara rikors preżentat fil-Kurja Arċiveskovili mill-Kappillan tal-Parroċċa r-Reverendu Joseph Bartolo, ingħata permess biex isir restawr fuq il-fidda tal-pedestall ta'l-Istatwa artistika ta' Santa Marija u wkoll biex jitnaddaf is-sandli tad-deheb u l-istellar ta' l-istatwa.***

L-istatwa fuq il-pedestall ittieħdet fuq trakk għand Tarcisio Cassar fiż-Żejtun mill-partitarji tas-Soċjetà Santa Marija s-Sibt 30 ta' Mejju 1998 sabiex għat-tieni darba fl-istorja ta' din l-istatwa maħduma mill-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia fl-1836, kienet tinsab ġewwa ż-Żejtun. Ix-xogħol ta' restawr tal-fidda tal-pedestall beda dakinhar stess, jiġifieri fit-30 ta' Mejju 1998 u kompla matul il-ġranet tal-ġimgħa kollha nklużi l-Ħdud.

## *Restawr tal-pedestall għall-ewwel darba mill-1928 'l hawn*

L-ewwel biċċa xogħol iebsa kienet biex titneħħa l-istatwa minn mal-pedestall tal-fidda. Din aktarx kienet l-ewwel darba li l-istatwa nqalgħet minn mal-pedestall tal-fidda għaliex kull meta kienet indurata l-istatwa, l-induratur qatt ma qala' l-istatwa minn mal-pedestall. L-istatwa kienet marbuta mal-pedestall permezz ta' erba' viti kbar ta' l-injam ta' kwalità tajba ħafna u b'diversi viti żgħar tal-metall. L-injam fil-wiċċ u fil-qiegħ tal-pedestall tneħħa biex ix-xogħol isir aħjar. Imbagħad il-pedestall iżżarma f'aktar minn mitejn biċċa tal-fidda li kienu mnaddfa sew bil-kimika. Il-qafas tal-fidda tnižżel ukoll fil-kimika wara li tneħħa l-qafas ta' l-injam ta' ġewwa. Id-daqqa fuq l-arzella tal-pedestall li kienet saret fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, aktarx meta l-ħġieġ tan-niċċa nkiser sewwa sew fid-9 ta' April 1942 f'attakk aħrax mill-għadu fuq ir-raħal tagħna, tħalliet tidher u ma tneħħietx.

## *Kitba fuq l-injama tal-wiċċ tal-pedestall*

Interessanti ferm kienet kitba bil-lapes li dehret meta l-istatwa tneħħiet minn mal-pedestall u forsi għall-ewwel darba wieħed seta' jaqra dawn il-kliem fuq l-injama tal-wiċċ tal-pedestall fejn titpoġġa l-Istatwa: *"Mounted 7th August 1928"* u wkoll *"To be inaugurated on the 11th inst."*. Kien hemm ukoll id-data *"7/8/1928"*. Dawn id-dati juruna li l-Istatwa ta' Santa Marija tneħħiet minn fuq il-qabar ta' l-injam maħdum mill-istess Xandru Farrugia u li kien ilu jintuża fil-festi kollha ta' Santa Marija mill-1836 sa l-1927 u ġiet immuntata fuq il-qabar ġdid tal-fidda li kellu



*Il-pedestall wara li ġie mnaddaf.*

# BARON CONFECTIONERY

*Żurrieq Branch*

***Caters for Parties, Weddings, Engagements, Baptisms, etc., and also Souvenirs for all occasions.***

**Dun Ġużepp Żammit Street, Żurrieq ŻRQ 04**
**Tel: 640819**

*Business Hours:*
*All mornings except Mondays: 7.00 a.m. - 12.00 p.m.*
*All evenings except Sundays: 4.00 p.m. - 7.00 p.m.*

# D'AMATO FINE TUNES

**Piano & Pipe Organ: Servicing, Rebuilding, Tuning: Supply & Rental**

**Sonata Building, Bronja Street, Żurrieq, Malta**
**Tel/Fax 685326 Mobile 099 5828**



# MQABBA RADIATORS

Triq is-Saljatura, Mqabba
Tel: 685826



*Għal Tiswija u Bejgħ ta' kull tip ta' Radiators,*
*Xogħol garantit, Materjal ta' Kwalità*

PREZZIJIET RAĠONEVOLI

jservi bħala pedestall, fis-7 ta' Awissu 1928. Kien imbagħad is-Sibt 11 ta' Awissu fil-5.30 ta' wara nofsinhar li kien inawgurat il-pedestall. Fuq l-injama tal-wiċċ issa nsibu miktub ukoll *"Tarcisio Cassar 1998 Żejtun"* u fuq l-injama ta' ġewwa nkiteb mill-Kappillan Dun Joseph Bartolo li l-fidda kienet imnaddfa fi żmienu.

Wara li sar it-tindif, din l-opra dehret sabiħa immens. Ħarsa lejn il-pedestall wieħed seta' jinnota li l-emblemi huma differenti fuq il-quddiem u l-wara. Fuq quddiem insibu kuruna u iskrizzjoni bil-Latin:-

HOD
MICABENSES
GRATI ANIMI
MONVMENTVM
AN.MCMXXVIII
D.D.

Fuq wara nsibu n-Nome di Maria u l-iskrizzjoni bil-Latin:

MARIA
NOS. AD. VNVM
OMNES
MATER. IN FILIOS
RECIPE.

Fuq in-naħa tax-xellug tal-pedestall, arma ta' l-Imqabba u weraq taż-żebbuġ; fuq il-lemin, warda tal-Madonna u l-arma tal-Papa.

Fuq il-pjanċa tal-fidda li ssorġi fuqha l-istatwa nsibu miktub *"Segno del Maestro Abramo Gatt"* u *"Esecuzione della Ditta Antonio Ghezzi e Figlio - Milano"*. Ma nsibu ebda ċertifikat tal-kwalità u l-finezza tal-fidda li però aktarx hija ta' 900 milleżmi.

Il-ġmiel ta' dan is-sarkofagu tal-fidda jidher iżjed issa li tnaddaf minn Tarcisio Cassar u ser ikompli jsebbaħ l-istatwa ta' Santa Marija ta' l-Imqabba.

2/7/98

*Kitba li saret fuq il-pedestall min-naħa ta' ġewwa.*






il-Veduta

**Saqqajja Square - Rabat**

*We are open daily as follows:*

**Cafeteria** from 10.00am - 11.00pm
**Restaurant/Pizzeria** from 11.00am - 3.00pm; 6.00pm - 11.00pm

**Take Away Service also available**

**For reservations phone 454666**
**& Telefax: 454660**

# CONCORDE MINI MARKET

Triq Karmenu Ciantar, Mqabba

*Prop: Mario Formosa*

Tel: 680922

*Għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħek kollha.*

*Kumdità - Għażla Ħielsa*

*u Prezzijiet Moderati*

NAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA LILL-IMQABBIN KOLLHA



STAR BRITE DRY CLEANING

# Starbrite

Dry Cleaning

*Triq Tas-Sejba, Mqabba*

*Tel/Fax: 683367*



# A. Ferriggi

Hand Tools Supplier

*Available from all leading ironmongeries*

'Fiorella', 46, Triq Ġużè Abela, Żejtun.

Tel: 673719 Mobile: 097 5154

# Lir-Raħal ta' l-Imqabba f'għeluq l-erba' mitt sena Parroċċa.

Mal-Gudja u Ħal Luqa
imdawwar flimkien
Kirkop u Ħal Safi
u anke Ħal Tarxien.

U ltqajt jien ma' xwejjaħ
li f'dan il-post kien trabba
u qalli dar-raħal
kienu jismu Mqabba.

U żidt jien insaqsi
lil dar-raġel xiħ
U għidtlu biex jgħidli
x'għadda mingħalih.

U beda biex qalli
bla tlaqliq ta' xejn
li kien sew Novembru
tat-tmienja u disgħin

Li l-Isqof Gargallo
bla ebda intopp
fired lill-Imqabba
minn ma' Ħal Kirkop.

U b'xewqa hekk kbira
li kellu ġo fih
lil Santa Marija
patruna jagħtih.

U snin komplew gerrbu
u laħaq Dun Piet
u wera fis xewqtu
knisja jibni ried.

Lili rrakkonta
dejjem dan ix-xiħ
u jien nisma' sewwa
mingħajr immerih.

Bolonja l-kanonku
qalli mingħalih
li sista biex jibni
tempju kbir sabiħ.

Sew fl-elf u sitt mija
u disgħa u disgħin
tlestiet din il-knisja
mingħajr ebda dejn.

Kemm ħadem u stinka
Dun Anġlu Mallia
biex tlesta dat-tempju
f'ġieħ Santa Marija.

Imqabbi jiftakar
li kien l-arluġġar
li żejjen tat-tempju
is-sbejjaħ kampnar.

U waqaf dan ħesrem
u ersaqt qrib lejh
u rajtlu jien demgħa
ġelben ma' ħaddejh.

Fakkarni fil-gwerra
il-bombi neżlin
bil-qilla bla ħniena
fuq djar l-Imqabbin.

U qalli fis-siegħa
kien sema' splużjoni
li ġarrfet lill-koppla
u l-kappellun tal-Kunċizzjoni.

"Mort niġri", dan qalli
"rajt kollox munzell
sa l-altar imqaddes
l-irħam u t-tużell".

"Maż-żmien kollox tranġa
u reġa' għal li kien"
hekk qalli dax-xwejjaħ
tħassartu miskin.

U fl-aħħar dan qalli
"Ejja miegħi ħija
ħalli nieħdok tara
lil Santa Marija".

U tbissem u ħares
b'għajnejh kollha dmugħ
lejn Ommna tas-sema
bil-ġisem u r-ruħ.

Qalli: "Din ħadimha
Xandru taż-Żejtun
bi ġmielha nitgħaxxaq
għandi jien raġun?"

Kif dort biex inwieġbu
ma rajtu mkien
stenbaħt f'salt mill-ħolma
xtaqt bqajna flimkien.

L-istorja li qalli
saħħritni tassew
ħadt pjaċir nismagħha
għalkemm snin għaddew.

Is-snin illi gerrbu
eżatt erba' mija
tar-raħal tant sbejjaħ
ta' Santa Marija.

Patrick Mallia
Birkirkara
26.5.98

# CHARLES BUGEJA

INTERIOR DECORATOR

***Specialising in:***

SOFFITS
CORNICE
WALL PAPER
CARPET FITTING
PARQUET FLOORING

c/o 26, Church Square, Mqabba ZRQ 08 • Tel: 685727



*No 1 for price and quality*

# HORACE ENTERPRISES LTD

TROPHIES & SPORTS GOODS IMPORTER & WHOLESALER

Horace Micallef
*Director*

*Office:* Vjal it-Torri, Gudja ZTN 11
*Stores:* Triq Ray Caruana, Gudja
Tel: (356) 696302 Fax: (356) 693397



Step in

# SNACK BAR & TAKE AWAY

Wied iż-Żurrieq, Malta Tel: 683104
(Prop. Michael Vella)

**A friendly reception awaits at the Step In Snack Bar & Restaurant at Wied iż-Żurrieq**
**Nawguraw il-festa t-tajba lill-Imqabbin**

***Also serving a wide range of snacks, including Pizza and a range of burgers & chips (Take-away also available)***

# SPITERI IRON WORKS



*Għal kull tip ta' xogħol ta' ħadid bħal:*

**RIXTELLI,**
**TURĠIEN,**
**LINEF,**
**FANALI,**
**GALLERIJI**, etc

*irrikorru*

**KIRKOP ROAD,**
**MQABBA**

*(ħdejn il-football ground taż-Żurrieq)*

**Tel: 640779**
**Mob: 099 8033**



# Pineapple

**Confectionery & Pastizzeria**

*Monday to Saturday: 7.00 a.m. to 7.00 p.m.*
*Sunday: 6.00 a.m. to 12.00 p.m.*



# J.B. TYRE SERVICE

**Valletta Road, Żurrieq.**
**Tel: 647155**

**Batteries, Punctures, Tyres, Alloy Wheels, Wheel Balancing**



# Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq...

### *Tirringrazzja lil...*

- Kummissjoni Banda li flimkien mas-Surmast u l-bandisti tal-post jaħdmu id f'id bla heda sabiex il-Banda jkollha suċċess.
- Mro David Agius u Mark Zammit li tul din l-aħħar sena mexxew l-iskola tal-mużika tas-Soċjetà.
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ li bħal dejjem tat kontribut kbir bl-attività ta' matul is-sena.
- Membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar li bħas-snin l-imgħoddija għamlu sena sħiħa xogħol, anke jekk b'sogru kbir għal ħajjithom, sabiex jerġgħu jagħtu spettaklu piroatekniku uniku għal pajjiżna.
- Fergħa tan-Nisa li wara sena ta' ġbir b'attivitajiet kontinwi se tiżżanżan pittura artistika oħra fis-sala tal-Każin.
- Il-grupp ta' l-Armar, inklużi n-nisa, kappillan u kleru tal-Parroċċa tagħna, li flimkien ma' għadd ta' voluntiera oħra, jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-Knisja.
- Dawk kollha li taw sehemhom f'xogħol manwali kif ukoll dawk il-kumpaniji li offrew kull għajnuna materjali.
- Pittur Għawdxi Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi għal xogħol sabiħ li għamel fil-pittura.
- Sur Carmelo Caruana, disinjatur tal-planċier għall-pariri siewja tiegħu.
- Baned kollha mistiedna għas-servizz li jagħtu waqt il-ġranet tal-festa.
- Dawk kollha li forsi nsejna nirringrazzjawhom. Nitolbuhom skuża ta' dan in-nuqqas tagħna. Ċerti li dawn il-persuni jifhmuna.

### *Tfakkar u titlob għal...*

- Soċi, Partitarji u Benefatturi li ħallewna matul is-sena li għaddiet.

## *Festa ta' Santa Marija 1997*
### *Rendikont taċ-Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja*

***DĦUL***

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | Lm 1511.60,0 |
| Ġbir fil-knisja | Lm 397.60,0 |
| **TOTAL** | **Lm 1909.20,0** |

***ĦRUĠ***

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 1996 | Lm 780.60,0 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | Lm 120.00,0 |
| Orkestra, organista, vuċijiet | Lm 768.00,0 |
| Daqq ta' qniepen | Lm 60.00,0 |
| Dwal fil-faċċata, koppla u kampnar | Lm 590.00,0 |
| Servizzi ta' fratelli u abbatini | Lm 50.00,0 |
| Fjuri | 195.50,0 |
| **TOTAL** | **Lm 195.50,0** |

| | |
|---|---|
| **Żbilanċ** | **Lm 654.90,0** |




FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

BLUE GROTTO AVE., ŻURRIEQ

TELEPHONE: 642396

